

# Ħidma tas-Servizz Pubbliku

FL-AĦĦAR TNAX-IL XAHAR

MEJJU 2021

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# Ħidma tas-Servizz Pubbliku fl-aħħar tnax-il xahar

MEJJU 2021

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061
Tel.: (+356) 2200 0000
Siti elettroniċi: www.opm.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

Cataloguing-in-Publication Data
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Ħidma tas-Servizz Pubbliku fl-aħħar tnax-il xahar, 2021
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2021
29.7, 21 cm

ISBN: 978-9918-95233-5

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara
mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €4.00

# Ministeri

| | |
|---|---|
| **OPM** | UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU |
| **MFH** | MINISTERU GĦAS-SAĦĦA |
| **MFEA** | MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ |
| **MSCA** | MINISTERU GĦALL-ANZJANI U L-ANZJANITÀ ATTIVA |
| **MRIC** | MINISTERU GĦAR-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI U L-KORDINAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA WARA COVID-19 |
| **MHAL** | MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI |
| **MTIP** | MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI |
| **MSFC** | MINISTERU GĦAS- SOLIDARJETÀ U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA U D-DRITTIJIET TAT-TFAL |
| **MJEG** | MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA |
| **MAFA** | MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI |
| **MSA** | MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI |
| **MFED** | MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI |
| **MEI** | MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, U L-INDUSTRIJA |
| **MISW** | MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA |
| **MECP** | MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR |
| **MGOZ** | MINISTERU GĦAL GĦAWDEX |
| **MHSE** | MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI |
| **MTCP** | MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR |
| **MESD** | MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-INTRAPRIŻA, U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI |
| **MFE** | MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL |

Daħla



# Din hija t-tieni darba li din il-pubblikazzjoni ħadet xejra usa’ mill-pubblikazzjonijiet ta’ qabel dwar il-ħidma tas-Servizz Pubbliku

**Mario Cutajar**
Segretarju Permanenti Ewlieni

It-tiġdid li kellna nagħmlu fis-Servizz Pubbliku tista' tgħid wettaqnieh jew qegħdin qrib ħafna li nwettquh. Issa rridu nkomplu nibnu fuq li għamilna u, fejn rajna li ma rnexxejniex kemm xtaqna, nibdlu jew nirranġaw. Issa jmiss li dak li ġġedded, jissaħħaħ sabiex niżguraw permanenza fl-istrutturi li investejna fihom.

Minn mindu ppubblikajna l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb, f'Settembru tas-sena l-oħra, seħħew avvenimenti li minnhom komplejna nitgħallmu.

Għat-tieni darba f'dawn l-aħħar xhur, parti kbira mis-settur pubbliku kellha toħroġ 'il barra mill-uffiċċji biex taħdem mid-dar. Konna konxji, permezz ta' studji li għamilna, li mhux kulħadd jieħu gost b'din iċ-ċaqliqa, anke jekk meħtieġa fiċ-ċirkustanzi tal-imxija li dawret ħajjitna, fejn saret iddominata mill-ġirja biex inrażżnu l-Covid-19. Din id-darba, għalhekk, konna f'pożizzjoni li noffru remote workspaces għal min ma setax jew ma xtaqx jaħdem mid-dar. Bdejna b'postijiet limitati imma sa tmiem is-sena se nkunu qed naraw li jkollna numru ġmielu minn dawn il-postijiet u dan kollu se jitħaddem b'policy ġdida dwar remote working. Din se tkun varata b'perjodu ta' tranżizzjoni li jwassalna naqilbu mit-teleworking kif nafuh illum għal dan il-kunċett ta' remote working. Għalija tappa oħra importanti immens għas-Servizz Pubbliku biex jilqa' għall-isfidi tal-ġejjieni u jikkonsolida ruħu bħala leader fil-qasam tal-work-life balance.

Is-soluzzjonijiet li qed infittxu u li qed naħdmu fuqhom mhumiex biss stejjer li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-Servizz Pubbliku, imma bħalma għandna dover li nagħmlu, qed jindirizzaw ħtiġijiet tas-soċjetà wkoll, kif ukoll inkunu ta' eżempju għal kumpaniji privati. Insemmi l-qalba għal flotta ta' karozzi governattivi jaħdmu bl-elettriku; insemmi l-ħidma li qed issir biex infasslu metodi u miżuri biex jitnaqqas drastikament l-użu tal-karta fil-ħidma tagħna; imbagħad il-ħidma biex ikollna sistemi ta' filing diġitali minflok dawk użati llum.

Fuq kollox qed naħdmu biex niffinalizzaw l-istrateġija meħtieġa biex mis-sena d-dieħla jkollna għall-ewwel darba pjan fuq medda ta' ħames snin li jistrieħ fuq tliet pilastri għat-twettiq tiegħu - in-nies, it-teknoloġija u s-servizz innifsu. Hekk kif inlestu l-istrateġija, irridu naraw li bħalma s-Servizz Pubbliku stess ippjana u wettaq it-tiġdid, issa wkoll jinġibed l-istess ħabel biex titwettaq l-istrateġija l-ġdida li trid issaħħaħ dak li bdejna.

Hawnhekk fejn jidħlu l-mezzi ta' komunikazzjoni tas-Servizz Pubbliku. Qegħdin naħdmu biex intejbu l-istrutturi f'dan il-qasam ukoll, biex l-informazzjoni dwar is-Servizz Pubbliku toħroġ b'mod eżatt u fil-ħin. Komunikazzjoni li tindirizza lill-klijenti esterni imma wkoll lill-impjegati pubbliċi. F'dak kollu li nagħmlu rridu li noffru permanenza u għalhekk jinħtieġu l-istrutturi, għax dawn joffru l-permanenza.

Din hija t-tieni darba li din il-pubblikazzjoni ħadet xejra usa' mill-pubblikazzjonijiet ta' qabel dwar il-ħidma tas-Servizz Pubbliku. Fejn filwaqt li xorta nagħtu rendikont tax-xogħol li sar matul is-sena biex il-piż tal-burokrazija jkompli jeħfief, ma niqfux hemm.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-burokrazija, din is-sena twettqu 79% tal-miżuri ppjanati. Dan ifisser li f'dawn l-aħħar snin, twettqu 'l fuq minn 1,070 miżura li permezz tagħhom tnaqqas il-piż tal-burokrazija. Filwaqt li l-burokrazija bilfors tibqa' teżisti għax hi dik li toffri permanenza, għandna nibqgħu attenti ħalli l-burokrazija ma taħrabx bina u tispiċċa terġa' xxekkel is-servizz liċ-ċittadin.

Ħajr lill-ħaddiema kollha tas-Servizz Pubbliku għall-ħidma li saret f'dawn l-aħħar xhur kif ukoll għall-impenn biex sena wara sena, naslu għar-riżultati mixtieqa.

# L-indikaturi tas-Servizz Pubbliku

F'dawn l-aħħar snin saru riformi kbar fis-Servizz Pubbliku biex minn problema politika, sar jirbaħ l-awards. Li jsiru r-riformi biss mhuwiex biżżejjed. Wieħed irid janalizza kollox permezz ta' indikaturi, biex b'hekk jinduna jekk it-tibdil li sar kienx pożittiv u kif qed jiġi milqugħ mill-klijenti. Fuq kollox, dawn l-indikaturi jgħinuna biex fejn għandna nibqgħu ntejbu, inkomplu ntejbu. F'dan il-kapitlu se nagħtu dettalji tal-iktar figuri importanti għas-Servizz Pubbliku minn ottika nazzjonali u internazzjonali, biex nifhmu aħjar ir-rendiment tas-Servizz Pubbliku.

## Ir-riżultati tal-Eurobarometer u ta' TheGlobalEconomy.com

Il-Eurobarometer, ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea, ilu jsir mill-1974 u jsir darbtejn f'sena. L-informazzjoni ta' dan il-barometru tinġabar permezz ta' servejs, li jsiru permezz ta' madwar 500 intervista f'kull pajjiż. Permezz tal-Eurobarometer, il-Kummissjoni Ewropea tħoss il-polz tal-popli Ewropej.

Mill-2016, jiġifieri mill-Eurobarometer numru 85 (Mejju 2016), il-Kummissjoni Ewropea bdiet tiġbor tagħrif dwar kemm l-Ewropej jafdaw lis-Servizz Pubbliku ta' pajjiżhom. Is-Servizz Pubbliku Malti dejjem kiseb riżultati ħafna aħjar mill-medja tal-pajjiżi Ewropej. Fl-ewwel servej li sar fl-2016, kienu 56% tal-Maltin li qalu li għandhom fiduċja fl-amministrazzjoni pubblika, kontra l-45% tal-medja tal-pajjiżi Ewropej. Kieku kellna naraw l-aħħar figuri ta' Eurobarometer 93 f'Awwissu tal-2020, il-fiduċja tal-poplu Malti fis-Servizz Pubbliku għoliet għal 64%, jew 12-il punt aktar mill-medja Ewropea.

Għall-mistoqsija ta' kemm in-nies għandhom fiduċja fil-gvern, il-Eurobarometer ta' Awwissu 2020 ukoll wera riżultati sodisfaċenti fejn 58% tal-poplu Malti jafdaw lill-gvern, kuntrarju għall-medja ta' 40% fl-Ewropa. Għalkemm dan huwa indiċi li jirrifletti l-aktar fuq kif ikun għaddej il-Gvern, jekk inqisu l-Amministrazzjoni Pubblika bħala l-id amministrattiva tal-Gvern, u l-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku li tradizzjonalment jissejħu ħaddiema tal-Gvern, ukoll wieħed jista' janalizza sens ta' kuntentizza bid-direzzjoni li fiha mexjin il-pajjiż u s-Servizz Pubbliku. Dawn il-figuri ġew ikkonfermati b'servejs li saru lokalment minn akkademiċi.

Is-sit **www.theglobaleconomy.com** jiġbor fih statistika interessanti dwar business u ekonomija fuq 200 pajjiż. L-istatistika tinkludi figuri bħal Prodott Gross Domestiku, rati ta' interess, impjiegi, turiżmu u kriminalità, li jinkisbu minn madwar id-dinja minn organizzazzjonijiet magħrufa bħall-UNESCO, il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali. Huwa sit li ilu mwaqqaf mill-2012 iżda jipprovdi statistika anke dwar is-snin ta' qabel.

Fl-indiċi għas-Servizzi Pubbliċi, l-istatistika għal Malta tmur lura għall-2007. L-indikaturi mkejla għas-Servizzi Pubbliċi jagħtu ħarsa lejn għadd ta' fatturi u funzjonijiet li jinkludu s-servizzi essenzjali bħal saħħa, edukazzjoni, ilma u infrastruttura, kif ukoll x'livelli ta' protezzjoni joffri s-Servizz Pubbliku lin-nies, bħal pereżempju kontra t-terroriżmu u l-vjolenza, permezz ta' policies tajbin. Indiċi ta' 0 jfisser Servizz perfett, filwaqt li l-agħar riżultat li jista' jinkiseb huwa ta' 10. Malta kisbet l-aħjar riżultat tagħha proprju s-sena l-oħra meta akkwistat indiċi ta' 1.4. L-agħar riżultat f'dan l-indiċi ġie akkwistat fl-2009 meta Malta kisbet indiċi ta' 3.5. Sabiex inqabblu, ibbażat fuq ċifri minn 176 pajjiż, il-medja f'dawn il-pajjiżi kollha hija ta' 5.

Malta tinsab fl-20 post fil-klassifika minn 176 pajjiż. Fost pajjiżi li naqbżu nsibu l-Ingilterra, l-Irlanda, Spanja, il-Lussemburgu u l-Italja. Dan ukoll huwa riżultat sabiħ u inkoraġġanti għas-Servizz Pubbliku.

# Is-Servizz Pubbliku Malti dejjem kiseb riżultati ħafna aħjar mill-medja tal-pajjiżi Ewropej




Source: www.theglobaleconomy.com

# Digital Economy and Society Index

Statistika oħra li wkoll inkunu qed nistennew minn sena għal sena hija d-Digital Economy and Society Index, fil-qosor imsejjaħ DESI. Dan l-indiċi, ukoll ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea, jagħti ħarsa dettaljata lejn il-progress tal-membri tal-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam ma' kompetittività diġitali. L-istruttura tad-DESI tħares lejn ħames komponenti fundamentali li huma l-konnettività, il-kapital uman, l-użu tal-internet, l-integrazzjoni tad-diġitalizzazzjoni fil-kummerċ, u l-eGovernment.

F'dawn l-aħħar seba' snin sar investiment bla preċedent ta' 150 miljun ewro fit-teknoloġija. Flejjes li ntefqu bi strateġija ċara ta' fejn irridu naslu, fejn l-għan huwa servizz diġitali b'saħħtu fejn il-klijent ikun kapaċi jieħu s-servizz meħtieġ anke meta jkun fil-kumdità ta' daru.

Fl-2020 Malta kklassifikat fil-ħames post f'dan l-indiċi. Ikklassifikati aħjar minna stajna nsibu l-Finlandja, l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Olanda. Fost il-pajjiżi li qbiżna nsibu l-Ġermanja, l-Italja, l-Awstrija, Spanja, il-Belġju u l-Ingilterra. F'dak li għandu x'jaqsam ma' teknoloġija u kemm in-nies jistgħu b'faċilità jikkomunikaw mas-Servizz Pubbliku permezz ta' e-forms, ġie nnutat li mill-2018 kienet proprju Malta li għamlet l-ikbar progress (7%), bil-Ġermanja u Spanja ikollhom titjib ta' 6%. Malta saħansitra kisbet l-ewwel post f'dawk li jissejħu pre-filled forms. Dawn huma formoli li jiġu ppreżentati lill-klijenti tagħna mimlijin lesti, u dak li jkun ma joqgħodx jimla l-formoli mill-bidu. Malta kisbet punteġġ ta' 100%.

Figure 85 Pre-filled forms (Score 0 to 100), 2019




Source: eGovernment Benchmark, Capgemini

Figure 86 Online service completion (score 0 to 100), 2019




Source: eGovernment Benchmark, Capgemini

Fuq kemm tista' tinqeda online, Malta wkoll kisbet l-ewwel post b'punteġġ massimu ta' 100%.

Wieħed mill-indikaturi fejn nistgħu mmorru aħjar, u li għaddej xogħol intensiv fuqu, huwa dak li jissejjaħ "open data". Hawnhekk qed nitkellmu dwar metadata, meta s-sorsi kollha li jiġbru l-informazzjoni jitkellmu ma' xulxin b'mod awtomatiku biex jiġi attwat fil-komplet il-Once Only Principle. Hawnhekk ninsabu taħt il-medja Ewropea – hija problema li ġejja mill-fatt li storikament id-databases ta' kull dipartiment ma kinux jitkellmu ma' xulxin. Hawnhekk hawn ukoll sfidi kbar minħabba l-protezzjoni tad-dejta. Is-Servizz Pubbliku għaddej b'xogħol kbir biex dak kollu li qed isir ikun konformi mal-protezzjoni tad-dejta u eventwalment naslu f'punt fejn l-utent ikun jista' jkun jaf kif u minn min intużat id-dejta personali tiegħu.

Kollox ma' kollox, id-DESI wkoll qed juri li sar progress kbir fid-diġitalizzazzjoni u jagħtina enerġija kbira biex infasslu l-istrateġija ġdida għal wara l-Mapping Tomorrow.

Mingħajr ma wieħed jidħol wisq f'dettalji, filwaqt li Malta kienet fis-seba' post fl-2018, issa tlajna għall-ħames post b'punteġġ globali ta' 62.7% - jew 10% aktar mill-medja Ewropea.



# Servizz għand in-nies

Indikatur ieħor li s-Servizz Pubbliku qiegħed hemm għan-nies huwa kemm fil-verità l-pubbliku qed ifittex is-servizz u jekk hux qed juża l-għodod li qed nagħmlulu disponibbli.

Jekk nitkellmu dwar il-website ta' servizz.gov, din iġġenerat traffiku ta' 3 miljun page view f'sena waħda biss, filwaqt li servizz.gov irċieva madwar 16,000 ittra elettronika fl-2020. Is-servizzi governattivi fuq il-mowbajl issa qabdu sew, peress li hemm disponibbiltà ta' 'l fuq minn 73 mservice. Is-suċċess ta' servizz.gov huwa dovut anke għall-fatt li ma nesiex lil min forsi mhux daqstant familjari mat-teknoloġija.






Fit-23 one-stop-shop ta' servizz.gov li jinsabu mferrxin ma' Malta u Għawdex, jiġu offruti mrewħa sħiħa ta' servizzi, 'il fuq minn 1,500 taħt saqaf wieħed. Fi kważi ħames snin, kien hemm madwar 300,000 klijent li żaru dawn iċ-ċentri, bin-numri dejjem jiżdiedu.



# U jekk fl-2015 kellna medja ta' 2,000 telefonata fix-xahar lill-freephone 153, **matul is-sena 2020 l-istess freephone irċieva mad-950,000 telefonata**

Dwar il-freephone 153, servejs ikkummissjonati mill-aġenzija servizz.gov urew li 60% tal-popolazzjoni semgħu bil-freephone 153 waqt li 55% tal-popolazzjoni xi darba jew oħra użaw dan is-servizz. Minn dawk kollha li użaw is-servizz tal-153, 69% kienu sodisfatti bis-servizz li ngħataw.

Is-Servizz Pubbliku joffri lill-klijenti tiegħu 2,000 servizz li f'sena jammontaw għal kważi 13-il miljun interazzjoni mal-klijenti.

Dan kollu huwa parti minn viżjoni - li s-servizz jingħata bl-ogħla kwalità, fi żmien qasir u bla taħbil il-moħħ għall-klijent.

# Twettiq



Dan huwa Servizz Pubbliku li jwettaq u għalhekk mhux ta' b'xejn li l-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella, isejjaħlu bħala sinsla tal-pajjiż. Iddaħħlet mentalità ġdida ta' governanza u kontabilità. Huwa għalhekk li s-Servizz Pubbliku joħroġ erba' kotba fis-sena, biex dak li jkun twettaq, u anke dak li ma jkunx, jitpoġġa taħt l-iskrutinju tal-poplu.

Kien fl-2014 li ttieħdet id-deċiżjoni li sabiex is-Servizz Pubbliku jsir iktar trasparenti f'ħidmietu, il-miżuri li jitħabbru mill-Gvern fil-Baġit ma kellhomx jintesew u ħadd ma jkun jaf x'sar minnhom. Permezz ta' strutturi li twaqqfu apposta u li taw permanenza u uniformità lill-mod kif isir dan it-tip ta' rapportaġġ, il-miżuri tal-Baġit mhux biss jibqgħu taħt għajnejna imma ta' kull xahar is-Servizz Pubbliku jagħti rendikont tagħhom lill-Kabinett tal-Ministri. Dan huwa xogħol kordinat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Fl-2015 ħarġet l-ewwel pubblikazzjoni, fejn ġie rrappurtat xi twettaq mill-Baġit tal-2014. Din il-pubblikazzjoni baqgħet toħroġ kull sena. B'kollox twettqu 'l fuq minn 1,600 miżura tal-Baġit. Fil-pubblikazzjonijiet jingħata rendikont ta' kull miżura, jekk hux imwettqa, jew jekk hux qiegħda fil-proċess li titwettaq. Jekk miżura tkun għadha mhux magħluqa, xorta ma titlaqx mir-radar imma tibqa' segwita attivament sakemm tingħalaq. Apparti l-miżuri tal-Baġit 2020, is-Servizz Pubbliku implimenta numru kbir ta' miżuri oħra b'rabta mal-imxija tal-Coronavirus li permezz tagħhom ġew salvati 93,000 impjieg.

Fl-ewwel introduzzjoni tiegħu għall-pubblikazzjoni tal-2015, is-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Mario Cutajar, qal hekk:

Fl-istess sena, ħarġet għall-ewwel darba pubblikazzjoni bil-miżuri ta' simplifikazzjoni li wettaq is-Servizz Pubbliku fl-2014. Anke hawnhekk, amministrazzjoni ġdida fis-Servizz Pubbliku wriet determinazzjoni u tefgħet il-mostru tal-burokrazija taħt il-lenti biex tittieħed azzjoni mingħajr telf ta' żmien. Għalkemm elementi ta' burokrazija jwasslu għal Servizz Pubbliku kontabbli u permanenti, il-burokrazija żejda, speċjalment fl-għoti tas-servizzi, kienet issue politika fl-2012. Fl-ewwel pubblikazzjoni jissemma kif għas-Servizz Pubbliku s-simplifikazzjoni tal-proċessi kienet fuq quddiem fil-proċess ta' tiġdid – b'deċiżjonijiet fil-ħin u bi proċessi iqsar. It-titjib huwa tajjeb għaċ-ċittadin, għan-negozji u għas-Servizz Pubbliku nnifsu. Mill-2014 sal-lum, is-Servizz Pubbliku wettaq 'il fuq minn 900 miżura ta' simplifikazzjoni.

> Dan hu rapport li nbena b'metodoloġija ċara ta' monitoraġġ kontinwu mill-Kabinett, tal-pjani għat-twettiq tal-miżuri mħabbra fil-Baġit għal din is-sena. Fejn kien hemm bżonn ta' reviżjoni tal-pjani f'nofs it-twettiq tagħhom, dan sar. Fejn il-pjani ma kinux qed jagħtu l-frott mixtieq, iddrittajniehom u fejn il-pjani riedu jinbidlu, ma ddejjaqniex inbiddluhom

Fuq kollox, qed nieħdu b'serjetà kbira l-kontabbiltà u l-governanza tajba. Dan meta, bil-kontra ta' kif kien isir fil-passat, ir-rapporti annwali tal-Awditur Ġenerali u l-każijiet tal-Ombudsman ukoll qed jiġu segwiti b'reqqa. Dawn ukoll jinġabru f'pubblikazzjonijiet annwali wara proċess ta' azzjoni. Jekk qabel ir-rapport annwali tal-Awditur Ġenerali kien jitpoġġa fuq xkaffa u ftit li xejn isir xogħol dwaru, fl-2020 is-Servizz Pubbliku rnexxielu jimplimenta 84% tar-rakkomandazzonijiet tal-Awditur. Dan apparti li qegħdin isiru iktar komuni rapporti li fihom l-Awditur mhux talli ma jsib xejn x'jikkritika, talli jingħata ċertifikat ta' best practice bħal pereżempju r-rapport dwar l-Awtorità Maltija tal-Mediċina.

Fir-rigward tal-każijiet li jaslulna mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, fl-aħħar pubblikazzjoni ġie rrappurtat li fil-każijiet li s-Servizz Pubbliku jkun għalaq, fi 98%, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jikkonfermahom bħala li ngħalqu b'mod sodisfaċenti. Is-Servizz Pubbliku reġa' wera kemm mhux biss jagħti kas tal-ilmenti li jaslu għand l-Ombudsman, imma jinvestigahom bis-serjetà u jaġixxi fuqhom. Is-sena l-oħra ngħalqu 337 ilment. Minn 148 każ li għadhom miftuħin, 80% ħdimna fuqhom u jinsabu għall-kunsiderazzjoni tal-Ombudsman. Fi kliem il-President ta' Malta, il-pubblikazzjonijiet tal-governanza tas-Servizz Pubbliku huma eżerċizzju mill-aqwa għal aktar governanza u kontabilità.

## Il-Ħaddiema fis-Servizz Pubbliku

Jekk qed isir dan ix-xogħol kollu bil-provi fis-Servizz Pubbliku, faċli nieqfu fuq din l-istatistika u nserrħu fuqha. Imma figura oħra daqstant ieħor importanti hija dik li tirrigwarda n-numru ta' ħaddiema li nsibu fis-Servizz Pubbliku.

Hawnhekk ukoll, insibu li ġie reġistrat titjib sostanzjali fil-persentaġġ ta' ħaddiema fis-settur pubbliku meta mqabbel man-numru globali ta' ħaddiema li jaħdmu bi qligħ fil-gżejjer Maltin. Dan huwa persentaġġ li jrid jittieħed ukoll f'kuntest ta' ekonomija b'rata għolja ta' tkabbir u rata ta' qgħad li storikament tinsab fl-aktar livelli baxxi.

Jekk wieħed imur lura lejn l-2008, f'figuri tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika wieħed isib li l-ħaddiema tas-settur pubbliku kienu jammontaw għal 28% tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fil-pajjiż. F'dik is-sena kien hawn 146,050 persuna jaħdmu, li minnhom 17,463 kienu jaħdmu għal rashom u 87,671 kienu impjegati f'kumpaniji privati. Sas-sena 2014, il-figuri baqgħu kważi l-istess fejn naraw li f'dik is-sena, il-ħaddiema fis-settur pubbliku kienu jammontaw għal 27% tan-numru nazzjonali tal-ħaddiema.

Dan il-persentaġġ, b'mod pożittiv, beda nieżel sew wara l-2014, fejn l-aħħar figuri f'Mejju tas-sena 2020 urew li l-persentaġġ tal-ħaddiema fis-settur pubbliku naqas b'mod drastiku meta mqabbel mal-ħaddiema fil-privat u issa qed jaqra 21%. Jiġifieri niżel b'sitt punti perċentwali f'sitt snin.

Interessanti kif varjaw il-persentaġġi tan-nies fis-Servizz Pubbliku, speċjalment b'dak kollu li ġejna bżonn f'din is-sena li fiha faqqgħet il-pandemija. Waqt li fl-2006 n-nurses u l-paramediċi kienu jiffurmaw 13% tas-Servizz Pubbliku, dan tela' għal 20%. It-tobba telgħu minn 2.6% għal 4.8%, kważi rduppjaw. Fis-settur edukattiv, settur ieħor importantissmu, minn 18% fl-2006, is-settur issa kiber għal 22%. Dan it-tibdil fis-Servizz Pubbliku juri Servizz b'saħħtu li dejjem ikompli jadatta għall-ħtiġijiet tas-soċjetà.

Jekk inħarsu lejn il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tmexxija tas-Servizz Pubbliku, hawnhekk ukoll għandna figuri prestiġjużi li jitfgħuna minn ta' quddiem, mhux biss fl-Ewropa imma fid-dinja.

Dan hekk kif f'seba' snin, mingħajr il-ħtieġa ta' kwoti, 46% tal-ogħla karigi fis-Servizz Pubbliku huma okkupati min-nisa – dan kontra l-21% li konna nsibu fl-2012, jiġifieri iktar milli rdoppja. Skont il-Women Leaders Index, il-medja fl-aktar 20 pajjiż żviluppat fid-dinja ta' nisa li jokkupaw l-ogħla karigi f'amministrazzjonijiet pubbliċi hija ta' 28%. Biex nagħtu eżempju żgħir, il-persentaġġ fl-Istati Uniti huwa ta' 34%, Franza 33% u l-Ġermanja 28%. Il-medja fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea skont dan l-istess indiċi hija ta' 34%. Malta allura qiegħda 12-il punt perċentwali ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea. Dan jixhed kemm l-amministrazzjoni tas-Servizz Pubbliku ma tagħmilx distinzjoni bejn is-sessi, filwaqt li toħloq opportunitajiet indaqs għal kulħadd.




N A O
MALTA






Nisa impjegati fis-Servizz Pubbliku

F'ċifri li għandna f'idejna ta' kemm is-Servizz Pubbliku qiegħed jirnexxilu jattira fi ħdanu ħaddiema nisa, insibu li filwaqt li fl-2008 l-ħaddiema femminili kienu jammontaw għal 35% tal-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku, illum il-ġurnata dan il-persentaġġ tela' għal kważi 48%. Meta mqabbel mal-privat, fejn 36% biss tal-ħaddiema huma nisa, dan jikkonferma kemm is-Servizz Pubbliku, mingħajr ħtiġijiet ta' kwoti imma permezz ta' miżuri favur il-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol, qiegħed jikkontribwixxi biex anke n-nisa jkunu parteċipi fid-dinja tax-xogħol.

Il-miżuri f'dan il-qasam mhux se jonqsu imma se jiżdiedu, speċjalment bl-introduzzjoni ta' remote working fis-Servizz Pubbliku li juri kemm is-Servizz Pubbliku jinsab pass 'il quddiem mill-kumpaniji privati.

# Tiġdid

It-tiġdid tas-Servizz Pubbliku sar kollu kemm hu mis-Servizz Pubbliku nnifsu. Mhux biss, imma s-Servizz Pubbliku għamel eżami tiegħu stess permezz ta' servejs xjentifiċi li saru mill-akkademiċi ewlenin il-Professur Frank Bezzina, Dekan tal-FEMA fl-Università ta' Malta, Dr Vincent Marmara, lettur fl-Università ta' Malta, u Dr Emanuel Camilleri, lettur anzjan fl-Università ta' Malta. Permezz ta' dawn l-istudji nkiseb aktar tagħrif dwar kif il-pubbliku ġenerali jħares lejn is-Servizz Pubbliku u anke kif l-impjegati stess iħarsu lejn xogħolhom. Fost l-aktar figuri importanti nsibu li 61% jemmnu li s-servizzi tal-Gvern tjiebu, li 74% jaħsbu li s-servizzi online tal-Gvern tjiebu, 64% tal-popolazzjoni jafu bit-tiġdid li sar fis-Servizz Pubbliku u 77% jafu b'servizz.gov u s-servizzi offruti.

26% tal-popolazzjoni użaw mservice xi darba jew oħra, waqt li 46% użaw xi servizz governattiv online.

Huma biss 16% tal-popolazzjoni li jemmnu li l-piż tal-burokrazija żdied meta mqabbel ma' snin mgħoddija.

Dawn is-servejs xjentifiċi qed jiġu kkumpilati f'pubblikazzjoni internazzjonali li se tkun ippubblikata ftit jiem oħra flimkien ma' rapporti dettaljati dwar l-istorja tal-amministrazzjoni pubblika Maltija.

Huwa importanti li servejs ta' dan it-tip jibqgħu jiġu kkummissjonati perjodikament ħalli tkun tista' ssir analiżi like with like u meta nsibu xi ħaġa sejra żmerċ, allura naraw kif insolvuha.

Ta' min isemmi li meta pubblikaturi internazzjonali saru jafu b'dawn ir-riżultati, iddeċidew li jippubblikaw dawn l-istudji u jġibu eżempju ta' Malta – bħala pajjiż ċkejken imma b'saħħtu.

# Konklużjoni

Is-Servizz Pubbliku għadu ma wasalx fejn għandna l-viżjoni li nwassluh. Wara li ġeddidna s-Servizz, issa jmissna niffukaw fuq it-tisħiħ tiegħu. Għad fadal ħafna xogħol li jrid isir b'galbu imma b'pass mgħaġġel. Huwa għalhekk li qed jitfasslu l-istrateġiji l-ġodda li għandhom jiggwidawna mis-sena d-dieħla għall-ħames snin li ġejjin, ibbażati fuq tliet pilastri importanti – is-servizz innifsu, it-teknoloġija u n-nies.

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni, is-Sur Mario Cutajar, dejjem isostni li ma għandniex niddejqu nħarsu lura u nanalizzaw, biex it-tajjeb nibnu fuqu u l-ħażin inwarrbuh. Fuq kollox, li nitgħallmu mill-iżbalji li setgħu saru u jekk għandna nieħdu żbalji, dawn ikunu żbalji ġodda.

2

# Studju akkademiku tar-riformi fis-Servizz Pubbliku

# Wara t-tiġdid li sar fis-Servizz Pubbliku mill-2013 ’il quddiem, is-Servizz Pubbliku analizza dak kollu li nkiseb, biex dak li hu tajjeb inkomplu ntejbuh waqt li dak li seta’ sar aħjar, jitjieb

Biex iwettqu analiżi dettaljata dwar l-effetti li ħallew ir-riformi, is-Servizz Pubbliku dar fuq tliet akkademiċi rinomati – il-Professur Frank Bezzina, Dekan tal-FEMA fl-Università ta’ Malta, Dr Vincent Marmarà, lettur fl-Università ta’ Malta, u Dr Emanuel Camilleri, lettur anzjan fl-Università ta’ Malta. Dan li ġew huwa sommarju ta’ dak li nstab minn dawn l-akkademiċi permezz ta’ għadd ta’ servejs li saru, kemm mal-pubbliku ġenerali kif ukoll internament mal-uffiċjali fi ħdan is-Servizz Pubbliku. Dawn l-istudji se jiġu ppubblikati internazzjonalment fejn is-Servizz Pubbliku Malti se jservi ta’ case study dwar riformi f’Servizzi Pubbliċi fi gżejjer.

L-istudju wera li minkejja l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija tal-Covid, is-Servizz Pubbliku ma naqasx milli jkompli joffri servizz ta’ eċċellenza. Is-sena 2020 u l-ewwel xhur tas-sena 2021 kienu prova ċara tal-ħidma kontinwa tas-Servizz Pubbliku sabiex jibqa’ viċin iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin. Dan huwa frott is-snin ta’ tiġdid, konsolidazzjoni u ppjanar li saru mill-2013 ’l hawn permezz tat-93 riforma li saru fost setturi differenti. It-tibdil li seħħ kien ta’ kull għamla, però l-iskop kien dejjem l-istess: li l-istituzzjoni pubblika fil-pajjiż tkun allinjata mal-ħtiġijiet u r-realtajiet soċjo-ekonomiċi tas-soċjetà Maltija kontemporanja.

Is-Servizz Pubbliku għandu passat twil. Sar ħafna xogħol sabiex l-operat tas-Servizz Pubbliku jitjieb b’mod konsiderevoli minn diversi lati: dak teknoloġiku; ta’ simplifikazzjoni u tnaqqis ta’ burokrazija; ta’ servizz ta’ eċċellenza; komunikazzjoni aħjar tal-operat tal-Gvern; investiment akbar fir-riżorsi umani u fit-taħriġ; kif ukoll rivoluzzjoni siekta fil-kwalità tal-proċessi amministrattivi.



Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr l-impenn tal-ħaddiema, b'mod speċjali l-frontliners u l-istaff amministrattiv, li bil-ħila tagħhom is-Servizz Pubbliku baqa' minn ta' quddiem minkejja ċ-ċirkostanzi l-ġodda. Għalkemm is-Servizz Pubbliku għad baqagħlu x'jadatta fid-dawl tal-bidliet, it-tendenzi u l-esiġenzi ġodda li ġabet magħha l-pandemija, il-ħaddiema wrew sens ta' solidarjetà u motivazzjoni sabiex ikomplu jtejbu u saħansitra jissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini. U din ma kinitx l-ewwel darba.

Skont stħarriġ li sar fost 600 ċittadin f'Awwissu tal-2020, 64% kienu jafu bit-tiġdid li qed isir fis-Servizz Pubbliku u 55.1% taċ-ċittadini jħossu li l-livell tal-kwalità tal-ħajja mar 'il quddiem mill-2013 'l hawn. L-istħarriġ wera li: 61% taċ-ċittadini jemmnu li s-servizzi tal-Gvern tjiebu u anke li l-mod li bih jopera l-Gvern sabiex joffri dawn is-servizzi liċ-ċittadin tjieb; 53% jaqblu mad-deċiżjonijiet li ħa l-Gvern dwar is-servizzi offruti; 58% taċ-ċittadini jemmnu li l-effiċjenza tal-Gvern fejn jidħol is-Servizz Pubbliku marret 'il quddiem; 64% taċ-ċittadini jħossu li s-servizzi li joffri l-Gvern għan-negozji tjiebu; 48% taċ-ċittadini (il-maġġoranza tal-parteċipanti) jaqblu li s-sistema regolatorja tal-Gvern tjiebet; u 74% taċ-ċittadini jaqblu li s-servizzi governattivi online ħadu qabża 'l quddiem.

Kien biss fejn jidħol il-mod li bih l-uffiċjali pubbliċi jinżammu responsabbli għall-mod kif iwettqu dmirijiethom fejn iċ-ċittadini fil-maġġoranza tagħhom (44%) ħassew li l-affarijiet baqgħu l-istess.

L-aktar inizjattivi li semgħu bihom iċ-ċittadini kienu: il-free childcare, il-Whistleblower's Act, servizz.gov u l-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti. Min-naħa l-oħra, l-inqas inizjattivi li semgħu bihom iċ-ċittadini kienu: il-mystery shopper li qed iwettaq is-Servizz Pubbliku biex jiċċekkja s-servizzi mogħtija, il-ħatra tal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni, u l-Quality Service Charters.

Skont l-istess ċittadini, l-aktar inizjattivi li ħadem fuqhom il-Gvern f'dawn l-aħħar snin kienu: l-introduzzjoni ta' sistema online fis-servizzi li joffri l-Gvern, l-introduzzjoni ta' sistemi u programmi biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-pajjiż, sistemi biex in-nies jingħataw opportunitajiet akbar biex jaħdmu, introduzzjoni ta' sistemi fuq il-mobile biex iċ-ċittadin ikun jista' jinqeda aħjar, u sistemi tas-saħħa online.

Min-naħa l-oħra, l-inqas inizjattivi li ċ-ċittadini jaħsbu li ħadem fuqhom il-Gvern f'dawn l-aħħar snin kienu: sistemi biex ikun hemm aktar trasparenza fl-operat tal-Gvern, sistemi biex il-poplu jkun aktar involut fid-deċiżjonijiet li jieħu l-Gvern, u l-introduzzjoni ta' sistemi biex impjegati pubbliċi jinżammu responsabbli/kontabbli għad-deċiżjonijiet tagħhom.

Rigward dawn l-istess inizjattivi, iċ-ċittadin ixaqleb aktar lejn il-pożittiv rigward il-mod kif ġew implimentati dawn l-inizjattivi fil-pajjiż. Fost l-aktar inizjattivi għal qalb iċ-ċittadini nsibu: is-servizzi governattivi online; it-tnaqqis ta' burokrazija fis-Servizz Pubbliku; is-servizzi li joffri l-Gvern għan-negozi; it-tip ta' servizzi li joffri l-Gvern b'mod ġenerali; u l-mod li bih jopera l-Gvern sabiex joffri dawn is-servizzi liċ-ċittadin. Il-maġġoranza assoluta taċ-ċittadini ma kinux jafu li l-Gvern wettaq 'il fuq minn 600 miżura relatata mas-simplifikazzjoni tal-proċessi.

L-istess stħarriġ sar fost 500 uffiċjal pubbliku f'Awwissu tal-2020. Tnejn minn kull tliet uffiċjali pubbliċi jħossu li l-livell tal-kwalità tal-ħajja mar 'il quddiem mill-2013 'l hawn. L-istħarriġ wera li: 77% tal-impjegati jemmnu li s-servizzi tal-Gvern tjiebu; 72% tal-impjegati jemmnu li l-mod li bih jopera l-Gvern sabiex joffri dawn is-servizzi tjieb; 63% tal-impjegati jaqblu mad-deċiżjonijiet li ħa l-Gvern dwar is-servizzi offruti; 47% tal-impjegati (il-maġġoranza tal-parteċipanti) iħossu li l-mod li bih l-uffiċjali pubbliċi jinżammu responsabbli għall-mod kif iwettqu dmirijiethom mar għall-aħjar; 60% tal-impjegati jħossu li l-professjonalità tal-uffiċjali pubbliċi fuq xogħolhom tjiebet; 64% tal-impjegati jemmnu li l-effiċjenza tal-Gvern fejn jidħol is-Servizz Pubbliku marret 'il quddiem; 64% tal-impjegati jħossu li s-servizzi li joffri l-Gvern għan-negozji tjiebu; 45% tal-impjegati jaqblu li s-sistema regolatorja tal-Gvern tjiebet; u 86% tal-impjegati jaqblu li s-servizzi governattivi online ħadu qabża 'l quddiem.

Kien biss fejn tidħol il-burokrazija fis-Servizz Pubbliku fejn l-uffiċjali pubbliċi fil-maġġoranza tagħhom (48%) ħassew li l-affarijiet baqgħu l-istess. L-aktar inizjattivi li semgħu bihom l-uffiċjali pubbliċi kienu: il-free childcare, servizz.gov, il-myHealth portal, il-Whistleblower's Act, My Personal Kiosk u r-riforma tas-Servizz Pubbliku. L-inqas inizjattivi li semgħu bihom kienu: l-Uffiċċju tal-Arbitru Finanzjarju u l-ħatra tal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni.

B'mod ġenerali, l-uffiċjali pubbliċi jaħsbu li l-Gvern ħadem b'mod pożittiv għal diversi inizjattivi f'dawn l-aħħar snin. L-aktar riformi li jaħsbu li ħadem fuqhom il-Gvern kienu: l-introduzzjoni ta' sistemi online fis-servizzi li joffri l-Gvern, l-introduzzjoni ta' sistemi u programmi biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-pajjiż, u l-introduzzjoni ta' sistemi biex il-gvern jagħti liċ-ċittadin servizzi aħjar u aktar effiċjenti. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjali pubbliċi jaħsbu li l-inqas inizjattivi li ngħataw attenzjoni kienu: l-involviment taċ-ċittadin fid-deċiżjonijiet li jieħu l-Gvern, sistemi biex impjegati fis-Servizz Pubbliku jinżammu responsabbli/kontabbli għad-deċiżjonijiet li jittieħdu, u l-introduzzjoni ta' sistemi biex titnaqqas il-burokrazija fl-operat tal-Gvern.

Il-maġġoranza tal-uffiċjali pubbliċi indikaw li huma kuntenti bl-inizjattivi msemmija. Fost l-aktar inizjattivi għal qalb l-uffiċjali pubbliċi nsibu: is-servizzi governattivi online; it-tip ta' servizzi li joffri l-Gvern b'mod ġenerali; il-mod li bih jopera l-Gvern sabiex joffri dawn is-servizzi liċ-ċittadin; it-tnaqqis ta' burokrazija fis-Servizz Pubbliku; u deċiżjonijiet li ħa l-Gvern dwar is-servizzi offruti. Il-maġġoranza assoluta tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku ma kinux jafu li l-Gvern wettaq 'il fuq minn 600 miżura relatati mas-simplifikazzjoni tal-proċessi.

Apparti l-istħarriġ lokali li ssemma hawn fuq, sar l-istħarriġ tal-Ewrobarometru 92 fost 501 rispondent li huma residenti f'Malta. Dan l-istħarriġ wera li l-Maltin ġeneralment iħossuhom pjuttost pożittivi dwar is-sitwazzjoni personali, tal-impjiegi u finanzjarja tagħhom. 92 % ta' dawk li wieġbu qalu li huma sodisfatti ħafna jew sodisfatti biżżejjed bil-ħajja tagħhom, b'dan il-perċentwal ikun ogħla mill-medja tal-UE. L-Ewrobarometru indika li s-Servizz Pubbliku Malti kiseb punteġġ li huwa 18% ogħla mill-medja Ewropea. Deher ukoll li 65% tal-parteċipanti Maltin stqarrew li jafdaw lill-amministrazzjoni pubblika.






Is-Servizz Pubbliku kompla jżomm il-pożizzjoni tiegħu qrib iċ-ċittadin, billi s-servizz huwa aċċessibbli online 24 siegħa kuljum, is-sena kollha. Is-servizzi governattivi kollha, flimkien mal-formoli relattivi, inġabru f'post wieħed fuq is-sit elettroniku ta' servizz.gov, anke permezz ta' mobile apps, mServices u l-maltapps. Sa Novembru 2020, is-sit servizz.gov irċieva 'l fuq minn 82,955 hit. Bħal qatt qabel, il-Gvern investa madwar 150 miljun ewro f'teknoloġija li wasslet għal aktar titjib tas-servizzi governattivi fl-amministrazzjoni pubblika. Fis-sena 2020, 84.6% tal-uffiċjali pubbliċi u 45.6% tal-popolazzjoni Maltija kienu diġà għamlu użu minn xi tip ta' servizz governattiv online. Fost l-aktar servizzi użati online kienu servizz.gov, servizzi sabiex jitħallsu kontijiet online u l-My Health portal.

Madwar nofs l-uffiċjali pubbliċi użaw xi servizz tal-Gvern minn fuq il-mowbajl, fosthom servizzi ġenerali tal-Gvern, il-MyHealth, servizzi edukattivi u l-EID. Min-naħa l-oħra, kienu l-minoranza taċ-ċittadini li użaw servizzi tal-Gvern minn fuq il-mowbajl, u primarja-ment għal servizzi relatati mal-Covid-19. Ir-raġuni għal dan in-nuqqas ta' użu jista' jkun minħabba li l-mServices kienu għadhom relattivament ġodda.

Bħalissa għaddej investiment ta' €40 miljun oħra fost kollox għat-twettiq tal-istrateġija Mapping Tomorrow.

Dan il-pjan, mifrux fuq perjodu ta' tliet snin (2019-2021), kompla jibni fuq is-suċċessi milħuqa. Il-pjan hu mmirat sabiex ikompli jiżdied l-użu taċ-ċittadini mis-servizzi online; jissaħħu s-sistemi diġitali interni biex l-uffiċjali pubbliċi jagħmlu xogħolhom b'mod aktar effiċjenti; u, fuq kollox, li jibda jitħaddem fil-prat-tika l-Once-Only Principle, jiġifieri li ċ-ċittadin li juża servizz governattiv jintalab l-informazzjoni personali darba biss.




## F'Novembru 2020, tnediet it-tielet edizzjoni tal-pubblikazzjoni Governance Action on the Ombudsman's Annual Report, li tiffoka fuq ir-rapport annwali tal-Ombudsman tal-2019

Is-Servizz Pubbliku reġa' wera kemm mhux biss jagħti kas tal-ilmenti li jaslu għand l-Ombudsman, imma jinvestigahom bis-serjetà u jaġixxi fuqhom. Minn 381 każ għand l-Ombudsman fl-2019, 253 ġew investigati u ngħalqu. Minbarra dawk, ingħalqu wkoll 84 każ mis-sena ta' qabel. Sa Novembru 2020, kien hemm 148 każ li għadhom mhux konklużi. 80% ta' dawn il-każijiet jinsabu għand l-Ombudsman.

Fl-istess studji akkademiċi ngħatat ukoll ħarsa lejn il-perċezzjoni tal-uffiċjali pubbliċi dwar is-Servizz Pubbliku permezz ta' evalwazzjoni ta' numru ta' fatturi li huma indikattivi tar-relazzjoni li teżisti bejniethom. Dawn jinkludu: kemm l-uffiċjali jemmnu li l-istituzzjoni tonora l-obbligi tax-xogħol lejhom, il-livell ta' fiduċja li għandhom fis-superjuri tagħhom, kemm huma marbutin max-xogħol li jagħmlu, kemm jipperċepixxu stress f'ħidmiethom u kemm huma sodisfatti u kommessi lejn xogħolhom.

Ta' min ifakkar li l-istudju sar waqt perjodu ta' sfida kbira fejn uffiċjali pubbliċi ġew sfurzati jaħdmu mid-dar minħabba l-imxija globali u pandemika tal-Covid. Minkejja dawn iċ-ċirkostanzi bla preċedent, ħafna mill-fatturi li ġew eżaminati kienu pożittivi ħafna u wrew b'mod ċar li l-parti l-kbira tal-uffiċjali huma ottimisti dwar ir-relazzjoni tagħhom mal-organizzazzjoni. Nemmnu li dan seħħ minħabba li tjiebet il-komunikazzjoni fil-ġerarkija taċ-Ċivil, li wasslet biex aktar uffiċjali pubbliċi jemmnu fil-bidla u jipparteċipaw f'dan il-proċess. Studju xjentifiku wera li l-bidla ma twassalx neċessarjament għal perċezzjoni negattiva, dment li jkun hemm tmexxija tajba u linji ta' komunikazzjoni tajbin li jagħtu direzzjoni ċara ta' fejn trid tasal l-organizzazzjoni u l-għan li trid tilħaq.

Matul is-sena 2020, saret evalwazzjoni tal-miżuri kollha li ttieħdu sabiex jissaħħaħ is-Servizz Pubbliku u saret ukoll konsolidazzjoni tal-miri kollha li ntlaħqu. Id-dipartimenti u l-entitajiet tas-Servizz Pubbliku raw l-introduzzjoni tal-Quality Label, li tirrikonoxxi l-ambizzjoni tagħhom sabiex is-Servizz Pubbliku jibqa' tal-ogħla livell possibbli — u dejjem imsejjes fuq l-erba' pilastri ta' servizz ta' kwalità stabbiliti, jiġifieri l-Vuċi, id-Disinn, il-Pakkett u l-Kontabbiltà. Fl-2020, l-entitajiet li rċevew il-Quality Label kienu l-MEUSAC (illum Servizzi Ewropej f'Malta SEM), l-Aġenzija Żgħażagħ u s-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm.



## Il-pass li jmiss huwa li titfassal strateġija ġdida li tkopri 5 snin, mill-2022, dejjem fil-ħarsien sħiħ ta' kwistjonijiet etiċi, bħal kif u fejn tintuża d-dejta miksuba, u kif tinħażen

Id-dipartimenti u l-entitajiet tas-Servizz Pubbliku raw ukoll l-introduzzjoni tar-riforma tal-Key Performance Indicators (KPIs) sabiex tkompli titnaqqas il-burokrazija żejda u sabiex kull dipartiment ikollu miri ċari li jintlaħqu fi żmien stabbilit. It-taħriġ tal-uffiċjali pubbliċi permezz tal-Institute for the Public Services (IPS) ma naqasx, u dan kien importanti kemm għall-uffiċjali kif ukoll għas-Servizz innifsu. Il-Gvern introduċa diversi modi ta' taħriġ għall-impjegati tiegħu f'dawn l-aħħar seba' snin, fosthom korsijiet qosra, boroż ta'studju, korsijiet tal-lingwi, korsijiet relatati mal-Unjoni Ewropea, korsijiet diġitali u korsijiet relatati mal-kummerċ. Il-maġġoranza assoluta tal-impjegati tal-Gvern (57.5%) indikaw li f'dawn l-aħħar seba' snin attendaw xi taħriġ milli qed joffri l-Gvern.

Waqt l-imxija, is-Servizz Pubbliku baqa' jiffunzjona u wettaq 65% tal-miżuri tal-Baġit 2020. Mhux talli l-ekonomija Maltija kienet prevista li tirkupra sal-2021, iżda li tikber b'7%. Saret konsultazzjoni u ttieħdu miżuri msejsa fuq il-pariri tal-esperti mediċi tas-settur pubbliku. Il-mediċini ma naqsux, l-isptarijiet ġew attrezzati, ittieħdu miżuri ta' kwarantina, sar tindif u diżinfettar kontinwu ta' spazji pubbliċi, il-power station u l-produzzjoni tal-ilma baqgħu għaddejjin, l-ikel u x-xorb qatt ma ġew skarsi, ingħalqu l-iskejjel u sar tagħlim online, twaqqfu l-attivitajiet tal-massa, l-ivvjaġġar mhux essenzjali ġie ristrett u twaqqaf il-Covid Helpline (111) sabiex iċ-ċittadin jinforma ruħu dwar il-pandemija.

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta aċċerta l-infurzar tal-liġi u osserva l-ħarsien tar-regoli tad-distanza soċjali u l-kwarantina mandatorja. L-uffiċjali tal-komunità tal-LESA taw daqqa t'id fit-tqassim ta' xirjiet u mediċini lil nies vulnerabbli. Il-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku assiguraw li ċ-ċekkijiet tal-pensjoni, tal-pagi u tas-servizzi soċjali jinħarġu f'ħinhom. Barra minn hekk, iċ-ċittadini gawdew minn numru ta' benefiċċji li nħarġu biex itaffu l-impatt tal-pandemija, bħall-Covid Wage Supplement lin-negozji, vouchers liċ-ċittadini u diversi tipi ta' sussidji, skemi u rifużjonijiet oħra li jolqtu lil kulħadd. Saħansitra l-WHO faħħret lil Malta għall-mod li bih ġiet missielta l-imxija.

Il-pass li jmiss huwa li titfassal strateġija ġdida li tkopri 5 snin, mill-2022, dejjem fil-ħarsien sħiħ ta' kwistjonijiet etiċi, bħal kif u fejn tintuża d-dejta miksuba, u kif tinħażen. L-isfida ewlenija se tkun li ssir l-għażla ta' liema huma dawk is-servizzi li se jingħataw b'investiment fl-Intelliġenza Artifiċjali.

Għad hemm bosta żviluppi xi jsiru f'dak li jirrigwarda diġitalizzazzjoni sabiex is-Servizz Pubbliku jilħaq il-livell li jmiss, bħal pereżempju l-mira ewlenija tal-Once-Only Principle. Il-kumplessità tal-operat tas-Servizz Pubbliku ma tagħmilx dan faċli iżda, ikun xi jkun ir-riżultat, is-Servizz Pubbliku jiggarantixxi li ser jibqa' jaqdi lill-klijenti tiegħu.

3

# Strateġija ġdida għas-Servizz Pubbliku

Is-Servizz Pubbliku qiegħed ifassal strateġija ġdida li għandha tidħol fis-seħħ fis-sena 2022 u twassalna sal-2027. Hija strateġija ambizzjuża bbażata fuq tliet pilastri ewlenin li huma s-servizz, it-teknoloġija u n-nies. Din l-istrateġija għandha tara li dak kollu li ksibna f'dawn l-aħħar snin, fit-tiġdid li sar tas-Servizz Pubbliku, nibnu fuqu u nsaħħuh. Huwa għalhekk li qed isiru diskussjonijiet interni biex din l-istrateġija ma tinsa l-ebda aspett, imma tkun kompluta u tibqa' tevolvi. Fid-diskussjonijiet ma hemmx biss l-involviment ta' uffiċjali pubbliċi imma anke nies minn barra s-Servizz Pubbliku.
Dan biex kemm jista' jkun nibqgħu miftuħin għal ideat ġodda.




Strateġija daqshekk fit-tul u daqstant ħolistika għas-Servizz Pubbliku qiegħda ssir għall-ewwel darba. Mhix strateġija li se tħares lejn aspett wieħed tas-Servizz Pubbliku bħal pereżempju meta kellna l-Mapping Tomorrow li kienet strateġija bbażata fuq it-teknoloġija. Jew l-istrateġija tat-tmeninijiet/disgħinijiet li iktar ħarset lejn l-istrutturi tas-Servizz Pubbliku.

L-istrateġija l-ġdida se tkun qiegħda torbot numru ta' aspetti fis-Servizz Pubbliku biex jiġi assigurat li l-progress li sar f'dawn l-aħħar snin ikun mantnut biex il-klijent jingħata dejjem servizz ta' eċċellenza 24 siegħa kuljum, is-sena kollha. Barra minn hekk, l-istrateġija tħares ukoll lejn is-soċjetà kollha kemm hi u l-obbligazzjonijiet li għandu s-Servizz Pubbliku lejn il-pajjiż.

Nibdew mis-servizz. Meta qed nitkellmu dwar servizz, qed nirreferu għal servizz li jmur lil hinn mis-servizzi mwassla minn servizz.gov. Fis-Servizz Pubbliku jseħħu madwar 13-il miljun interazzjoni kull sena. Irridu nissettjaw miri ċari li jridu jintlaħqu fis-snin li ġejjin. Filwaqt li aħna konxji ta' kemm servizz.gov ressaq is-servizzi governattivi eqreb lejn iċ-ċittadini, dan il-progress ma jkunx sostnut jekk ma tibqax tinvesti. Is-servizz, u kif jingħata, irid jibqa' jiġi aġġornat skont il-ħtieġa.

Hekk kif intwera minn studji akkademiċi li kkummissjona s-Servizz Pubbliku, kważi 75% tal-pubbliku jemmnu li s-servizzi governattivi online tjiebu waqt li 61% jemmnu li s-servizzi b'mod ġenerali qed jingħataw aħjar. Filwaqt li l-istrateġija trid tirrikonoxxi l-qabża kbira fil-kwalità tas-servizzi li qed jingħataw, trid tkompli tibni fuq dak miksub. Kif se tagħmel dan?

Hawnhekk jidħlu ż-żewġ pilastri l-oħra li fuqhom qed tinbena l-istrateġija tas-Servizz Pubbliku. Dawn huma t-teknoloġija u n-nies.

Fit-teknoloġija, irridu naraw li l-investiment ta' iktar minn 150 miljun ewro li sar f'dawn l-aħħar snin jibqa' jiġi sostnut bi pjanijiet u investimenti oħra. Irridu nibqgħu aġġornati mal-bidliet kbar teknoloġiċi li qed isiru minn jum għal jum. Wieħed mill-fatturi ewlenin għandu jkun l-intelliġenza artifiċjali fejn hekk kif din se tkompli tiżviluppa, trid titħaddem dejjem aktar. Permezz tat-teknoloġija intelliġenti, irridu nkomplu naraw kif is-servizz jibda jitwassal għand il-pubbliku mingħajr ma ċ-ċittadin jitolbu. Hemm numru ta' ideat f'dan il-qasam li kollha jwasslu biex jingħata servizz aħjar, innovattiv, kontabbli u fuq kollox sostenibbli.

It-teknoloġija diġà qed nużawha b'mod vast. Il-qabża li kellna waqt il-pandemija biex l-uffiċjali pubbliċi jaħdmu mid-dar mingħajr ma jiġi affettwat is-servizz ma setgħetx issir kieku ma investejniex fl-apparat kollu plug and play. L-istess meta twaqqfu r-remote workspaces u issa dalwaqt il-less paper office.

Biss irridu noqogħdu attenti hawnhekk li fl-ebda ħin ma tinqabeż il-linja, speċjalment fejn tidħol l-etika. It-teknoloġija trid tintuża, imma wieħed irid jikkunsidra l-aspett etiku wkoll biex fost kollox iċ-ċittadin iserraħ rasu li d-dejta tiegħu qed tintuża sew.

Irridu nibqgħu naġġornaw kontinwament it-teknoloġija biex is-servizzi ġodda li nibdew noffru fil-futur ikunu digital by default, b'aċċenn komplut fuq il-once only principle, biex l-għan primarju tagħna, jiġifieri li nipprovdu servizz ta' eċċellenza 24x7, jibqa' jintlaħaq.




Però ma nistgħux inserrħu fuq it-teknoloġija biss. Pilastru fundamentali ieħor f'dan kollu huma n-nies. B'nies irridu nifhmu li qed nalludu kemm għal dawk li jipprovdu s-servizz u kemm dawk li qed jirċevuh. U hawnhekk naslu għall-istrutturi li jagħtu permanenza f'dak kollu li jsir. Strutturi ta' governanza tajba u strutturi li jħarsu l-kwalità f'dak kollu li nagħmlu. Fejn jinħoloq ċiklu li jissalvagwardja t-tisħiħ. Id-Diviżjoni tan-Nies u Standards, li joperaw minn binja waħda u li flimkien iwasslu għal maniġġar tas-sistema ta' kwalità.  Awditjar intern u mystery shopping li jwasslu biex ċerti nuqqasijiet jibqgħu jiġu identifikati biex tkun tista' tittieħed l-azzjoni neċessarja. Finalment in-nuqqasijiet jiġu indirizzati b'aktar taħriġ.

F'dan kollu se jieħu rwol aktar fundamentali l-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Dan l-istitut se jkompli jilgħab parti integrali fis-Servizz Pubbliku hekk kif se jkun qed jipprovdi dak kollu meħtieġ bħala taħriġ. L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, li din is-sena se jagħlaq ħames snin mit-twaqqif tiegħu, se jkun ukoll ta' forċina għal dak kollu li jkun qed jiġi żviluppat fis-Servizz Pubbliku. Apparti t-taħriġ, l-istess istitut se jkun qiegħed itejjeb u jkabbar il-funzjoni tiegħu ta' riċerka biex anke hu stess jibqa' avvanzat f'dak kollu li jagħmel.

Dan huwa ċiklu kontinwu. Il-kwalità li twassal għall-awditjar li jikxef in-nuqqasijiet, biex imbagħad dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati bla telf ta' żmien permezz tat-taħriġ u, allura, permezz ta' investiment fin-nies.

L-investiment fin-nies se jkompli wkoll b'aċċenn fuq l-ambjent tax-xogħol ta' kuljum, b'enfasi fuq il-benesseri tal-impjegati tagħna kemm permezz tal-Employee Support Programme u anke permezz ta' speċjalisti fir-riżorsi umani fid-dipartimenti – għalhekk nitkellmu fuq People 360°.

Din l-istrateġija se jkollha wkoll attenzjoni partikolari biex dak kollu li jsir iseħħ b'aċċenn qawwi fuq il-kontabilità u s-sostenibilità.

Din hija strateġija li għandha ssaħħaħ lis-Servizz Pubbliku; għalhekk mhix aktar tiġdid imma nitkellmu fuq tisħiħ. Il-messaġġ irid jasal għax meħtieġ is-sehem ta' kulħadd. Anke hawn meħtieġ il-People 360°.

# 4

# Remote working fis-Servizz Pubbliku

# Waħda mill-aktar funzjonijiet importanti tat-tmexxija ta' kwalunkwe organizzazzjoni hija li taħseb 'il quddiem biex tibqa' relevanti u kompetittiva

Dan isir b'viżjoni, permezz ta' strateġija fit-tul, fejn l-azzjonijiet kollha li jkunu qed jittieħdu, żgħar kemm huma żgħar, ikunu kollha f'direzzjoni waħda. Fejn jidħlu impjegati, is-Servizz Pubbliku huwa meqjus bħala model employer. Dan ma ġiex mix-xejn.

Kien daqs sena qabel ma bdiet l-imxija tal-coronavirus, f'Ġunju 2019, li s-Servizz Pubbliku beda jaħseb dwar kif jista' jifformalizza r-remote working fid-dipartimenti tiegħu. Għaldaqstant ingħata bidu għal proġett pilota fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija u l-Ilma fejn kellna naraw l-ewwel tħaddim ta' remote working, u wara nanalizzaw x'mar tajjeb u x'seta' sar aħjar.




# L-ewwel remote workspaces

Dan wassal biex f'Jannar li għadda ġew inawgurati l-ewwel remote workspaces mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, filwaqt li qed tiddaħħal fis-seħħ policy ġdida dwar ir-remote working li nbniet fuq l-esperjenza tal-proġett pilota u fuq l-esperjenza tat-teleworking fis-Servizz Pubbliku. Fiha hemm spjegat pass pass kif din is-sistema ġdida se tkun qed tapplika għall-impjegati pubbliċi kif ukoll ir-regolamenti, drittijiet u dmirijiet abbinati magħha. Tinkludi wkoll iż-żmien tranżitorju li se jieħu s-Servizz Pubbliku biex minn sistema ta' teleworking jgħaddi għal waħda ta' remote working.

Qabelxejn, tajjeb ninnutaw id-differenza bejn teleworking (fejn persuna taħdem mid-dar) u remote working (fejn persuna taħdem minn postijiet differenti mis-soltu uffiċċju tagħha). Meta f'Malta faqqgħet il-pandemija tal-Covid, permezz ta' Direttiva 13 maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, l-uffiċċji tas-Servizz Pubbliku tbattlu u kulħadd intbagħat id-dar għal madwar xahrejn. L-istess reġa' seħħ fit-8 ta' Marzu ta' din is-sena, hekk kif il-pandemija kienet fl-eqqel tagħha.

Il-pandemija xprunat lis-Servizz Pubbliku biex jgħaġġel fil-proċess għar-remote working. Kien riskju goff – is-Servizz Pubbliku seta' kkrolla – iżda s-Servizz Pubbliku baqa' fuq quddiem nett tas-soċjetà, l-uniku mutur li baqa' għaddej kemm bis-saħħa tal-frontliners kif ukoll permezz ta' uffiċjali li joffru servizz amministrattiv fil-back-end.

## SWOT analysis

Waqt l-esperjenza tal-Covid-19, is-Servizz Pubbliku ħejja SWOT analysis li ħares b'mod ħolistiku lejn kif dan il-perjodu kien qed jimpatta lill-impjegati u l-klijenti. Din l-analiżi ġiet imwettqa permezz ta' diversi focus groups, intervisti u kwestjonarji u ħarset lejn tliet aspetti fundamentali – il-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-tmexxija tal-impjegati u l-benessere tal-impjegati.

Is-Servizz Pubbliku rnexxielu jdawwar ċirkostanzi diffiċli f'opportunitajiet u użajna l-esperjenza miksuba ta' teleworking biex immorru għall-kunċett modern ta' remote working, li joffri bilanċi ġodda bejn ix-xogħol u l-familja.

Meta l-maġġoranza tan-nies bdew jaħdmu mid-dar, sibna li dak kollu li kien ippreparа għalih is-Servizz Pubbliku permezz ta' viżjoni fis-snin li għaddew, serva utli. Urejna kif l-investiment bla preċedent ta' 150 miljun ewro fit-teknoloġija ma kienx flus fil-ħela, imma serva tabilħaqq biex nilħqu l-għanijiet tagħna.

Permezz tal-analiżi ta' x'seħħ waqt il-pandemija, sibna li din il-flessibilità wasslet biex mid-djar, ħaddiema esperjenzaw żieda fil-motivazzjoni tagħhom. Kien hemm effetti pożittivi fuq it-traffiku, tħares aktar l-ambjent, l-impjegati rebħu l-ħin li kienu jagħmlu jivvjaġġaw u żdiedet il-produttività. Min-naħa l-oħra bqajna konxji li kien hemm nuqqasijiet li hemm bżonn nindirizzaw; fosthom issues ta' konnettività, sigurtà u protezzjoni tad-dejta, pressjoni kbira fuq numru ta' impjegati speċjalment dawk li jipprovdu t-teknoloġija, stress fuq il-management minħabba sfidi ta' ppjanar, u distrazzjonijiet mid-dar minħabba issues ta' konfini mċajpra bejn dak li hu tad-dar u dak li hu tax-xogħol.

L-istudji wrew ukoll biċ-ċar li strati ta' ħaddiema wrew ix-xewqa li jibqgħu jaħdmu remotament, imma mhux neċessarjament mid-dar għaliex xorta jippreferu li joħorġu mid-dar. Bla dubju ta' xejn, filwaqt li għarafna t-tajjeb u komplejna nibnu fuqu, ħarisna lejn l-iżvantaġġi biex naqilbuhom f'opportunitajiet. Dan allura qed iwassal għal viżjoni fit-tul, fost oħrajn permezz tal-policy ġdida li tirregola r-remote working u li tidħol f'dettalji u tindirizza ċerti nuqqasijiet minn x'nilbsu waqt il-laqgħat online sa regoli ta' kif isiru l-laqgħat. Il-policy tispeċifika sistemi aħjar ta' kif se jsir il-monitoraġġ u anke kif se jitqassmu x-xogħlijiet u titkejjel il-performance. Biex is-servizz jibqa' dejjem mogħti bl-aqwa livelli ta' eċċellenza.

## Il-policy

Biex dan kollu jsir, is-Servizz Pubbliku qiegħed ikompli jinvesti fl-aqwa sistemi ta' infrastruttura teknoloġika u taħriġ speċifiku lill-ħaddiema fl-użu tat-teknoloġija u fl-etika. Il-policy dwar remote working tirrikonoxxi perjodu ta' tranżizzjoni ta' 18-il xahar sakemm dipartiment, fejn in-natura tax-xogħol tippermetti, imur remotament u jkollu dak kollu li hemm bżonn, kif ukoll il-ħaddiema jkunu mħarrġin mija fil-mija. Jista' jkun hemm fergħat jew dipartimenti sħaħ li jmorru remote u tibqa' l-faċilità ta' talbiet ta' individwi għal remote working.

L-impjegati pubbliċi wkoll iridu jsegwu l-policy f'numru ta' stadji – kemm biex ikunu jafu xi jridu jagħmlu biex japplikaw għar-remote working, kif ukoll kif se jibdew jirreġistraw l-attendenza b'mod elettroniku u kif għandhom iġibu ruħhom waqt laqgħat virtwali.

Issa hemm bżonn inkomplu naħdmu għal bidla kompleta fil-mentalità tal-ħaddiema kif ukoll naħdmu biex dejjem jiżdied l-element ta' fiduċja bejn it-tmexxija u l-ħaddiema. Fl-istess waqt, it-tmexxija tas-Servizz Pubbliku għandha tkompli kontinwament tanalizza kemm u kif se jkunu qed jiġu utilizzati dawn il-workspaces sabiex inkomplu nirfinaw u ntejbu s-servizz.



# 5

# Karozzi jaħdmu bl-elettriku u inqas karti

# Is-Servizz Pubbliku leader hawn ukoll!

Xhur qabel ma ġew varati l-ewwel remote workspaces fis-Servizz Pubbliku iktar kmieni din is-sena, saru numru ta' studji li wrew li jekk is-Servizz Pubbliku jimxi 'l barra mill-uffiċċji tradizzjonali, allura anke l-metodi ta' kif konna naħdmu jridu jinbidlu. Wieħed minn dawn il-kunċetti huwa dak magħruf bħala l-less paper office, li permezz tiegħu se jkun hemm metodi ġodda kemm fil-mod kif tinħażen l-informazzjoni kif ukoll kif din tgħaddi minn post għal ieħor. Fil-preżent qed jitħaddem proġett pilota biex naraw l-impatt ta' din il-bidla fuq il-ħaddiema u s-servizz. Dan qed isir fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli.  Il-proġett pilota qed ikun analizzat minn Working Group li twaqqaf apposta mis-Segretarju Permanenti Ewlieni sabiex iwettaq fil-prattika dan il-kunċett u jirrakkomanda t-triq 'il quddiem



It-tibdil li qed isir fil-metodi ta' kif naħżnu l-informazzjoni jrid isir pari passu mat-twaqqif tar-remote working. Kif ngħidu bil-Malti, strateġija maħduma bizzilla fejn l-id il-leminija u l-id ix-xellugija tas-Servizz Pubbliku mhux biss jafu x'qed jagħmlu imma jgħinu lil xulxin. Ma stajniex nitilqu niġru fuq ir-remote working u mbagħad nibqgħu ankrati ma' kunċetti tradizzjonali ta' kif nittrattaw ix-xogħol. Jekk qed naħdmu 'l bogħod mill-uffiċċji tradizzjonali, ma nistgħux inħallu fl-uffiċċji informazzjoni li mhix faċilment aċċessibbli.

Wieħed mill-ewwel eżerċizzji li saru kien li jittieħed stock take ta' kif is-sistemi tar-reġistri qed jaħdmu. Bla dubju, kwalunkwe informazzjoni trid tiġi reġistrata, għax dik hija trasparenza u kontabilità u huma dawn li jagħtu struttura u permanenza. Fis-sistema tradizzjonali tas-Servizz Pubbliku, instab li dipartimenti governattivi jipproċessaw ħafna informazzjoni ta' kuljum u jikkomunikaw fejn hemm bżonn b'metodi formali – liema informazzjoni tinħażen fiżikament fis-sistema tal-files.

F'kull ministeru u entità dejjem jinstab unit li jieħu ħsieb jirreġistra l-komunikazzjoni kollha li tidħol u toħroġ u jaħżinha b'mod li fil-futur tinstab faċilment. Dan ix-xogħol, għal ħafna u ħafna snin, kien isir kollu manwalment u kien ir-ruħ tas-Servizz, fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet kollha.

B'kollox madwar is-Servizz Pubbliku kollu wieħed jista' jsib 'il fuq minn 100 unit ta' reġistrazzjoni u madwar 1,000 ħaddiem li jieħdu ħsieb dawn il-proċeduri. Forsi jidher numru eċċessiv, imma wieħed irid iżomm f'moħħu li l-proċeduri li bihom jitmexxa s-Servizz Pubbliku mhumiex ftit. Biżżejjed insemmu dokumenti ta' natura personali tal-impjegati, kuntratti u pagi, kif ukoll reġistri relatati ma' servizz partikolari, pereżempju tal-isptar. Hemm ukoll id-dokumenti kollha relatati ma' accounts u xiri. Fi kliem ieħor, minjiera sħiħa ta' karti u informazzjoni.

Is-sistema tradizzjonali, li dejjem ħadmet matul snin twal ta' Servizz Pubbliku, fiha wkoll element uman ta' kif dokumenti jgħaddu minn dipartiment għal ieħor. Ġeneralment permezz ta' messaġġiera – li jġorru dokumenti minn post għal ieħor – sabiex jiġu moqrija u ffirmati u jmorru lura minn fejn ġew. Meta sistema tkun ħadmet, bit-tajjeb u l-ħażin tagħha, għal ġenerazzjoni wara l-oħra, irid ikollok motivazzjoni serja li ttejjibha biex tipprova tbiddilha u tikkonvinċi lil min irid jużaha ta' kuljum. Din hija s-sena tas-tisħiħ tas-Servizz Pubbliku. Dak kollu li sar tajjeb nibnu fuqu. Dak li jrid jinbidel, jiġi mtejjeb.

Hekk kif bdejna naraw x'sistemi jeżistu fis-suq u kif qed naħdmu fil-preżent, bdew ħerġin ideat ta' kif nistgħu nbiddlu dawn il-prattiċi għal proċessi ġodda li, filwaqt li xorta jibqgħu jassiguraw l-aqwa trasparenza u kontabilità, idaħħlu element ta' teknoloġija biex finalment naqtgħu l-frott ta' sistemi aktar effiċjenti. Strateġikament, dan kollu jorbot ma' xulxin f'bidla wara bidla li hi ppjanata u esegwita sal-iċken dettall, li bdiet snin ilu b'investiment teknoloġiku ta' 'l fuq minn 150 miljun ewro. Qed jiġu mgħarbla mistoqsijiet bħal pereżempju jekk ir-registries kollha tal-ministeri għandhomx joperaw minn post wieħed għal aktar effiċjenza, kif ukoll qed jiġi maħsub tisħiħ fil-funzjoni tar-registries sabiex ikollna proċess aħjar bejn li jinfetaħ il-file sakemm jitlesta l-proċess ta' filing diġitali.

Apparti minn dan kollu, bdew ħerġin elementi oħra interessanti ħafna fejn jidħlu kunsiderazzjonijiet legali u oħrajn ta' protezzjoni ta' dejta. Waħda mill-entitajiet li ġew konsultati kienet l-Arkivji Nazzjonali minħabba liġijiet ta' arkivjar. Hawnhekk naraw li skont il-liġi, dokumenti tal-gvern jispiċċaw fid-dominju pubbliku u miftuħa għall-iskrutinju wara 30 sena.

Konsultazzjonijiet oħra saru mal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Dejta, fejn ħarġet biċ-ċar l-attenzjoni li trid tingħata lil dan l-element f'kull sistema ġdida ta' dokumentazzjoni. Apparti l-elementi ovvji li għandhom x'jaqsmu ma' protezzjoni tad-dejta, hemm ukoll dawk inqas ovvji. Pereżempju, fejn se tinħażen din l-informazzjoni, u kull dokument min jista' jkollu aċċess għalih?

Wara l-fażi ta' konsultazzjoni, bdejna nfasslu l-ideat ta' fejn irridu naslu. L-idea kienet li permezz ta' software dedikat għal dawk li jissejħu e-documents, nibdew naqilbu dak kollu li s-soltu jsir b'mod fiżiku għal mod elettroniku. Hawnhekk, bħalma jiġri dejjem, tibda b'kampjuni żgħar fi proġett pilota biex jekk tmur tajjeb, dejjem tifrex. Jinħtieġ ukoll li għal perjodu ta' żmien taħseb b'sistemi paralleli ħalli jkollok moħħok mistrieħ li ma jintilef xejn.




Dan huwa x-xogħol li qed isir minn wara l-kwinti sabiex inkomplu nsaħħu l-operat tas-Servizz Pubbliku. Li nibdew ftit ftit ngħarblu u nifhmu kif nistgħu nħaffu s-sistema ta' karti fl-uffiċini, u permezz ta' teknoloġiji ġodda naslu għal proċessi siguri u effiċjenti. Finalment, in-nies li issa mhux se jibqgħu jaħdmu fis-soliti uffiċini tagħhom xorta se jkollhom aċċess għall-informazzjoni li jridu fil-ħin opportun – filwaqt li l-komunikazzjoni xorta tista' tibqa' ssir bi kwalità għolja u bla problemi.

Apparti minn dan ix-xogħol kollu, bdejna wkoll proċess ta' modernizzar ta' kif titħaddem il-flotta ta' vetturi tal-Gvern. Ftit ġimgħat ilu nħareġ tender għal konsulenza f'dan ir-rigward, li jinvolvi studji dwar il-flotta tas-Servizz Pubbliku, kemm qed jintużaw karozzi u għal kemm distanzi, u d-distribuzzjoni tax-xogħol, fost oħrajn. Se tinġabar informazzjoni utli bħal pereżempju kemm ikun hemm persuni f'kull vjaġġ u anke kif kienet issir ir-reġistrazzjoni u l-bookings tal-vetturi. Għal ħafna u ħafna snin, anke hawnhekk is-sistemi kienu tradizzjonali għall-aħħar, b'log books manwali li fihom trid ta' kull darba ddaħħal informazzjoni bħal min uża l-karozzi, il-ħinijiet u għal liema raġunijiet.

Is-Servizz Pubbliku għandu l-għan aħħari li anke hawnhekk isseħħ rivoluzzjoni sħiħa, fejn il-vetturi kollha jkunu lloggjati u jirrappurtaw lura b'mod awtomatiku u elettroniku. Se nkomplu naħdmu sabiex jibdew jintużaw aktar karozzi elettriċi u għalhekk il-ħtieġa ta' ċentri fejn wieħed jista' jiċċarġja l-batteriji.

Dawn il-proċessi, għalkemm mhux neċessarjament jidhru jew imissu mal-klijent estern direttament, ikunu qed jgħinu lis-Servizz Pubbliku jtejjeb lilu nnifsu, jimxi maż-żminijiet u jsir aktar effiċjenti, biex finalment igawdu l-klijenti esterni. Mhux biss, imma s-Servizz Pubbliku, meta tikkunsidra kollox, ikun qed jaqdi wkoll l-obbligi tiegħu lejn is-soċjetà fejn jidħlu arja iktar nadifa, użu tal-karta, u traffiku.

Dan hu Servizz Pubbliku li mhux statiku, u li qed jevolvi biex jibqa' fuq quddiem tas-soċjetà, bi tħaddim ta' prattiċi ta' xogħol moderni.



6

# Il-Komunikazzjoni tas-Servizz Pubbliku

# Is-Servizz Pubbliku jagħraf il-ħtieġa ta' aktar investimenti f'dan il-qasam biex dan il-qasam ikompli jissaħħaħ

Li s-Servizz Pubbliku jikkomunika ħidmietu sabiex jasal aktar għand in-nies huwa fundamentali biex il-pubbliku jagħraf aħjar x'tip ta' servizzi governattivi għandu jistenna u kif is-Servizz Pubbliku qiegħed dejjem iġedded lilu nnifsu. Fil-proċess kollu ta' tiġdid li għadda minnu s-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar snin, ma kienx hemm biss komunikazzjoni interna mal-uffiċjali pubbliċi, imma b'mod speċjali sar aċċenn biex dak li konna qed inwettqu internament jitwassal anke għand il-klijenti tagħna.

Dan permezz ta' kampanji ta' informazzjoni kontinwi li saru, fejn ġie spjegat il-kunċett ta' servizz għand in-nies 24 siegħa kuljum is-sena kollha u anke li l-klijent m'għandux joqgħod iħabbel rasu u jiġri minn post għal ieħor biex jakkwista s-servizz li jkollu bżonn. Dejjem b'enfasi fuq il-kwalità tas-servizz, li issa mhux biss tħossha imma tista' titkejjel. Jew kampanji biex inħajru iktar nies jagħżlu karriera fis-Servizz Pubbliku. Nemmnu li jekk trid tagħmel differenza fis-soċjetà, għandek taqbad karriera fis-Servizz Pubbliku.
Din il-komunikazzjoni, flimkien mat-titjib fis-servizzi nfushom, iwasslu għall-ammont kbir ta' fiduċja li għandu l-poplu Malti fis-Servizz Pubbliku, ferm aktar mill-medja Ewropea.




Is-Servizz Pubbliku jagħraf il-ħtieġa ta' aktar investimenti f'dan il-qasam biex dan il-qasam ikompli jissaħħaħ. Meta nsemmu komunikazzjoni, ma naħsbux biss fil-mezzi tradizzjonali imma anke f'dawk emerġenti, li wkoll irridu nutilizzaw biex naslu għand il-pubbliku.

L-iżviluppi teknoloġiċi li wassluna għal affidabilità fuq il-midja soċjali, għall-immedjatezza tal-aħbar, liema midja soċjali bilfors trid tkun preżenti fiha, u l-mezzi ta' komunikazzjoni li għad iridu jiżviluppaw, irridu nkunu pronti biex nużawhom. Bħalma fis-snin riċenti saħħaħna l-istrutturi f'dik li hija governanza, hekk ukoll se nkunu qed nissodaw l-istrutturi tas-Servizz Pubbliku fejn tidħol komunikazzjoni biex is-Servizz Pubbliku jżomm ruħu aġġornat u jkun kapaċi jwassal il-messaġġ u l-viżjoni tiegħu kemm internament u kemm esternament. In-nies jinbidlu imma l-istrutturi huma pont bejn il-ġenerazzjonijiet. Hawnhekk il-ħtieġa ta' kordinament fost is-Servizz Pubbliku kollu biex il-messaġġ u l-viżjoni tas-Servizz Pubbliku jitwasslu b'mod unit u b'saħħtu, u l-istrateġija tiġi spjegata b'mod ċar.

F'dawn l-aħħar snin, is-Servizz Pubbliku kellu preżenza tajba fil-midja soċjali fejn din mhux biss kienet komunikazzjoni f'direzzjoni waħda imma fejn in-nies segwew u anke pparteċipaw. Dan iwassal għal ċiklu fejn anke bil-kontribut tan-nies, is-Servizz jibqa' jieħu s-suġġerimenti u jirfina. Illum huwa faċli ħafna li twassal xi lment jew suġġeriment għax is-siti kollha tas-Servizz Pubbliku għandhom din il-faċilità.

Is-sit elettroniku tas-Servizz Pubbliku **www.publicservice.gov.mt** matul is-sena 2020 kellha madwar 90,000 hit. Dan meta nqabblu 20,000 hit fl-2018 u madwar 36,000 hit fl-2019. Min-naħa l-oħra, il-paġna fuq facebook ukoll qiegħda ssir dejjem aktar popolari u mfittxija, fejn issa għandna 18,000 follower. Dan ifisser li f'sentejn biss, irduppjajna l-followers. Apparti mill-paġna ċentrali tas-Servizz Pubbliku, dipartimenti fi ħdanu wkoll għandhom il-paġni tagħhom. Fosthom id-Dipartiment tal-Informazzjoni, li permezz tiegħu s-Servizz Pubbliku ta servizz ta' tagħrif bil-bulettini dwar l-imxija tal-Covid li kienu jinħarġu kuljum. Dawn ukoll se jkunu miġbura f'pubblikazzjoni stampata biex jibqgħu disponibbli matul is-snin. Filwaqt li l-midja soċjali tagħti lok ta' immedjatezza, il-midja stampata tagħti iktar permanenza u għalhekk dawn iridu jimxu id f'id.

B'dan l-isfond, ma jistgħux jiġu traskurati l-mezzi aktar tradizzjonali ta' komunikazzjoni. Il-pubblikazzjonijiet li joħorġu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni f'dak li għandu x'jaqsam ma' governanza, baġit u ħidma jagħtu lok biex jingħata rendikont dettaljat tax-xogħol kollu li qed isir.

Din is-sena wkoll, se ssir ħidma biex il-pubblikazzjonijiet kollha li qed jinħarġu jkunu disponibbli fl-Arkivji Nazzjonali u fil-libreriji pubbliċi kollha. Apparti mill-pubblikazzjonijiet hemm ukoll it-televiżjoni u r-radju. Kemm-il darba l-Kap tas-Servizz Pubbliku kien mistieden fuq programmi televiżivi biex jingħata rendikont tal-ħidma li qed issir. Uffiċjali pubbliċi jkunu preżenti wkoll fi programmi b'temi speċifiċi.

Ħolqa oħra mal-katina ta' komunikazzjoni fis-Servizz Pubbliku hija l-"ittraħbar". Ħarġet għall-ewwel darba fl-2016, fil-qalba tal-proċess ta' tiġdid li kien għaddej minnu s-Servizz Pubbliku, u titqassam b'mod elettroniku lill-ħaddiema kollha tas-Servizz Pubbliku. "Ittraħbar" tfisser newsletter. Tana l-idea l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u għoġbitna. L-"ittraħbar" normalment toħroġ kull tliet xhur, b'edizzjonijiet speċjali wara l-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku. Fl-aħħar ta' Marzu ta' din is-sena nħarġet il-25 edizzjoni ta' "ittraħbar".

L-"ittraħbar" hija importanti ħafna biex jinżamm kuntatt u jitwassal il-messaġġ b'mod intern lill-komponenti kollha tas-Servizz Pubbliku. Meta wieħed jagħti ħarsa lejn dawn il-25 edizzjoni, jinduna kemm kien fundamentali s-sehem tagħha biex issaħħaħ mentalità ta' dispożizzjoni kontinwa lejn il-klijenti tagħna b'servizzi governattivi li jkunu għand in-nies 24 siegħa kuljum is-sena kollha u b'serħan il-moħħ. Meta wieħed jara dawn il-ħarġiet, jista' jsegwi pass pass dak li sar fis-Servizz Pubbliku f'dawn l-aħħar snin. Sa mill-ewwel edizzjoni, "ittraħbar" kienet hemm biex twassal il-viżjoni tas-Servizz Pubbliku, fejn permezz ta' tifsira lill-kwalità, din issa tista' titkejjel, u dak kollu li jista' jitkejjel jista' jiġi analizzat u rfinut. Flimkien ma' rendikont sħiħ tax-xogħol li sar fis-Servizz Pubbliku, "ittraħbar" b'mod konsistenti dejjem tat ħarsa lejn il-miri li jridu jintlaħqu sabiex kull impjegat ikun allinjat magħhom.

"L-ittraħbar" qed tiġi miġbura u stampata f'pubblikazzjoni waħda li qed tiġi ppreżentata wkoll lill-Arkivji Nazzjonali u anke tkun preżenti fil-fergħat tal-libreriji pubbliċi ma' Malta u Għawdex.

Mhux kulħadd isegwi u juża l-istess mezzi biex iżomm ruħu aġġornat. Is-Servizz Pubbliku jrid ikompli jadatta ruħu biex bi strutturi b'saħħithom, jasal għand kulħadd bil-viżjoni tiegħu.


ITTRAĦBAR
MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU
ĦARĠA NRU 01 | FRAR 2016
Din se tkun il-kuntatt miegħek kull 3 xhur, b'messaġġi u aħbarijiet li jolqtuk bħala membru tas-Servizz Pubbliku
IL-VIŻJONI GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU:
SERVIZZ PUBBLIKU 24/7
IL-MIRI GĦAL DIN IS-SENA:
FTUĦ TA' 3 ĊENTRI OĦRA ONE STOP SHOP
servizz.gov
ONE STOP SHOP ONLAJN
PERFORMANCE APPRAISAL U RATINGS ĠODDA MINFLOK PMP's
STRUTTURI ĠODDA FIL-MINISTERI KWALITÀ, RIŻORSI UMANI U KOMUNIKAZZJONI
KEJL TAL-PRESTAZZJONI tad-Dipartimenti tal-Gvern
Tħejjija ta' strateġija biex ikollna l-ewwel MOBILE APPS FL-2017
RIFORMA FIR-REGOLI TAL-PROCUREMENT
Riforma fl-ispezzjonijiet lin-negozji f'pajjiżna
Ittraħbar tfisser Newsletter.
Tawna l-idea l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u għoġbitna.
www.publicservice.gov.mt

# ITTRAĦBAR

MAĦRUĠA
MILL-UFFIĊĊJU
TAS-SEGRETARJU
PERMANENTI
EWLIENI

Ħarġa Nru 07 - April 2017 | Edizzjoni Speċjali

Din il-ħarġa hija edizzjoni speċjali ta' Ittraħbar. Bil-ftehim kollettiv iffirmat iktar kmieni dan ix-xahar għalaqna programm ta' xogħol li jixraq inħarsu lejh. F'dawn l-aħħar erba' snin is-Servizz Pubbliku għamel diversi kisbiet importanti. Kisbiet li jekk ma tħarisx lura u tirrifletti x'sar bħal donnok tinsa kif kienu l-affarijiet qabel. Għalhekk f'din l-edizzjoni se nkunu qed inħarsu lura u naraw xi ksibna flimkien. Ċertament li waħda mill-ikbar kisbiet hija l-enfasi fuq l-ippjanar fis-Servizz Pubbliku u għalhekk Direttivi Numri 9 u 10. L-ippjanar bil-quddiem wassal biex flimkien mat-twaqqif ta' numru ta' ċentri reġjonali beda jingħata servizz aħjar liċ-ċittadin. Servizz ta' kwalità li mbagħad kompla jissaħħaħ b'tali mod li s-servizzi governattivi jingħataw fuq bażi ta' 24/7. Din kienet il-viżjoni għas-Servizz Pubbliku. Għalhekk din l-edizzjoni hija ffukata fuq erba' pilastri: servizz 24/7, servizz ta' kwalità, serjetà u kontabilità.

## 2014

IDEA

Fl-2014 bdejna billi tajna vuċi lill-uffiċjali pubbliċi. Permezz tal-inizjattiva IDEA stajna nadottaw kultura ta' *bottom-up approach* fejn l-uffiċjali pubbliċi jersqu 'l quddiem bl-IDEAt tagħhom.

**F'4 snin daħlu 'l fuq minn 500 IDEA**



Fl-2014 ukoll is-Servizz Pubbliku ħareġ l-ewwel pubblikazzjoni tiegħu bl-isem 'Miżuri ta' Simplifikazzjoni' fejn ta elenku tal-miżuri kollha ta' simplifikazzjoni li ttieħdu matul dik is-sena. B'hekk is-Servizz Pubbliku beda jsaħħaħ il-kontabilità permezz ta' rendikont tal-miżuri li ttieħdu.

### 2 DIRETTIVI ĠODDA

Waħda intiża biex jittieħdu deċiżjonijiet f'waqthom fis-Servizz Pubbliku u oħra li tat id-delega ta' awtorità lill-entitajiet biex imexxu proċessi ta' reklutaġġ bla ma jkollhom bżonn approvazzjoni ċentrali għal kull sejħa għall-applikazzjonijiet.

### Public Management Toolkit

Beda taħriġ mifrux f'seba' oqsma għall-uffiċjali pubbliċi li qegħdin jew jaspiraw li jkunu f'*Headship position*.

# ITTRAĦBAR

MAĦRUĠA
MILL-UFFIĊĊJU
TAS-SEGRETARJU
PERMANENTI
EWLIENI

IL-25 ĦARĠA – MARZU 2021

## KELMTEJN MILL-KAP TAS-SERVIZZ PUBBLIKU



**Din il-ħarġa taħbat ma' żewġ ġrajjiet. L-ewwel nett, għat-tieni darba f'dawn l-aħħar xhur, parti kbira mis-settur pubbliku emigrat lil hinn mill-uffiċċji biex qed taħdem mid-dar. Ninsabu konxji li mhux kulħadd jieħu gost b'din iċ-ċaqliqa meħtieġa fiċ-ċirkustanzi li qed ngħixu, fejn ħajjitna saret iddominata mill-ġirja biex inrażżnu din l-imxija.**

Għal dawn hemm ir-remote workspaces li qed ikunu għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali pubbliċi. In-numru ta' dawn bħalissa huwa limitat. Il-programm li għaddejjin bih se jkun qed iwassalna biex sa tmiem din is-sena jkollna numru ġmielu ta' remote workspaces u se jkun qed jiżżewweġ mal-policy l-ġdida dwar remote working li se tkun varata aktar tard din is-sena b'perjodu ta' tranżizzjoni li jwassalna naqilbu mit-teleworking kif nafuh illum għal dan il-kunċett ta' remote working. Għalija tappa oħra importanti immens għas-Servizz Pubbliku biex jilqa' għall-isfidi tal-ġejjieni. Tappa oħra ma' oħrajn li għaddejjin bħalissa.

Is-soluzzjonijiet li qed infittxu u li qed naħdmu fuqhom huma stejjer fihom infushom għax qed naraw li filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-Servizz Pubbliku, qed jindirizzaw ħtiġijiet tas-soċjetà wkoll. Insemmi l-qalba għal flotta ta' karozzi governattivi jaħdmu bl-elettriku; insemmi l-ħidma li qed issir biex infasslu metodi u miżuri biex jitnaqqas drastikament l-użu tal-karta fil-ħidma tagħna; imbagħad il-ħidma biex ikollna sistemi ta' filing diġitali minflok dawk użati llum; l-istrateġiji meħtieġa biex mis-sena d-dieħla jkollna għall-ewwel darba pjan fuq medda ta' ħames snin li jolqot in-nies, it-teknoloġija u s-servizz innifsu flimkien – jikkumplimentaw lil xulxin biex insaħħu lis-Servizz Pubbliku. It-tiġdid li kellna nagħmlu tista' tgħid wettaqnieh jew hemm fejn wasalna biex. Issa rridu nkomplu nibnu fuq li għamilna u, fejn rajna li ma rnexxejniex kemm xtaqna, nibdlu jew nirranġaw. Issa jmiss tisħiħ iktar milli tiġdid.

Din hija l-25 ħarġa tal-ittraħbar. Konsistentement twassal l-aħbarijiet u l-messaġġi lill-uffiċjali u l-impjegati pubbliċi. Hawnhekk indur fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni fi ħdan is-Servizz Pubbliku. Għodda importanti fil-ħajja tal-lum. Mhux komunikazzjoni biss permezz ta' ittraħbar. Imma s-Servizz Pubbliku jinħtieġlu jasal iktar bl-għodod kollha disponibbli fejn tidħol il-komunikazzjoni. Dak investiment ieħor li qegħdin nagħmlu. Dawk strutturi oħra li qed nibnu. Jekk irridu tabilħaqq li naslu fejn irridu naslu, is-soluzzjonijiet iridu jiġu ssiġillati fi strutturi għax tabilħaqq il-permanenza tal-investimenti u l-isforzi li nagħmlu tistrieħ fuq l-istrutturi. In-nies jinbidlu imma l-istrutturi huma l-pont bejn il-ġenerazzjonijiet. Strutturi b'saħħithom li jagħtu spazju b'saħħtu biex kull inizjattiva tkun immaniġġata, u dak li jiġi mmaniġġat jista' jiġi mtejjeb u żviluppat.

Fl-aħħar nett, għalkemm fiċ-ċirkustanzi m'hawnx ħossu, nixtieqlek l-Għid it-tajjeb. Is-saħħa lilek u lil dawk kollha qribek.

IBBUKKJA **REMOTE WORKSPACE** MINN **HAWN**

# 7

# Ħarsa lejn il-ħidma mwettqa mill-Ministeri fl-2020

# Kienet “is-sena” abbinata mal-imxija Covid-19. Ħafna mix-xogħol li twettaq mill-Gvern iffoka fuq kif għandha tkun miġġielda l-Covid-19, kemm f’termini ta’ saħħa kif ukoll f’termini ekonomiċi

Kienet “is-sena” abbinata mal-imxija Covid-19. Ħafna mix-xogħol li twettaq mill-Gvern iffoka fuq kif għandha tkun miġġielda l-Covid-19, kemm f’termini ta’ saħħa kif ukoll f’termini ekonomiċi. Ma kien hemm l-ebda manwal ta’ kif għandna nikkumbattu pandemija li ġiet fuqna bla mistenni. Iżda kien hemm rieda qawwija li f’kull ħaġa li ssir, ikunu protetti kemm jista’ jkun nies, ikollna l-faċilitajiet kollha sanitarji li kellna bżonn, kif ukoll li min bata direttament b’mod finanzjarju jiġi megħjun.

Iżda s-Servizz Pubbliku ma weħilx fuq il-pandemija biss. Kif rajna f’kapitli oħra ta’ din il-pubblikazzjoni, is-Servizz Pubbliku kompla b’numru kbir ta’ bidliet u titjib fl-operat tiegħu. Kellna l-inawgurazzjoni tal-ewwel remote workspaces u l-anniversarju ta’ servizz.gov, li għalaq ħames snin jaqdi lill-pubbliku.




Kellna wkoll pubblikazzjonijiet ta' governanza u komplew jissaħħu l-istrutturi f'dan il-qasam. L-Employee Support Programme ċċelebra wkoll l-għaxar snin tiegħu. L-ESP jagħti għajnuna fil-waqt lil impjegati li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet u wkoll kellu sehem importanti biex jgħin lill-frontliners waqt il-pandemija. Fl-istess waqt, bdew diskussjonijiet intensivi dwar l-istrateġija li għandna nadottaw għall-ħames snin li ġejjin. Dan kollu se jkun qed jiġi diskuss waqt il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku li din is-sena qiegħda ssir bejn it-28 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju. Iżda sar ħafna u ħafna xogħol ieħor mid-direttorati u d-dipartimenti fil-ministeri biex nattwaw il-pjanijiet għas-sena 2020. Kien hemm proġetti u xogħol li spikkaw iktar mill-oħrajn. Proġetti mil-lat ta' saħħa, infrastruttura, dawk relatati ma' ambjent aħjar, dawk li se jkunu qed itejbu l-governanza u dawk b'aspett soċjali, fost oħrajn. F'dan il-kapitlu se nagħtu ħarsa fuq fuq lejn il-proġetti li l-aktar ħallew impatt is-sena li għaddiet.



# Saħħa u kura fil-komunità

Fil-qasam tas-saħħa, iddominat il-battalja tagħna kontra l-Covid-19. Qabel ma l-Covid-19 kienet iddikjarata pandemija mill-Għaqda Dinijija tas-Saħħa, il-Gvern kien proattiv sabiex jibda jixtri l-provvisti mediċi neċessarji għal kull eventwalità minn Jannar 2020. Fil-fatt, il-Ministeru għas-Saħħa, permezz tas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), beda jixtri u jissupplixxi prodotti mediċi għall-ministeri u dipartimenti kollha tal-Gvern, fosthom il-Forzi Armati, il-Pulizija, is-Servizzi ta' Detenzjoni u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, peress li l-impjegati ta' dawn id-dipartmenti huma kkunsidrati wkoll bħala essenzjali.

Is-CPSU ħa ħsieb li jkollu provvista adegwata ta' sanitisers billi nieda produzzjoni lokali wkoll bħala kontinġenza, kif ukoll inxtara ammont sostanzjali ta' Personal Protective Equipment (PPEs) bħal ingwanti, maskri, visors, disposable gowns, surgical masks u safety goggles għall-użu mill-professjonisti mediċi fil-qasam mediku u għal kull frontliner fid-dipartimenti diversi. Għall-iswabbing centres, is-CPSU wettaq ħidma kbira sabiex Malta jkollha dejjem provvista ta' test kits, Rapid Antigen Testing u biohazard bags, fost affarijiet oħra. Għall-isptarijiet ta' Malta u Għawdex, is-CPSU xtara provvista ta' mediċini essenzjali, inkluż iktar ċilindri tal-ossiġnu, 100 ventilator u 55 sodda ġdida, kif ukoll apparat mediku neċessarju għal kull sodda. Iżda l-aktar ħaġa importanti kienet ix-xiri tal-vaċċin kontra l-Covid-19 mill-kumpaniji Pfizer, Moderna, AstraZeneca u Johnson & Johnson.




Il-Gvern investa l-ammont ta' €119-il miljun f'apparat mediku għall-isptarijiet, provvisti mediċi, kiri ta' servizzi, immodernizzar ta' bini u sahra tal-impjegati. Il-Gvern investa €26 miljun sabiex jixtri l-vaċċin għall-poplu Malti u Għawdxi.

Apparti l-battalja kontra l-pandemija, saru investimenti kbar oħra mxerrdin ma' Malta u Għawdex f'dak li għandu x'jaqsam ma' tisbiħ u mmodernizzar ta' bereġ tas-saħħa, fosthom dik tal-Birgu, Tal-Pietà, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, il-Mellieħa, il-Fgura, Ħal Għaxaq, Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard u Tas-Sliema. Din hija strateġija li kompliet taqdi l-ħtiġijiet tan-nies proprju ftit 'il bogħod minn djarhom u swiet mitqlu deheb f'mumenti fejn il-pressjoni fuq l-Isptar Mater Dei kienet kbira ħafna. Fost is-servizzi ġodda li ġew introdotti hemm servizz ta' tabib, servizz tal-infermiera, servizz ta' speech language, servizz ta' podjatrija, servizz ta' bleeding, servizz ta' fiżjoloġija, kif ukoll servizzi fil-qasam tas-saħħa mentali. (Mhux kull berġa għandha l-istess servizzi jew dawn is-servizzi kollha.) B'kollox dan l-investiment ġie jiswa madwar €190,000 f'xogħol strutturali, għamara ġdida u tagħmir mediku ġdid. Komplejna ninvestu bil-kbir fit-teknoloġija permezz ta' apparat ġdid robotiku essenzjali fil-qasam tal-onkoloġija kif ukoll tnedew proġetti pilota li jiffunzjonaw permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek. Dan jibni fuq l-investimenti kbar bla preċedent li qed isiru fit-teknoloġija u se jservi ta' pedament sod f'dan il-qasam għas-snin li ġejjin.

Iżda mhux l-istampa l-kbira biss. Id-dettall ukoll importanti ħalli n-nies kollha jieħdu l-aqwa servizzi possibbli mingħajr ħlas. Għalhekk infirex iktar is-servizz tal-flebotomija fil-komunità, li issa hu disponibbli fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.





Bdew xogħlijiet ta' rinovar fid-Dar Residenzjali tal-Imsida. Għall-persuni b'diżabilità, infetħet sezzjoni ġdida bl-isem ta' Narċis, li minnha jibdew jingħataw servizzi personalizzati u mmirati speċifikament biex iwasslu għall-integrazzjoni fil-komunità ta' persuni bejn it-18-il sena u d-59 sena li għandhom diżabilità. Dan ser ikun ifisser titjib fil-kwalità tal-ħajja ta' dawn il-persuni fid-dawl tal-fatt li fil-preżent qed jgħixu fir-Residenza San Vinċenz de Paule jew xi sptar ieħor, meta dan mhuwiex il-post adattat għalihom.

Fl-istess waqt, komplew jinbnew aktar swali ġodda u faċilitajiet oħra ġodda fir-Residenza San Vinċenz de Paule sabiex ikun hemm aktar spazju fejn l-anzjani tagħna jingħataw kura komprensiva fil-faċilità ta' long-term care.

Fl-2020 kien hemm 25 mediċina ġdida li daħlu fil-Formolarju tal-Gvern. Dawn jinkludu: 5 mediċini għall-kanċer, 3 mediċini tal-kliewi, 2 mediċini respiratorji, 2 mediċini tal-prostata, 3 mediċini kardjoloġiċi, mediċina bijoloġika, 4 mediċini antifungal, 2 mediċini radjoloġiċi u 3 tilqimiet ġodda. B'kekk żdiedu b'firxa akbar kemm it-trattament kif ukoll il-prevenzjoni ta' numru konsiderevoli ta' kundizzjonijiet mediċi.

Dan kollu sar b'investiment totali ta' madwar €10 miljun. Dawn l-inizjattivi kienu ta' suċċess kbir u ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-pubbliku. B'dawn il-mediċini ġodda gawdew madwar 40,000 pazjent, li llum qegħdin jiġu pprovduti lilhom bla ħlas, imqabbel ma' qabel meta dawn kienu jixtruhom il-pazjenti minn buthom jew jibqgħu mingħajrhom għax ma kinux affordabbli. Dan ikompli jimmotiva lil dawk involuti fil-proċess biex ikattru dawn l-inizjattivi fis-sena li ninsabu fiha.



Fl-infrastruttura, tkompla xogħol estensiv mal-pajjiż kollu bi proġetti kbar li kien ilu jinħass il-bżonn għalihom. Dan biex tiġi mitigata l-problema tat-traffiku filwaqt li jonqos il-ħin ta' traġitt bejn post u ieħor, li finalment jirriżulta f'arja iktar nadifa u iktar ħin ta' kwalità



# Trasport

Il-proġett massiv tas-seba' flyovers fil-Marsa tlesta, u tlesta fil-ħin. Permezz ta' project management eċċellenti, mhux biss tlestew il-flyovers, imma wkoll madwar tliet kilometri ta' passaġġi għar-roti u l-mixi. Dan il-proġett inqasam fi tliet fażijiet. L-ewwel fażi kienet tinkludi t-twaqqigħ ta' żewġ fabbriki, filwaqt li tieni fażi kienet it-twessigħ ta' Triq Aldo Moro u l-bini mill-ġdid ta' Triq il-Gvern Lokali. It-tielet fażi, li hija meqjusa bħala waħda maġġuri, kienet il-bini ta' seba' strutturi ta' pontijiet fi tliet livelli differenti, bini ta' toroq ġodda, bini ta' park and ride, korsiji, żewġ pontijiet u underpass iddedikati għall-użu tar-roti u l-mixi, kif ukoll żoni msebbħa bi pjanti u siġar. Dan kollu wassal biex il-proġett tal-Marsa jagħti lill-pubbliku aċċess iktar sigur u effiċjenti biex jivvjaġġa, kif ukoll titjib tal-arja.

Investiment li sar fil-proġett tal-Marsa huwa ta' madwar €70 miljun li ġie parzjalment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Bl-eliminazzjoni tat-traffic lights li kien hemm ħdejn iċ-Ċimiterju tal-Addolorata, dan il-proġett se jnaqqas il-ħinijiet tal-ivvjaġġar fir-rotot kollha li jingħaqdu f'din il-junction sa 79%.









Ma' dan il-proġett tlestew ukoll il-mini taħt ir-roundabout ta' Santa Luċija, liema roundabout kien jinġema' fiha ħafna u ħafna traffiku.

Il-proġett tal-mini ta' Santa Luċija kien jikkonsisti f'bini ta' żewġ mini biex jagħtu aċċess dirett minn Vjal Santa Luċija għal Triq Tal-Barrani. Fuq il-mini reġgħet inbniet ir-roundabout li kien hemm b'disinn ġdid biex tipprovdi aċċess iktar sigur u effiċjenti għal Santa Luċija, Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Xogħlijiet oħra relatati ma' dan il-proġett kienu l-bini mil-ġdid tal-jogging track u aċċess minn taħt l-art b'mod sigur għal min ikun irid jaqsam bil-mixi jew bir-rota Triq Tal-Barrani. F'dan il-proġett ġiet implimentata wkoll cycle lane li għaqqdet lill-Marsa ma' Santa Luċija, Ħal Tarxien u Raħal Ġdid.

Investiment li sar fil-proġett ta' Santa Luċija huwa ta' madwar €20 miljun li ġie parzjalment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Il-mini ġodda li jgħaqqdu Triq Tal-Barrani ma' Vjal Santa Luċija (it-Telgħa tal-Addolorata) qegħdin inaqqsu l-ħin tal-ivvjaġġar b'aktar minn 30%.

L-istess kunċetti qed jiġu applikati lejn in-naħat ċentrali tal-pajjiż permezz tal-proġett Central Link li wkoll ingħata spinta qawwija b'xogħol ma jaqta' xejn 24 siegħa kuljum. Dan se jkun proġett li se jnaqqas l-iġġammjar tat-traffiku bejn ir-Rabat u Birkirkara u jagħti arja ferm iktar nadifa lir-residenti tal-bliet fil-viċin. Iżda kull fejn jistgħu, l-aġenziji tal-Gvern qed jaħdmu biex iżidu l-korsiji għar-roti u spazji aktar siguri għal min ikun miexi. Għalhekk beda x-xogħol u tlestew pontijiet pedonali, fosthom fi Blata l-Bajda li għaqqad il-Ħamrun, il-Marsa u Blata l-Bajda, kif ukoll f'Raħal Ġdid fuq Triq il-Perit Mintoff għall-istudenti tal-MCAST li jimxu minn Raħal Ġdid jew inkella mill-waqfiet tal-linja ta' Telgħet Raħal Ġdid u lura. Fil-Marsa sar pont fuq Triq it-Tiġrija li ser jgħin biex wieħed jaqsam bejn iż-żoni residenzjali u industrijali fuq iż-żewġ naħat tat-triq. B'kollox dawn il-proġetti ġew jiswew madwar 7 miljun ewro.

F'Għawdex ukoll saru proġetti infrastrutturali kbar, fosthom il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza San Franġisk, pjazza li minnha jgħaddu mijiet ta' vetturi fi triqthom lejn bosta lokalitajiet oħrajn. Ix-xogħlijiet hawn inkludew żieda fiż-żoni pedonali, installazzjoni ta' sistema ġdida ta' dwal fil-pjazza, it-tisħiħ tas-sistemi tal-ilqugħ tal-ilma tax-xita u t-twaħħil ta' għamara ġdida ta' barra sabiex il-pubbliku jkun jista' jistrieħ waqt li jgawdi din il-pjazza.

# Ambjent, Enerġija, Biedja u Sajd

Tul dawn l-aħħar 12-il xahar, komplew ukoll inizjattivi ambjentali li se jwasslu għal aktar afforestazzjoni fil-Buskett, f'Kemmuna u fis-Salini, fost oħrajn.

B'afforestazzjoni huwa mifhum żona fejn ikun ser isir jew sar tħawwil ta' siġar u arbuxxelli (jiġifieri pjanti). Meta żona partikolari tkun allokata għal proġett ta' afforestazzjoni, jitqies is-sit b'mod ħolistiku, billi l-ewwel tingħata kunsiderazzjoni lill-abitat taż-żona u jkun ippjanat it-tħawwil skont dan l-abitat. Isiru wkoll il-preparamenti meħtieġa għat-tħawwil tas-siġar u l-arbuxxelli, billi jitneħħa materjal ta' skart u/jew speċi invażivi bħal agave u akaċja, jiġi ċċekkjat jekk hemmx ħamrija biżżejjed, jiġu restawrati ħitan tas-sejjieħ fiż-żona, kif ukoll tiġi installata sistema ta' irrigazzjoni skont il-bżonn.

F'Kemmuna fl-2020 tħawlu 6000 siġra u arbuxxelli ta' speċi indiġeni, fosthom żnuber, riħan, te Sqalli, periploka, ħarrub, żebbuġ salvaġġ, palma ta' Malta, bruka, deru u għargħar. Fil-Buskett, is-sena l-oħra wkoll, tħawlu 1000 siġra u arbuxxelli, fosthom iż-żnuber, riħan, ħarrub, deru, għargħar, żebbuġ, alaternu, luq, ulmu, rand, ballut, rummien, ċawsli, ulivestru, ramnus, lewż, żafżaf u tut. Fis-Salina tħawlu 3300 siġra u arbuxxelli, fosthom żnuber, żebbuġ, riħan u bruka.





Ta' min isemmi wkoll li fi snin riċenti, qabel l-2020, kienu diġà tħawlu aktar siġar u arbuxxelli f'dawn iż-żoni.

Iżda li jitħawlu s-siġar mhux biżżejjed. Kien għalhekk li ġew ingaġġati l-ewwel Environmental Rangers fis-siti Natura 2000 li xogħolhom hu li jissorveljaw ix-xogħlijiet ta' restawr ambjentali li jsir minn Ambjent Malta u jaraw li siġar u arbuxxelli mħawla u xogħlijiet oħra li saru jibqgħu mantnuti.

Kien hemm ukoll sforzi oħra biex isiru proġetti sostenibbli. Permezz tal-Fond għall-Iżvilupp u l-Ippjanar, komplew jiġu inċentivati kunsilli lokali u għaqdiet sabiex jidħlu għal diversi proġetti fl-ibliet u l-irħula tagħna li huma sostenibbli u li jwasslu biex itejbu l-ħajja tar-residenti.  B'kollox intużaw 12-il miljun ewro f'dawn l-iskemi. Saret reviżjoni tal-metodu kif il-kunsilli lokali u terzi jistgħu jużaw dawn il-fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikompli jintlaħaq l-għan ta' din il-miżura. Saru emendi sabiex jiġi faċilitat il-proċess u jinfetħu opportunitajiet ġodda ta' għoti ta' fondi lil kunsilli lokali u għaqdiet għal proġetti ħodor.

Fl-istess waqt irridu ninnutaw li l-ambjent mhux is-siġar biss. Hemm ukoll ir-riżorsi naturali li apparti li rridu nieħdu ħsiebhom u nnaqqsu l-użu tagħhom kemm jista' jkun, irridu naraw li dik li tissejjaħ "carbon footprint" tonqos. L-immaniġġar tal-ilma b'mod sostenibbli baqa' għaddej b'ħidma ma taqta' xejn fuq il-kampanja nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma. Għal dan il-għan, il-Ministeru għall-Enerġija u l-Iżvilupp Sostenibbli qed ikompli jasal f'kull belt u raħal u jqassam kits apposta li jgħinu biex jiġi ffrankat l-ilma. Saru xogħlijiet infrastrutturali f'numru ta' pumping stations, bħal pereżempju Tax-Xama' f'San Pawl il-Baħar u f'Tal-Pwales fix-Xemxija. Qed nipproduċu aktar ilma ġdid alternattiv mill-impjanti tad-drenaġġ li jintuża għat-tisqija. In-network ta' dan l-ilma ġdid u ta' kwalità li dejjem qiegħda titjieb, qiegħed dejjem jiġi estiż.

Matul din is-sena, tlestew xogħlijiet ta’ ristrutturar tal-impjanti tar-Reverse Osmosis (RO) eżistenti f’Malta kif ukoll tkompla l-bini mill-ġdid ta’ RO f’Għawdex. B’hekk se tkun qed tiżdied il-kapaċità tal-impjanti u qed tiġi introdotta teknoloġija ġdida biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija filwaqt li titjieb l-effiċjenza.

Tkompla wkoll ix-xogħol fil-mina mir-reverse osmosis f’Pembroke għall-ġibjun f’Ta’Qali. Dan kien jinvolvi xogħlijiet ta’ binja ta’ mina mill-Ibraġ għal Pembroke u tħaffir mill-Ibraġ u l-Iklin għal San Ġwann, u minn Ta’ Qali għall-Iklin.

F’dawn l-oqsma, bix-xogħlijiet li qed isiru fil-preżent, qegħdin nissalwagwardjaw mhux biss il-provvista bla skossi llum, imma għal meta jerġa’ jibda ġej turiżmu ta’ kwantità kif ukoll għal żidiet fil-popolazzjoni.

Fil-qasam tal-agrikoltura, qed issir ħidma biex ir-razzett tal-Gvern fl-Għammieri jinbidel f’Ċentru ta’ Innovazzjoni u Riċerka Agrikola. Fost ir-riċerka li qed iwettaq id-dipartiment hemm żewġ proġetti ffinanzjati mill-Partnership for Research and Innovation in the Mediterranean Area (PRIMA) – il-proġett SIMTAP li ser juża riċerka innovattiva ta’ aquaponics bejn konsorzju ta’ tmien entitajiet madwar il-Mediterran, u l-proġett MED WET li ser jevalwa metodi effiċjenti sabiex jitnaqqas l-użu tal-ilma fl-irrigazzjoni. Permezz tar-Research Support Unit, saru numru ta’ xogħlijiet ta’ titjib infrastrutturali f’dan iċ-ċentru, fosthom fl-istrutturi li fihom jitrabbew il-bhejjem indiġeni Maltin. Dawn ix xogħlijiet jinkludu t-tkomplija ta’ tinda kif ukoll titjib u manutenzjoni tal-qtajja’ eżistenti fejn jinżammu l-mogħoż u n-nagħaġ indiġeni, titjib tal-qtajja’ fejn jinżammu l-baqar indiġeni Maltin, irranġar tal-gaġeġ u l-kmamar fejn jinżammu t-tiġieġ is-suwed ta’ Malta, bdil u rranġar tal-post tat-tifqis (hatchery) tal-flieles, kisi u tibjid ġenerali, u l-maħżen tal-ġwież ingħata wiċċ ġdid bil-konkos. Bħas-sena li għaddiet, tkomplew il-programmi ta’ konservazzjoni u ta’ tkattir tar-razez ta’ bhejjem indiġeni Maltin, fosthom tat-tiġieġ is-suwed, tal-mogħoż, tan-nagħaġ u tal-baqar Maltin. Dan jinvolvi tfassil ta’ programmi sabiex jissaħħu r-riżorsi ġenetiċi ta’ dawn l-ispeċi indiġeni permezz ta’ monitoraġġ u selezzjoni. Tħawlu frawli u patata għal skopijiet ta’ riċerka xjentifika, inżabru s-siġar taż-żebbuġ u numru ta’ siġar oħra, u fix-xhur ta’ Novembru u Diċembru nżera’ l-magħlef.

Il-proġett se jiffoka fuq prattiki ta’ biedja ta’ preċiżjoni, inkluż l- immaniġġar tal-insetti u l-parassiti u l-irrigazzjoni bl-użu tal- Intelliġenza Artifiċjali. Il-benefiċċji ta’ dan il-proġett jinkludu ż-żieda fil-produzzjoni tal-ħsad, it-tnaqqis tal-użu ta’ pestiċidi u tal-ilma, u t-tnaqqis fl-impatt ambjentali tal-prattiki agrikoli. B’hekk jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola.  F’Diċembru li għadda ġew installati nases fl-għelieqi fir-razzett esperimentali tal-Għammieri u bdiet tinġabar l-informazzjoni bl-użu ta’ din it-teknoloġija. Beda jitħejja wkoll il-proċess li se jwassal sabiex bdiewa li għandhom l-għelieqi tagħhom f’siti li huma meqjusa ta’ importanza għal dan l-eżerċizzju japplikaw biex jipparteċipaw f’dan il-proġett pilota.





Sar ukoll xogħol fil-qasam tas-sajd. Ġiet inawgurata faċilità ta' ħatt ta' ħut f'Marsaxlokk permezz ta' investiment kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS). Din il-faċilità mistennija ttejjeb il-ħidma tal-Uffiċjali għall-Protezzjoni tas-Sajd, li huma responsabbli li jassiguraw li l-ħut maqbud illegalment ma jiġix imniżżel u mibjugħ. Dan il-proġett inkluda wkoll chiller room, li tippermetti li d-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura jaħżen ħut maqbud illegalment u li jiġi kkonfiskat, kif ukoll krejn li għandu jintuża fil-proċess tal-ħatt tal-ħut imdaqqas. Permezz ta' dan l-investiment, id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura beda joffri s-servizzi tiegħu lill-pubbliku minn Marsaxlokk, biex b'hekk jiġi evitat kull skariġġ żejjed lis-sajjieda.

Matul l-2020, id-dipartiment implimenta skema għar-restawr ta' dgħajjes tradizzjonali tal-injam użati għas-sajd kummerċjali. L-għan tal-iskema, li ġiet iffinanzjata minn fondi nazzjonali, kien li tingħata għajnuna finanzjarja lil sidien ta' bastimenti tradizzjonali bħall-firilla, il-kajjik, il-luzzu u l-frejgatina, u li huma reġistrati bħala MFA jew MFB. L-applikazzjonijiet intlaqgħu fl-ewwel nofs tas-sena filwaqt li lejn l-aħħar tas-sena d-Dipartiment għadda l-pagamenti u beda jipprepara biex din l-iskema tiġi finalizzata u wara s-suċċess tagħha, terġa' tkun miftuħa għal sena oħra. B'kollox ibbenefikaw 90 applikant, li bejniethom ingħataw is-somma ta' €102,941.



# Edukazzjoni, Xjenza u Teknoloġija

Fl-edukazzjoni kompla l-investiment massiv f'xogħlijiet ġodda, manutenzjoni u tibdil ta' għamara f'għadd ta' skejjel. Infetħet uffiċjalment l-iskola primarja ġdida f'Marsaskala u tlesta childcare centre ieħor ġdid f'San Ġwann, bl-istrateġija tibqa' dik li ħadd ma jaqta' lura – kemm dawk li jeċċellaw fl-edukazzjoni formali kif ukoll dawk li jixtiequ jaqbdu toroq oħra, fosthom f'suġġetti vokazzjonali u applikati.

Bi spirtu inklużiv, se jkunu tlestew madwar 80 workshop state-of-the-art għal suġġetti vokazzjonali. Komplew tħejjijiet biex jinbnew skejjel ġodda primarji fir-Rabat u l-Imsida, kif ukoll il-bini ta' sala għall-iskola sekondarja ta' Santa Luċija. Tajjeb li jingħad li sakemm damu magħluqin l-iskejjel waqt l-imxija, sar xogħol ta' manutenzjoni u żvilupp f'aktar minn 100 skola.





# Kompliet tiġi mħaddma l-iskema ta' trasport b'xejn għall-istudenti kollha fil-primarja u s-sekondarja, għall-istudenti li jattendu skejjel tal-Gvern kif ukoll dawk indipendenti u tal-Knisja

'Il fuq minn 26,000 student qed jużaw dan is-servizz b'xejn li għalkemm l-ispiża tiegħu laħħqet is-27 miljun ewro fis-sena, qed tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku u tnaqqas it-tniġġis tal-arja. B'din il-miżura, il-familji qed jiffrankaw medja ta' €700 għal kull wild.

Fl-edukazzjoni wkoll, saret ħidma kbira sabiex l-edukazzjoni tibqa' tingħata kemm jista' jkun waqt il-Covid-19, kemm fil-klassijiet kif ukoll online. Fost oħrajn, il-Ministeru, bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha, ippubblika pjanijiet nazzjonali komprensivi li wasslu għall-ftuħ tas-sena skolastika 2020-2021 u s-sena akkademika. Il-pjan kien wieħed komprensiv u jkopri l-livelli kollha fis-settur tal-edukazzjoni mill-kindergarten u l-primarja sal-Università ta' Malta u l-MCAST. Dan il-pjan spjega kif it-tfal u l-istudenti jmorru minn sena għal sena matul il-livelli kollha tal-vjaġġ edukattiv tagħhom; l-introduzzjoni ta' marka (predictive mark) minflok eżamijiet SEC u l-opportunità għall-istudenti biex jieħdu s-SEC f'Settembru; meta l-MATSEC Intermedju u Avvanzat se jseħħ; dħul ta' studenti f'istituzzjonijiet postsekondarji; u dħul ta' studenti b'mod proviżorju anke fl-Università, MCAST u ITS.

Fuq ix-xjenza, Esplora nediet paġna fuq il-website tagħha bit-titlu 'Online Science'. Din il-paġna tinqasam f'numru ta' attivitajiet online, fosthom Youtube Channel b'diversi videos interattivi b'ħafna esperimenti li wkoll ixxandru fuq TVM bit-titlu Esplora Esperimenti, blogs ta' attivitajiet għat-tfal li l-gwardjani setgħu jagħmlu fid-djar tagħhom, kompetizzjonijiet interattivi, u diskussjonijiet online f'qafas ta' Science Cafe għall-adulti. Il-pjattaforma ta' Facebook kienet u ser tibqa' tkun kruċjali sabiex dan isir. L-iskop ta' din l-inizjattiva kien li Esplora tilħaq lill-pubbliku, speċjalment edukaturi, familji, adulti u lit-tfal bl-aktar mod wiesa' possibbli. Esplora qed tinvesti f'apparat siewi għal-live streaming, mobile app, kif ukoll website ġdida sabiex it-tagħlim u s-servizzi online ta' kwalità tajba jibqgħu jiġu offruti fit-tul, u mhux jieqfu ladarba jirnexxilna negħlbu din il-pandemija. Barra minn hekk ġie mfassal ukoll virtual tour tal-Esplora sabiex viżitaturi jistgħu jaċċessawh mill-kumdità ta' djarhom. Dan jinsab fuq l-istess website. Esplora qed timmodifika l-istrateġija tagħha fit-tul għal waħda li tħaddan Digital Marketing u Blended Learning.



# Turiżmu

It-turiżmu huwa mutur ewlieni fit-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna, tal-ħolqien tal-ġid u l-impjiegi. Huwa settur fejn sal-2019, għal għaxar snin sħaħ, sena wara l-oħra, ġie rreġistrat rekord ta' wasliet ta' turisti f'Malta, biex fl-2019 ilħaqna ċ-ċifra ta' 2.8 miljun turist. Dawn ir-rekords huma frott ta' ħidma kontinwa biex Malta tibqa' destinazzjoni turistika ta' kwalità u mfittxija mit-turisti minn madwar id-dinja fost numru ta' destinazzjonijiet oħra popolari anke fil-Mediterran stess.

Is-sena 2020 kellha tkun sena oħra ta' rekord fin-numru ta' turisti li kienu mistennija jżuru pajjiżna. Sfortunatament, ix-xejra ta' tkabbir impressjonanti li konna qed nesperjenzaw f'dawn l-aħħar snin ma setgħetx titkompla din is-sena, għar-raġuni ovvja li bħal sajjetta fil-bnazzi, waslet il-pandemija Covid-19, li mil-lejl għan-nhar waqqfet lill-industrija turistika ħesrem.

Għaldaqstant, matul is-sena 2020 il-ħidma kienet iffukata partikolarment fuq inizjattivi mmirati biex jitnaqqsu l-effetti negattivi li ħalliet il-Covid-19 fuq is-settur tat-turiżmu.

Innovattiva għall-aħħar kienet l-iskema tal-Contact Tracing biex dawk il-persuni li tilfu l-impjieg tagħhom ħabta u sabta setgħu japplikaw għal impjieg mal-Contact Tracing Teams tal-Ministeru għas-Saħħa. Iktar minn 900 persuna applikaw għal din l-iskema.

Il-konnettività bl-ajru minn u lejn Malta hija essenzjali kemm għal skopijiet soċjo-ekonomiċi u anke biex l-industrija tat-turiżmu terġa' tqum fuq saqajha. Għaldaqstant, matul is-sena komplew għaddejjin in-negozjati mal-linji tal-ajru li ħafna minnhom jinsabu f'sitwazzjoni finanzjarja ħażina minħabba l-impatt tal-Covid-19, biex dawn ikunu mħajra jżommu jew jiftħu rotot minn u lejn Malta. Ġiet offruta wkoll assistenza lill-operaturi u l-linji tal-ajru li jservuna bl-aħjar mod u bil-modi kollha permessibbli. Tnedew ukoll inizjattivi diplomatiċi ma' numru ta' pajjiżi dwar il-kunċett ta' Safe Corridors.



Baqgħu għaddejjin kampanji ta' marketing sottili biex Malta tibqa' tiġi kkunsidrata bħala destinazzjoni mit-turisti prospettivi u biex anke tiżamm fuq ir-radar internazzjonali. Fost dawn kien hemm il-promos diġitali bit-tema 'Dream Now... Visit Later' biex iħeġġu lill-viżitaturi potenzjali biex meta jasal iż-żmien jiġu jesploraw il-gżejjer tagħna, kif ukoll videos promozzjonali li juru s-sbuħija tal-gżejjer Maltin. Din is-sena ġie mniedi wkoll studju speċjalizzat biex issir analiżi profonda tal-pożizzjoni ta' Malta f'termini ta' marketing fil-kuntest post-Covid-19.

Matul is-sena 2020 kompliet il-ħidma sabiex titfassal strateġija aġġornata għall-iżvilupp tat-turiżmu. Din l-istrateġija se tkun qed telenka l-viżjoni tal-Gvern sas-sena 2030 għat-tisħiħ tat-turiżmu bħala pilastru ewlieni tal-ekonomija Maltija, filwaqt li tikkunsidra l-irkupru tas-settur mill-ħerba li qed tħalli l-pandemija Covid-19. L-istrateġija qed tħares lejn bidu ġdid għall-industrija tat-turiżmu, liema industrija tkun imsejsa fuq sisien aktar sostenibbli u kompetittivi u b'enfasi ikbar fuq il-kwalità.

L-istrateġija ġdida tiffoka fuq diversi aspetti u numru ta' interventi li għandhom jiġu implimentati sabiex l-industrija terġa' tqum fuq saqajha u jerġgħu jinkisbu r-riżultati eċċellenti li Malta kellha qabel il-pandemija. Dawn l-interventi jinkludu sostenn lin-negozji, investiment f'kampanji ta' marketing u aktar ħidma sabiex nerġgħu nistabbilixxu  l-konnettività tal-ajru, kif ukoll intejbu l-prodott turistiku b'aktar enfasi fuq il-kwalità u s-sostenibbiltà sabiex tiżdied in-nefqa tat-turist f'pajjiżna.

L-iffukar kontinwu biex ngħollu l-livell tal-prodott turistiku tagħna wassalna biex ngħaqqdu lit-turiżmu mal-kunċett ta' tindif u manutenzjoni taħt Ministeru wieħed.

Il-protagonisti f'dan kollu huma l-impjegati tad-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni, li taħdem biex fi kwalunkwe żmien tkun assigurata l-iġjene għas-saħħa tal-poplu u fl-istess waqt ikompli jitjieb il-prodott turistiku Malti.

L-impjegati f'din id-diviżjoni jwettqu xogħlijiet ta' tindif ta' postijiet pubbliċi u toroq arterjali, tindif u manutenzjoni ta' żoni turistiċi, żoni kummerċjali, bini tal-gvern, żoni residenzjali u tindif tal-bajjiet u tal-kosta.



# Ta' min isemmi li matul din is-sena, kompla jsir progress fl-indafa fit-toroq arterjali u distributorji, fejn id-diviżjoni kompliet issaħħaħ kunċett li ġie introdott f'ċerti rotot

Ix-xogħlijiet ta' rutina li saru matul l-2020 kienu jinkludu l-ħasil tat-toroq u bankini permezz ta' floor scrubber machines, li huwa makkinarju industrijali u speċjalizzat sabiex inaddaf iktar fil-fond, qtugħ ta' ħaxix ħażin u tneħħija ta' siġar li jkunu waqgħu, knis, ġbir ta' skart, tbattil ta' laned tal-iskart, tindif ta' subways u sinjali tat-traffiku, tindif tas-sistemi ta' kanali tal-ilma tax-xita, tneħħija ta' chewing gum permezz ta' gum busting machines, tindif tal-latrini pubbliċi, ġbir ta' annimali mejtin mit-toroq, kif ukoll ġbir ta' skart goff minn siti, toroq u skejjel madwar Malta. Dawn l-istess xogħlijiet saru wkoll b'mod regolari f'żoni turistiċi bħal Paceville, Buġibba u San Pawl il-Baħar, il-Belt Valletta, l-Imdina u r-Rabat.

Il-ħaddiema tad-diviżjoni neħħew ukoll ammonti kbar ta' materjali mormija illegalment fit-toroq u postijiet pubbliċi. Iċ-Chadwick Lakes u Manoel Island kienu żewġ postijiet fejn matul l-2020, id-diviżjoni għamlet interventi ta' tindif intensiv. Matul l-2020, id-diviżjoni ġabret madwar 17,800 tunnellata ta' skart.

Ta' min isemmi li matul din is-sena, kompla jsir progress fl-indafa fit-toroq arterjali u distributorji, fejn id-diviżjoni kompliet issaħħaħ kunċett li ġie introdott f'ċerti rotot u żoni partikolari, billi inkarigat impjegati fissi sabiex ikunu responsabbli għal rotta jew saħansitra żona u jaraw li tkun imnaddfa sew fuq bażi regolari.

Barra mit-tindif, saru diversi interventi ta' manutenzjoni fuq roundabouts u traffic islands, xogħol ta' kurduni fejn kien hemm bżonn, kif ukoll ġew miżbugħa numru ta' railings tat-toroq. Sar ukoll upkeep ta' madum, pavimentar, bankini u żebgħa ta' bollards. Saru xogħlijiet ta' manutenzjoni f'diversi postijiet u binjiet pubbliċi, fosthom Pjazza Kastilja u Ġnien Laparelli.

Ingħatat assistenza lil diversi ministeri u dipartimenti pubbliċi permezz ta' rinovar ta' uffiċini, fosthom dak tal-Avukat Ġeneral u dak tal-Avukat tal-Istat. Għall-ewwel darba ġew iffirmati diversi ftehimiet ma' numru ta' kunsilli lokali u entitajiet governattivi oħra sabiex iż-żoni li jaqgħu fir-responsabbiltà tagħhom jibdew jiġu mnaddfa regolarment minn din id-diviżjoni.

Minbarra x-xogħol ta' tindif u manutenzjoni, kif imsemmi aktar 'il fuq, matul is-sena 2020 id-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni kompliet twettaq xogħol f'żoni turistiċi, liema xogħol ikkonsista fi ġbir ta' skart, knis, ħasil tat-toroq matul il-lejl, tbattil ta' bins u ġbir ta' skart goff. Apparti t-tindif, din is-sena d-diviżjoni żiedet ukoll is-servizzi ta' diżinfettar fl-istess żoni. Sar ukoll xogħol ta' ħasil ta' tabelli.

Fejn jidħlu l-bajjiet u l-kosta, ġew imneħħija madwar 3806 tunnellati ta' alka, biex imbagħad din l-alka ngħatat lil diversi bdiewa sabiex tintuża bħala fertilizzant fl-għelieqi tagħhom.

# Pulizija, Ġustizzja u Difiża

Il-forzi dixxiplinati. Għall-Forzi Armati ta' Malta sar investiment kbir f'tagħmir sofistikat għall-iSpecial Operations Unit. Biex tibqa' relevanti u aġġornata, il-Forzi Armati kompliet bl-impenji tagħha biex jiġu mtejba l-opportunitajiet ta' taħriġ għal kull membru tal-armata. Dan qiegħed isir b'kollaborazzjoni sħiħa bejn istituzzjonijiet edukattivi bħall-MCAST, l-ITS u l-Università ta' Malta kif ukoll mad-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei. Kompla taħriġ speċjalizzat lil suldati u rekluti f'akkademji militari rinomati madwar id-dinja.

Għall-pulizija kien hemm investimenti kbar, kemm f'apparat ġdid u modern għar-Rapid Intervention Unit kif ukoll għall-iSpecial Intervention Unit. Il-Korp kompla bit-tisħiħ fid-Dipartiment tar-Reati Ekonomiċi, li issa qed jopera minn binja moderna.

Intlaqa' tassew il-kunċett tal-community policing, fejn il-Pulizija jinqalgħu mill-għases u jaħdmu aktar man-nies fit-toroq u fil-pjazez Maltin Sabiex dan il-kunċett jinfirex aktar, għaddej ukoll investiment siewi f'sistemi u uffiċjali.

Fil-Faċilità ta' Kordin, kompla programm ta' refurbishment minn priġunieri nfushom li tax-xogħol li jagħmlu jitħallsu. Inxtraw aktar vetturi biex jiffaċilitaw trasport tal-priġunieri lejn l-isptar, il-Qorti jew postijiet oħra meħtieġa. Iżda anke hawnhekk, ma nitkellmux dwar bini u makkinarju biss. Komplejna nsaħħu l-iskema tal-Bridging the Gap, fejn numru akbar ta' priġunieri rnexxielhom isibu impjieg biex b'hekk ikollhom impjieg xieraq malli jiskontaw is-sentenza tagħhom.






Fil-qasam tal-ġustizzja, ġie introdott proċess ġdid li permezz tiegħu l-liġijiet tal-pajjiż ikunu machine readable. Dan ser jippermetti l-faċilità ta' użu aħjar tal-liġijiet permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċess involut, bil-għan li l-professjonisti legali u persuni oħra jkollhom l-għodda li jeħtieġu. Sal-lum il-ġurnata l-liġijiet tal-pajjiż huma misjuba f'pdf format. Fl-istess waqt qed tiġi introdotta sistema li toffri l-faċilità li kuntratti pubbliċi misjuba għand l-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern ikunu jistgħu jiġu akkwistati u aċċessati b'mod elettroniku. Sal-lum il-ġurnata, persuna li tkun tixtieq aċċess għal dawn il-kuntratti tkun trid tmur fiżikament f'dan l-uffiċċju sabiex tfittex.

Ġiet ukoll introdotta Case Management System fil-Qrati tagħna (Digicourts) u dan sabiex tibda tintuża t-teknoloġija tal-web kif ukoll l-infrastruttura diġitali li tippermetti servizzi aktar effiċjenti u adegwati għad-dinja tal-lum.

Iżda l-akbar xogħol li sar f'dan il-qasam kien l-implimentazzjoni ta' proċess ta' separazzjonijiet tal-funzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Din saret bis-saħħa tal-ħolqien tar-rwol tal-Avukat tal-Istat u l-uffiċċju tiegħu. Ma kinetx qasma kożmetika, imma ħolqien ta' żewġ entitajiet distinti bi tmexxija separata, amministrazzjoni u identità separata. Iż-żewġ uffiċini bdew joperaw minn binjiet differenti kif ukoll sarilhom reklutaġġ ġdid biex ikollhom il-kapaċità li jiffunzjonaw bl-aħjar mod possibbli. Fil-fatt sar investiment ta' madwar 548,000 ewro f'pagi ta' amministrazzjoni u kera ta' post għall-Avukat tal-Istat. L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat sarlu reklutaġġ ta' tmien uffiċjali oħra sabiex ikun jista' jiffunzjona kif suppost. Barra minn hekk, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kellu żieda ta' 59% fis-salarji tal-ħaddiema tiegħu peress li matul is-sena 2020 sar reklutaġġ ta' 25 impjegat ġdid fi ħdan dan l-uffiċċju sabiex ikunu jistgħu jaqdu aħjar il-funzjonijiet prosekutorjali ġodda li dan l-uffiċċju ħa f'idejh.

# Taxxa u Finanzi

Fid-Dwana kompla investiment kbir u bla preċedent biex tissokta l-ħidma tal-Istat biex jiġġieled kontra d-droga u l-oġġetti kontrafatti. Kompla t-taħriġ professjonali lill-impjegati, inxtara vann ieħor b'faċilitajiet ta' x-rays, inxtraw aktar magni li jiskennjaw il-bagalji u qed issir ħidma biex l-operazzjonijiet ta' scanning li jitwettqu fil-Freeport ikunu replikati fil-Port il-Kbir ukoll. Beda jintuża l-Canine Compound f'Ħal Far, li hu binja moderna fejn il-klieb tal-iskwadra jingħataw taħriġ b'aktar sigurtà. L-investimenti fid-Dwana wasslu għal riżultati storiċi s-sena li għaddiet.

Inqabdu aktar minn miljun oġġett falz, stmati li jiswew €90 miljun; 650 kilo droga, b'valur fit-triq ta' aktar minn €70 miljun; u €600,000 fi flus kontanti mhux iddikjarati, u dan bħala parti mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Inqabdu wkoll 500,000 sigarett tal-kuntrabandu, b'valur ta' €300,000; 23 dgħajsa u żewġ containers mimlija logħob tan-nar, b'valur ta' €135,000 u €735,000 rispettivament; u 10,000 flixkun xorb alkoħoliku tal-kuntrabandu, b'valur ta' aktar minn €100,000.








Fid-Dipartiment tat-Taxxa twettqu miżuri biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar. In-nies fin-negozju issa jistgħu jirreġistraw, jiddereġistraw jew jikkanċellaw ir-reġistrazzjoni tagħhom għall-VAT/PE online u tiġi validata fil-pront. Ġew riveduti l-proċeduri ħalli jitnaqqas il-bżonn li timtela l-formola tat-taxxa, billi t-taxpayers jirċievu rendikont proviżorju li jiġi kkonfermat minnhom stess.

Matul is-sena 2020, l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi nieda sitt (6) formoli elettroniċi, tlieta fil-qasam tat-taxxa u tlieta fil-qasam tal-VAT. Dawn il-formoli jagħtu risposta liċ-ċittadin in real time. B'din l-inizjattiva, iċ-ċittadin qiegħed jinqeda mill-ewwel, bir-riżultat li ma jkollux għalfejn imur f'xi uffiċċju governattiv jew jibgħat formola sabiex tinħadem mill-back office. Permezz tal-infrastruttura teknoloġika li ġiet żviluppata, iċ-ċittadin jirċievi risposta ftit sekondi wara li jkun issottometta l-applikazzjoni tiegħu. Sar taħriġ intern lill-impjegati  u ġiet ippubblikata preżentazzjoni dwar l-użu tal-formoli kollha fuq is-sit tal-Kummissarju tat-Taxxi. Dan kollu b'viżjoni fejn is-servizz jasal għand il-klijent mingħajr kumplikazzjoni u wġigħ ta' ras.

# Kultura u Mistrieħ

Fil-kultura, qed isir xogħol imprezzabbli ta' restawr li se jkun ifisser li binjiet storiċi u ta' importanza nazzjonali, bħal pereżempju l-Cottonera Lines, il-Victoria Lines u l-Forti Rikażli, ikunu jistgħu jibqgħu jitgawdew mill-ġenerazzjonijiet futuri.

Id-Direttorat tar-Restawr fl-2020 wettaq diversi proġetti ta' restawr u riabilitazzjoni fuq bini u swar ta' importanza storika, wara l-għotja ta' numru konsiderevoli ta' kuntratti ta' xogħol. Inbeda r-restawr fuq il-faċċata prinċipali tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun, u beda r-restawr minn ġewwa tal-Oratorju tal-Ġiżwiti fil-Belt. Tkompla wkoll ix-xogħol fuq l-aħħar fażi ta' Palazz Ferreria fil-Belt u sar ukoll restawr tal-faċċati tal-uffiċċji tal-Ministeru għall-Finanzi fil-Belt.









Tkompliet skema mħaddma mal-kunsilli lokali fejn tlestew proġetti ta' restawr fuq in-Niċċa tas-Salvatur f'Marsaxlokk, il-Kappella ta' San Ġużepp fil-Manikata (il-Mellieħa), il-Kappella ta' Santu Kristu f'Ħal Għaxaq, u l-Kappella ta' San Ġużepp f'Santa Venera. Inbdew ukoll il-proġetti ta' restawr tar-Ridott ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa, il-Kappella tas-Salvatur fiż-Żejtun, il-Kappella ta' San Ġakbu fin-Naxxar u n-Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu f'Ħal Għaxaq.

Fl-Arkivji Nazzjonali, ukoll ġawhra imprezzabbli għal pajjiżna, tneħħa l-proċess manwali użat sal-lum il-ġurnata mir-riċerkaturi li jkunu jixtiequ jirriservaw materjal. Dan il-proċess ser jibda jsir b'mod elettroniku. B'hekk ikun hemm aktar kumdità għar-riċerkaturi, tnaqqis fil-ħin ta' stennija u organizzazzjoni aħjar tar-riżorsi tal-Arkivji Nazzjonali.

Fl-isport, is-sena li għaddiet rajna aktar progress li qed isir fuq il-padiljun tal-basketball f'Ta' Qali. Inbidlu strutturi u planki tal-injam li kienu jiffurmaw parti mill-istands tal-ispettaturi sabiex ġiet żviluppata arena ġdida. Dawn l-istands ġodda jifilħu 1000 spettatur bilqiegħda kif ukoll spettaturi b'diżabilità b'aċċess speċjalizzat u lifts installati apposta. Il-proġett kien jinkludi wkoll il-bini ta' changing rooms bil-faċilitajiet neċessarji kif ukoll bini ta' faċilitatjiet ta' uffiċini.

Fl-isparar, sar upgrade tas-sistema tas-simulator sabiex jassisti atleti kurrenti u dawk ġodda biex jipprattikaw l-isport tal-isparar. Dan is-simulator kien bżonjuż ukoll f'sitwazzjonijiet fejn it-temp ma jkunx jippermetti li dawn l-atleti jipprattikaw dan l-isport.

# Inklużjoni, Ugwaljanza u Ħarsien Soċjali

## Fil-qasam tal-ugwaljanza, nies vulnerabbli li jinsabu fix-xibka tal-prostituzzjoni se jingħatalhom iċ-ċans li b'servizz professjonali, f'forma ta' exit programme, joħorġu minn din il-problema.

Irridu ngħinu lil dawn in-nies iqumu fuq saqajhom u jikkunsidraw alternattivi għall-ħajja lil hinn mill-isfruttament.

Fil-Housing, wara li ddaħħlet l-iskema tal-Equity Sharing għal dawk li jagħlqu l-40 sena u minħabba ċirkostanzi tal-ħajja jkollhom bżonn jixtru dar, ġiet introdotta skema oħra mmirata għal dawk taħt l-40 sena li għalkemm ikunu eliġibbli għal home loan minn bank kummerċjali, ma jkollhomx il-likwidità li jħallsu f'daqqa l-għaxra fil-mija depożitu. B'din l-iskema, il-Gvern, bi ftehim ma' bank jew banek, se jkun qed isellef l-ammont tad-depożitu li jitħallas lura bin-nifs fuq medda ta' 15-il sena filwaqt li l-imgħax fuq dan is-self jitħallas mill-gvern. Il-pagament massimu li l-gvern se jkun qed joħroġ hu ta' sbatax-il elf u ħames mitt ewro (€17,500).

Benefiċċju tal-Kera: Is-sena li għaddiet, għall-ewwel darba, daħħalna sussidju mhux biss għal kirjiet fuq akkomodazzjonijiet soċjali iżda daħħalna wkoll wieħed immirat għall-akkomodazzjoni affordabbli. Din l-iskema kienet suċċess u fl-ewwel sena tagħha kien hemm elf familja li bbenefikaw minn din l-iskema. Għas-sena d-dieħla sejrin inkomplu nestendu din il-miżura billi ngħollu d-dħul annwali li individwu jaqla' u jkun xorta eliġibbli biex jibbenefika minn din l-iskema. Minn Jannar li ġej, id-dħul annwali ta' persuna li tgħix waħedha, biex tkun eliġibbli għal dan il-benefiċċju, se jitla' minn erbatax-il elf u ħames mitt ewro (€14,500) għal dsatax-il elf ewro (€19,000). F'każ ta' koppja b'żewġt itfal, id-dħul annwali għall-eliġibbiltà se jitla' minn tmienja u għoxrin elf u sitt mitt ewro (€28,600) għal tnejn u tletin elf ewro (€32,000). B'hekk ser naraw iktar persuni u familji bi dħul medju jsiru eliġibbli għas-sussidju jekk il-kera taqbeż il-25 fil-mija tad-dħul gross tagħhom.

Dawn kollha huma riformi li se jibqgħu jgħollu l-kwalità tal-ħajja tal-familji Maltin u Għawdxin.



# Ekonomija, Negozju u Kummerċ

Apparti l-ħidma kollha li saret waqt l-imxija tal-Coronavirus biex jiġu megħjuna n-negozji u l-kummerċ u biex jingħelbu r-riperkussjonijiet negattivi tar-restrizzjonijiet sanitarji, sar xogħol ieħor importanti fis-settur.

Flimkien mal-proprjetajiet tanġibbli u negozju, saret ħidma kbira fil-qasam tal-proprjetà intellettwali. Qed nitkellmu dwar trademarks, li huma sinjali li kapaċi jiddistingwu l-oġġetti jew is-servizzi ta' negozju minn dawk ta' negozji oħra. Trademark b'saħħitha u ta' fama hija kruċjali għas-suċċess fin-negozju u tista' tiftaħ firxa wiesgħa t'opportunitajiet għan-negozju biex jikber u jikseb rikonoxximent anke barra minn Malta.

Min-naħa l-oħra, in-negozju jaf iġarrab ħsara kbira kieku xi ħadd kellu jibda juża l-marka tiegħek biex jirreklama l-prodott jew is-servizz tiegħu, iktar u iktar jekk dak il-prodott ma jkunx ta' kwalità tajba.

Hawnhekk sar investiment maġġuri fuq iċ-Chatbot tal-Proprjetà Intellettwali, li ser jgħin biex l-applikanti jkollhom mezz alternattiv fejn ifittxu marki kummerċjali fl-UE qabel ma jissottomettu applikazzjoni għat-trademark. S'issa t-tfittxija setgħet issir biss għal trademarks nazzjonali reġistrati iżda b'din l-inizjattiva l-applikant ser ikollu aċċess għal trademarks tal-UE wkoll.

Dan is-servizz issa qed jiġi offrut lil dawk l-applikanti kollha li għandhom xi tip ta' Proprjetà Intellettwali reġistrata mad-Dipartiment kif ukoll dawk l-applikanti prospettivi li jixtiequ jirreġistraw il-Proprjetà Intellettwali tagħhom. Sal-lum hemm madwar 30,000 applikazzjoni valida li għadhom jiġu mġedda, u li wħud minnhom imorru lura sas-sena 1900. Barra minn hekk, l-uffiċċju jirċievi madwar 1,600 applikazzjoni ġdida fis-sena relatati mal-Proprjetà Intellettwali.







Fiż-żoni industrijali, sabiex isir użu siewi tal-bjut tal-fabbriki għall-installazzjoni ta' PV panels, tnieda proġett pilota biex jiġi introdott il-kunċett ta' green infrastructure fiż-żoni industrijali u b'hekk ikompli jogħla l-livell tal-ambjent fejn jaħdmu l-ħaddiema Maltin.

L-aġenzija li tieħu ħsieb iż-żoni industrijali, INDIS Malta, qed taħdem ħafna biex tassigura li l-pajjiż ikollu l-infrastruttura industrijali meħtieġa biex tilħaq mad-domanda ta' spazju industrijali fil-futur.  B'hekk tkun qed issostni t-tkabbir ekonomiku kif ukoll il-ħolqien tal-ġid u opportunitajiet ta' impjieg.

Madankollu l-istess aġenzija hija wkoll konxja li dan l-iżvilupp ma jistax isir għad-detriment tal-ambjent u għalhekk qed isir kull sforz sabiex is-sostenibbiltà tkun parti integrali ta' kull proġett. Dan jinkludi fih numru ta' inizjattivi ħodor (green initiatives) li għandhom joħolqu ambjent aktar pjaċevoli għal dawk li jaħdmu għal sigħat twal fl-ambjent industrijali kif ukoll għall-klijenti li jżuru dawn iż-żoni.

# Għaddejjin diskussjonijiet kontinwi għaliex numru sabiħ ta' kerrejja qed juru interess li jinstallaw pannelli fotovoltajċi

L-investimenti f'inizjattivi ħodor mhux biss qegħdin isiru fi proġetti ġodda iżda wkoll qed itejbu l-ambjent ta' faċilitajiet eżistenti u partijiet komuni fiż-żoni industrijali permezz ta' ħitan ħodor bħala waħda mill-inizjattivi. Bħala ħitan ħodor, ġew installati madwar 40,000 pjanta fiż-żoni industrijali ta' Kordin, il-Marsa u l-Mosta Technopark, li jkopru aktar minn 900 metru kwadru. Dan qed iwassal għal ambjent isbaħ għal min jaħdem f'dawn il-postijiet. Ġibjuni tal-ilma, li qabel kienu traskurati, ġew imsewwija sabiex bl-ilma li jaħżnu, jissaqqew il-pjanti kollha kif ukoll inaqqsu l-għargħar mit-toroq. Dan il-proġett sar u qed isir b'kollaborazzjoni sħiħa ma' Ambjent Malta.

Hemm ippjanat ukoll li jsiru ħitan ħodor fil-villaġġi artiġjanali f'Ta' Dbieġi u Ta' Qali, u fil-Malta Life Sciences Park. Bħalissa INDIS qed tidentifika xi lokalitajiet oħrajn għal proġetti ta' dan il-livell.

INDIS Malta qed tippromovi wkoll politika PV-friendly mal-kerrejja (tenants) sabiex b'hekk tkun iffaċilitata l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi fuq il-bjut tal-fabbriki. Normalment ikun hemm ftehim bejn tliet partijiet, jiġifieri l-INDIS, il-kerrej u l-installer.

Għaddejjin diskussjonijiet kontinwi għaliex numru sabiħ ta' kerrejja qed juru interess li jinstallaw pannelli fotovoltajċi.



## L-Unjoni Ewropea u Affarijiet Barranin

Is-sena l-oħra, intemmu b'suċċess it-taħditiet mal-UE sabiex Malta akkwistat l-aħjar pakkett finanzjarju għas-seba' snin li ġejjin. Kienu sentejn ebsin ta' negozjati kumplessi u ma jaqtgħu qatt. Saru ammont kbir ta' laqgħat bilaterali mal-Kummissjoni, mal-Presidenza tal-Kunsill kif ukoll mal-President tal-Kunsill Ewropew. It-tkabbir sinjifikanti li għamlet Malta fl-ekonomija tagħha ironikament kien se jwassal biex Malta tingħata inqas għajnuna minn qabel. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni wkoll kien ifisser kontribuzzjonijiet inqas fil-karus Ewropew. Madankollu dan ma ġarax, frott il-ħidma ma taqta' xejn mill-EUCD li fi rwol kordinattiv ra li bħala pajjiż dejjem inkunu ppreparati f'kull laqgħa, b'argumenti b'saħħithom u sostanzjati b'informazzjoni xierqa.

Finalment ir-riżultat kien wieħed sodisfaċenti immens, fejn inkiseb pakkett globali ta' €2.250 biljun għal Malta għas-seba' snin li ġejjin. Dan jinkludi €1.923 biljun mill-baġit tal-UE (QFS), kif ukoll €327 miljun mill-għotjiet tal-Istrument ta' Rkupru, magħruf bħala Next Generation EU, li ġie stabbilit biex isostni l-irkupru ekonomiku wara l-kriżi tal-Covid-19. Dan l-ammont ma jinkludix l-element tas-self. Malta kisbet total ta' €842 miljun f'fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni. Dan l-ammont ma jinkludix €92 miljun f'fondi addizzjonali oħra għar-REACT-EU (Politika ta' Koeżjoni) mill-Istrument ta' Rkupru. Għall-agrikoltura, Malta kisbet €191 miljun. Strumenti u programmi ewlenin oħra għal Malta jinkludu Erasmus+; il-fondi ta' migrazzjoni, fruntieri u sigurtà; u programmi ambjentali.

Il-Gvern hu kommess li l-eżitu ta' dan il-qbil jissarraf fi programmi u proġetti li jikkonsolidaw aktar investiment fl-ekonomija għall-benfiċċju taċ-ċittadini. Kif diġà tħabbar, il-Gvern iddeċieda li minimu ta' 10% tal-allokazzjoni taħt il-Politika ta' Koeżjoni u l-Agrikoltura se jkunu assenjati għal Għawdex. Dan se jiżgura li Għawdex jirċievi aktar fondi b'mod ġenerali milli ġew ringfenced taħt il-perjodu ta' finanzjament 2014-2020.

Apparti l-ħidma fil-qasam Ewropew, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin waqqaf ċentru ta' ġestjoni ta' kriżijiet li huwa punt ta' referenza biex jiġu assistiti Maltin li jinsabu f'pajjiżi barranin meta jinqalgħu sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Ix-xogħol biex jitwaqqaf iċ-ċentru kien mifrux fuq sentejn, bl-ewwel sena ddedikata lill-ippjanar u t-tieni sena għall-implimentazzjoni. Fl-ewwel sena ta' ħidma (2019) kien identifikat post adegwat minn fejn iċ-ċentru seta' jaħdem waqt kriżijiet ta' natura meqjusa maġġuri. Il-post ġie mgħammar b'tagħmir elettroniku, inkluż sistema ta' telefonija effettiva u għamara kif meħtieġ, biex ikun assigurat li l-ħidma meta tkun meħtieġa ssir mingħajr skossi. Ġew preparati l-SOPs għall-immaniġġar bażiku taċ-ċentru, u saret talba formali mid-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta lid-Direttorat responsabbli mis-Servizzi Korporattivi biex ikunu ingaġġati Kap taċ-Ċentru u żewġ uffiċjali permanenti. Fir-rigward ta' taħriġ, l-uffiċjali li ħadmu fiċ-ċentru rċevew taħriġ ad hoc fil-bidu tal-pandemija u aktar taħriġ fuq il-post tax-xogħol kif meħtieġ. Tajjeb wieħed jinnota li fi kriżi maġġuri ċ-ċentru jkun kumplimentat b'uffiċjali mill-Ministeru kollu, li jaħdmu b'sistema ta' xift.

Dan iċ-ċentru għen lil ħafna Maltin u Għawdxin jerġgħu lura pajjiżna waqt il-pandemija. Bejn Marzu u Ġunju tal-2020, ġew ipproċessati aktar minn 40,000 email u kważi 13,000 telefonata.

# Strateġija għal wara l-Pandemija

Finalment hija importanti ħafna l-istrateġija li Malta għandha tadotta hekk kif noħorġu mill-pandemija. Huwa għalhekk li qed isir xogħol intensiv fuq it-tfassil ta' strateġija nazzjonali biex Malta tagħraf toħroġ bl-aħjar mod possibbli mill-effetti tal-pandemija tal-Covid-19. Għaldaqstant saret ħidma interna biex jiġu stipulati l-prinċipji ġenerali li għandhom jixprunaw din l-istrateġija, kif ukoll ġiet stabbilita l-istruttura li fiha għandha ssir din il-ħidma, fost l-oħrajn bit-twaqqif ta' Core Group magħmul minn esperti mill-oqsma ekonomiċi, soċjali u mediċi.

L-għan proprju ta' dan il-Core Group, li sussegwentement beda jissejjaħ National Post Pandemic Strategic Committee (NPPSC), hu li jfassal l-istrateġija nazzjonali għal wara l-pandemija billi jqis strateġiji ministerjali li diġà qed jiġu żviluppati minn diversi ministeri, entitajiet u korpi oħra u anke strateġiji simili f'pajjiżi barranin. L-istess struttura tirrikjedi wkoll it-twaqqif ta' gruppi ta' konsulenza, konsultazzjoni wiesgħa ma' gruppi interessati, strateġija ta' komunikazzjoni, u żmien stipulat li fih għandha tiġi ppreżentata l-istrateġija nazzjonali għal wara l-pandemija. Dan kollu ġie spjegat f'Memorandum tal-Kabinett li ġie abbozzat minn dan l-Uffiċċju u li sussegwentement tressaq għall-approvazzjoni tal-Kabinett. Sadanittant l-NPPSC beda bil-ħidma tiegħu, li hu mistenni li tkun konkluża f'Ġunju 2021.



# Miżuri

# OPM

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **2** Jiġi simplifikat il-proċess li bih l-uffiċjali fis-Servizz Pubbliku japplikaw għall-korsijiet li jsiru mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Dan il-proċess jinkludi website bi prospectus interattiv fejn il-proċess manwali ta' kif persuna tapplika għat-taħriġ jitnaqqas b'madwar 95%. | Saru diskussjonijiet dwar id-disinn tal-website.<br><br>Intlaħaq ftehim fuq l-istruttura u d-disinn.<br><br>Ġie mfassal pjan kif għandha ssir il-website u ġie żviluppat l-ewwel abbozz. | Sar ix-xogħol mal-IMU u l-iżviluppaturi tas-sistemi biex tinbena s-sistema skont il-bżonnijiet tat-taħriġ.<br><br>Ġew varati l-beta versions tas-sistemi u sar it-testing.<br><br>Saru r-reviżjonijiet neċessarji. | Iddaħħlu l-korsijiet fis-sistema.<br><br>L-IPS mar live bl-ewwel prospett diġitali u interattiv. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>L-uffiċjali pubbliċi | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **4** Ser jiġu introdotti Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati (Simplified Cost Options) fejn tidħol l-eCommerce Grant Scheme. | Saru taħditiet bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Korp Intermedjarju sabiex isir studju li jindirizza l-possibbiltà li jiġu introdotti Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati (Simplified Cost Options) fejn tidħol l-eCommerce Grant Scheme. F'dan ir-rigward, ġew abbozzati Termini ta' Referenza biex jiggwidaw l-iskop tal-istudju. | Tkomplew it-taħditiet. | Saru taħditiet bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni, il-Korp Intermedjarju u l-Malta Communications Authority (MCA) sabiex isir studju li jidentifika Għażliet ta' Spejjeż Simplifikati (Simplified Cost Options).<br><br>L-MCA ppreżentat qafas (abbozz) li kien jinkludi liema huma l-miżuri li l-istudju seta' jindirizza. | Ġie kkumpilat u diskuss l-ewwel abbozz tal-istudju mill-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Korp Intermedjarju fejn ġie maqbul li tinġabar aktar informazzjoni teknika mis-suq sabiex dan l-istudju jkun finalizzat u jiġi ppreżentat lill-Awtorità ta' Verifika. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Sal-aħħar tal-2020 kien hemm madwar 400 intrapriża benefiċjarja fi ħdan l-inizjattiva Business Enhance ERDF Grant Schemes. Għal kull intrapriża qed tittieħed persuna waħda bħala għadd ta' persuni li setgħu kienu affettwati minn dawn il-miżuri. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

| | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **5**<br>Jiġi introdott proċess ġdid awtomatizzat fejn il-benefiċjarji ta' proġetti kofinanzjati minn fondi strutturali tal-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jagħmlu użu minn rapport ta' progress eħfef u awtomatizzat. | Saru numru ta' laqgħat interni sabiex jiġu fformulati r-rekwiżiti, jiġu identifikati nuqqasijiet fis-sistema u jiġu żviluppati l-moduli li se jkunu parti mir-rapport ta' progress tal-proġett. | Il-moduli kienu żviluppati mill-MITA u ppreżentati għall-ittestjar. Kien hemm numru ta' elementi li kellhom bżonn kjarifiki. | Bdiet il-ħidma fuq numru ta' elementi li kellhom jiġu indirizzati. | Il-modulu tar-rapport inħareġ u kien hemm bżonn xi reviżjonijiet, bir-riżultat li r-rapport kien lest u beda jintuża. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-benefiċjarji tal-proġetti kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni kif ukoll il-benefiċjarji tal-Fond Soċjali Ewropew. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **48**<br>Jiġi simplifikat il-proċess involut meta tkun ser tinfetaħ aġenzija tal-impjieg. Dan jinkludi s-sottomissjoni tal-applikazzjoni sal-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Liċenzja, kif ukoll it-tiġdid meta dan ikun meħtieġ u l-ħlasijiet tat-tariffi dovuti. Sal-lum il-ġurnata dan il-proċess huwa wieħed manwali. | Saru laqgħat bejn id-Dipartiment u l-kuntrattur biex jiġi abbozzat il-pjan ta' kif se tiġi mibnija s-sistema l-ġdida. | Minħabba l-pandemija tal-Covid, kellhom isiru tibdiliet fi proċessi oħra tad-Dipartiment, u għalhekk ġie deċiż li fl-2020 isir biss tibdil fuq is-sistema tad-DIERS fil-proċessi interni, u fl-2021 jitkompla x-xogħol li jabbona s-sites li ser jużaw l-applikanti sabiex ikunu jistgħu jiksbu liċenzja biex jiftħu aġenzija tal-impjieg. | Il-kuntrattur ħadem fuq it-tibdil neċessarju. | Il-proċess biex tinbidel is-sistema interna ġie finalizzat u sar it-testing neċessarju sabiex tkun tista' tibda tintuża mill-uffiċjali tad-Dipartment. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-ħaddiema tad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **49**<br>Isir studju li jidentifika l-possibbiltà li jkun simplifikat il-proċess ta' rimborż lill-benefiċjarji ta' skemi kofinanzjati mill-FEZR (Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) għal Start-Ups u SMEs permezz tal-introduzzjoni ta' Simplified Cost Options fil-każ ta' investiment f'apparat u makkinarju. | Saru taħditiet bejn l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Korp Intermedjarju sabiex isir studju li jidentifika l-possibbiltà li jkun simplifikat il-proċess ta' rimborż lill-benefiċjarji ta' skemi kofinanzjati mill-European Regional Development Fund għal Start-Ups u SMEs. | Tnieda l-proċess biex tinġabar l-informazzjoni neċessarja, sar l-ewwel abbozz ta' studju f'dan ir-rigward u ġie ppreżentat lill-Awtorità ta' Ġestjoni. | Il-Korp Intermedjarju emenda l-abbozz tal-istudju skont il-pariri tal-Awtorità ta' Ġestjoni, u l-istudju kif emendat kien ippreżentat mill-Awtorità ta' Ġestjoni lill-Awtorità ta' Verifika għall-approvazzjoni. | Bdiet l-evalwazzjoni tal-istudju konċernat mill-Awtorità ta' Verifika. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Sal-aħħar tal-2020 kien hemm madwar 400 intrapriża benefiċjarja fi ħdan l-inizjattiva Business Enhance ERDF Grant Schemes. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **2**<br>Jinbena sular ieħor fil-bini fejn bħalissa hemm id-Diviżjoni tan-Nies u Standards u d-Dipartiment tal-Informazzjoni sabiex jintuża mill-Employee Support Programme Unit. Dan il-proġett ser isir sabiex ikun hemm l-ispazju meħtieġ minn dan il-Unit fil-qadi tar-responsabbiltajiet tiegħu, sabiex jinqdew il-klijenti b'servizz aħjar u sabiex ikun hemm aktar sinerġija mal-kumplament tad-Direttorati konċernati. | Saru diversi diskussjonijiet mal-istakeholders interni. | Ġew konklużi d-diskussjonijiet mal-istakeholders interni. | Saru diversi taħditiet mal-istakeholders, speċjalment ma' dawk fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali. | Sar l-abbozzar tat-tenders kif ukoll ġie finalizzat il-programme of work sabiex appena joħorġu l-permessi kollha mill-awtoritajiet kompetenti, jiskatta l-proċess tat-tendering. Dan dejjem sar b'liaising kontinwu mal-istakeholders kompetenti f'dan il-qasam fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>L-impjegati u l-klijenti tal-Employee Support Programme Unit. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **3**<br>Tiġi attrezzata aħjar il-boardroom fit-tieni sular bil-għan li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħaddiema tad-Diviżjoni tan-Nies u Standards b'mod aktar effettiv. | Saru diskussjonijiet mad-Direttorat tal-Operat fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex isir ix-xogħol ta' ristrutturar, inkluż ix-xogħlijiet tal-elettriku, u x-xiri neċessarju għar-refurbishment tal-boardroom.<br><br>Intalbu l-istimi għall-għamara tal-boardroom.<br><br>Saru diskussjonijiet mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex isir ix-xogħol ta' ġibs fil-boardroom. | Sar ir-ristrutturar fil-boardroom: tlesta x-xogħol ta' ġibs kif ukoll ġie komplut ix-xogħol tal-elettriku. | Ġiet installata l-għamara u t-tagħmir elettroniku fil-boardroom u bdiet tintuża. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>L-uffiċjali pubbliċi fi ħdan id-Diviżjoni dwar Nies u Standards. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **4**<br>Tiżdied l-aċċessibilità billi jiġi installat lift li jwassal għall-binjiet ta' fuq tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Dan ikun ifisser li kull impjegat fis-Servizz Pubbliku jista' jikseb servizz mill-units differenti fi ħdan l-IPS. | Wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni kien hemm diversi rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq spezzjonijiet. | Ġiet riveduta l-applikazzjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u s-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. | Saru l-ispezzjonijiet neċessarji mill-inġiniera u l-periti mill-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, filwaqt li ġew finalizzati l-istudji li jikkonċernaw l-istruttura tal-lift mill-istess professjonisti. | Inkitbu t-termini ta' referenza kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tal-lift mill-Ministeru konċernat.<br><br>Sar l-abbozz tat-tender biex jinħareġ fil-bidu tal-2021.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Uffiċjali pubbliċi | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

## 5

Jitwaqqfu strutturi fil-Ministeri biex jiddaħħal il-kunċett ta' People 360. Permezz ta' dan il-proġett, l-uffiċjali kollha fis-Servizz Pubbliku jingħataw aċċess għal informazzjoni dwar proċeduri tal-ħatriet, salarji, kundizzjonijiet tax-xogħol, kwistjonijiet ta' dixxiplina, relazzjonijiet industrijali, l-għoti ta' servizz ta' kwalità, u customer care. L-istrutturi li ser jitwaqqfu fil-Ministeri ser iservu ta' satelliti u estensjoni tad-Diviżjoni għal Nies u Standards.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Saru sessjonijiet ta' intervisti (laqgħat individwali) ma' uffiċjali li jwettqu dmirijiet fil-Human Resources Units fi ħdan id-DCSs mad-diversi Ministeri sabiex jiġu identifikati dawk li fil-qasam tal-HR verament għandhom ix-xewqa, il-ħiliet u l-proficjenza meħtieġa sabiex iwettqu d-dmirijiet partikolari ta' people management bħala outreach officers fi ħdan id-DCSs.

Dan l-eżerċizzju ħalla l-frott: instabu numru ta' uffiċjali b'tali kapaċitajiet li jistgħu jiżguraw id-diversi ħtiġijiet minn ottika ta' empatija għall-uffiċjali fil-Ministeru tagħhom (ESP, tagħrif dwar career paths, jindirizzaw ilmenti li impjegati jista' jkollhom, jagħtu tagħrif dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ikunu f'kuntatt kontinwu mal-One-Stop-Shop fil-P&SD, customer care, eċċ).

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Ġiet konsolidata job description għall-management level fil-qasam ta' people management bir-rekwiżiti ta' eliġibilità meħtieġa, distinta minn ta' human resources management.

Sar ftehim sabiex jinħarġu wkoll sejħiet ċentrali t'applikazzjonijiet bil-job description li nħolqot, għal dan il-għan, biex jimtlew il-postijiet li baqa' battala f'dan il-grad ta' Manager/Senior Manager (People Management), f'dan il-qasam speċjalizzat.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Ħarġu żewġ sejħiet għall-applikazzjonijiet ċentrali, għall-postijiet ta' Manager II u Senior Manager (People Management) fis-Servizz Pubbliku. Il-proċess tal-għażla ta' dawn iż-żewġ sejħiet ingħalaq. Ma kien hemm ħadd eliġibbli minn dawk li applikaw għas-sejħa ta' Senior Manager (People Management). Kien hemm kandidat wieħed li għadda għall-grad ta' Manager II (People Management) u nħatar fil-grad b'effett mit-2 ta' Novembru, 2020.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Is-sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet għall-post ta' Manager II (People Management) reġgħet ħarġet fit-23 ta' Ottubru, 2020. Kien hemm żewġ kandidati li għaddew u dawn ġew ikkuntattjati biex jieħdu l-ħatra.

Ħarġu wkoll żewġ sejħiet pubbliċi oħra għall-post ta' Senior Manager (People Management) fit-23 ta' Ottubru u s-27 ta' Novembru, 2020, rispettivament. Kandidat wieħed (1) kien eliġibbli minn dawk li applikaw, iżda dan il-kandidat irtira l-applikazzjoni tiegħu. Għaddew tmien (8) kandidati mis-sejħa maħruġa fis-27 ta' Novembru, 2020, u dawn ġew ikkuntattjati biex jieħdu l-ħatra.

Sadanittant, saret assimilazzjoni ta' dawk l-uffiċjali li kellhom nomenklatura ta' People Management u li, iżda, fil-fatt iwettqu funzjoni ta' Human Resources fid-Direttorati ta' Servizzi Korporattivi. Din l-assimilazzjoni ġiet approvata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. B'hekk qed issir distinzjoni netta bejn dawk l-uffiċjali li se jwettqu dmirijiet relatati ma' People Management bil-ħila u l-għarfien meħtieġa u dawk l-uffiċjali bin-nomenklatura ta' HR li se jibqgħu jagħmlu dawn id-dmirijiet ta' proċedura.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Uffiċjali pubbliċi

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 6

Jitwaqqaf il-Career Guidance Unit għall-Uffiċjali Pubbliċi. L-iskop ta' dan il-unit ġdid ser ikun li jipprovdi gwida dwar żviluppi fil-karriera kif ukoll dwar opportunitajiet ta' xogħol. Ser jiġu identifikati wkoll il-bżonnijiet ta' taħriġ sabiex impjegati pubbliċi jkollhom l-għodda kif itejbu l-opportunitajiet tagħhom.

**KWART 1** JANNAR - MARZU

Id-Diretturi responsabbli mill-People Management ġew infurmati waqt laqgħa tad-DCS Forum bil-pjan u l-iskop ta' dan il-Unit.

Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-pożizzjoni ta' Practitioner II (Career Guidance).

**KWART 2** APRIL - ĠUNJU

Sar l-ewwel abbozz tal-istruttura rigward l-operat tal-Career Guidance Unit li ġie approvat internament.

**KWART 3** LULJU - SETTEMBRU

Il-proċess tal-għażla għal Practitioner II (Career Guidance) ġie finalizzat u r-riżultat ġie ppubblikat.

Ma saret l-ebda ħatra minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

**KWART 4** OTTUBRU - DIĊEMBRU

Peress illi mis-sejħa preċedenti ma saret l-ebda ħatra ta' Practitioner II (Career Guidance), is-sejħa għall-applikazzjonijiet reġgħet ġiet ippubblikata f'Ottubru u l-proċess tal-għażla kien jinsab fl-aħħar fażi tiegħu.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Uffiċjali pubbliċi

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 29

Issir kampanja li permezz tagħha d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg jinforma kemm lill-ħaddiema kif ukoll lil min iħaddem dwar is-servizzi offruti minnu kif ukoll tagħrif dwar il-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol. Din il-kampanja ser tinkludi formati varji inkluż laqgħat pubbliċi.

Fil-bidu tas-sena ġew identifikati gruppi varji fejn id-Dipartiment seta' jilħaq ammont ta' nies u jagħmel laqgħat pubbliċi. Però din il-miżura kellha tiġi implimentata b'mod differenti minħabba l-pandemija tal-Covid.

Sar video li tpoġġa online fuq is-sit tad-Dipartiment dwar il-Helplines (1575/1576) kemm għall-impjegati kif ukoll għal min iħaddem sabiex ikunu jistgħu jiksbu iktar informazzjoni u jirrappurtaw l-abbużi. L-uffiċjali tad-Dipartiment ħadu sehem f'diversi webinars u midja, fejn ingħatat informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol, proċeduri u miżuri ġodda li ttieħdu kif ukoll ingħatat b'mod frekwenti l-informazzjoni tal-helplines u l-email tad-Dipartiment.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

# MFH

# MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

## MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA

### 3

Ser tiġi introdotta sistema ta' awtomizzazzjoni fl-imħażen ewlenin tas-Central Procurement and Supplies Unit.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Wara li tlesta l-abbozzar, ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal cost benefit analysis dwar l-awtomizzazzjoni fl-imħażen ewlenin tas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), liema sistema ser tikkonsisti fil-ħażna, ġbir, preparazzjoni ta' ordnijiet u kontroll ta' inventarju tal-farmaċewtiċi u tal-provvisti mediċi/kirurġiċi. Iżda wara li bdiet l-installazzjoni ġdida ta' sistema robotika, fl-istess imħażen ewlenin tas-CPSU, xi parametri ekonomiċi jew tekniċi tal-proġett ġew mibdula fundamentalment, u b'hekk beda l-proċess biex is-sejħa għall-offerta, li kienet qed tiġi evalwata, tiġi kkanċellata.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Minħabba t-tħejjija għall-pandedmija tal-Covid-19, l-implimentazzjoni kellha tiġi temporanjament posposta sakemm il-pandemija tkun taħt kontroll. F'Ġunju 2020, peress li l-pandemija kienet taħt kontroll, reġa' beda l-abbozzar ta' sejħa ġdida għall-offerti għal cost benefit analysis dwar l-awtomizzazzjoni fl-imħażen ewlenin tas-CPSU.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tkompla l-abbozzar tas-sejħa l-ġdida għall-offerti għal cost benefit analysis dwar l-awtomizzazzjoni fl-imħażen ewlenin tas-CPSU, liema sistema ser tikkonsisti fil-ħażna, ġbir, preparazzjoni ta' ordnijiet u kontroll ta' inventarju tal-farmaċewtiċi u tal-provvisti mediċi/kiruġiċi. Id-Dipartiment tal-Kuntratti approva uffiċjalment il-kanċellament tal-ewwel sejħa għall-offerti.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tkompla l-abbozzar tas-sejħa l-ġdida għall-offerti għal cost benefit analysis dwar l-awtomizzazzjoni fl-imħażen ewlenin tas-CPSU, liema sistema ser tikkonsisti fil-ħażna, ġbir, preparazzjoni ta' ordnijiet u kontroll ta' inventarju tal-farmaċewtiċi u tal-provvisti mediċi/kiruġiċi.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

### 52

Jiġi simplifikat il-proċess konċernat għall-pazjenti meta jkun hemm suspett ta' kanċer fil-musrana. Il-proċess ta' kif issir ir-riferta mingħand it-tabib tal-familja meta jkunu jridu jsiru t-testijiet meħtieġa ser isir f'anqas żmien sabiex b'hekk it-testijiet isiru aktar fil-pront. Dan ser jimpatta madwar 200 pazjent.

**KWART 1**

Inħarġet is-sejħa għal reklutaġġ ta' Fast Track Coordinator li ser ikun qed jikkordina s-sistema tal-Fast Tracking. Wara li għalqet is-sejħa u saru l-intervisti, intgħażlet il-persuna għal dan l-irwol. Bdew laqgħat meħtieġa mal-istakeholders fis-SAMOC (inklużi d-Direttorat tal-IT, tobba u konsulenti) biex jiġi ppjanat l-iżvilupp tas-sistema  ta' riferiment online għat-tobba fil-komunità.

**KWART 2**

Intemmu l-laqgħat mal-istakeholders inkluż mad-Direttorat tal-IT, tobba u konsulenti sabiex jiġi ppjanat l-iżvilupp tas-sistema ġdida elettronika ta' riferiment online għat-tobba fil-komunità. Ġie finalizzat pjan ta' kif tiġi żviluppata sistema online ta' riferiment. Sar it-taħriġ meħtieġ ta' orjentazzjoni għall-Fast Track Coordinator. Sar pjan u l-pathway ta' kif jeħtieġ taħdem din is-sistema elettronika ta' riferiment online mit-tobba.

**KWART 3**

Saru d-diskussjonijiet mal-kuntrattur biex jiżviluppa s-sistema elettronika l-ġdida sabiex ir-riferiment mit-tobba fil-komunità jitwettaq. Beda u tlesta l-iżvilupp tas-sistema elettronika l-ġdida, kif ukoll sar l-ittestjar u l-emendi kollha meħtieġa fis-sistema elettronika l-ġdida. Ingħata wkoll materjal informattiv lit-tobba tal-komunità dwar l-użu tas-sistema elettronika l-ġdida sabiex isir ir-riferiment minnhom.

**KWART 4**

Sar piloting tas-sistema ma' numru żgħir ta' tobba tal-komunità u sar tibdil fis-sistema fejn meħtieġ. F'Ottubru s-sistema elettronika l-ġdida marret live u r-riferiment mit-tobba fil-komunità għall-każijiet ta' suspett ta' kanċer fil-musrana beda jsir b'mod elettroniku biss.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 40 pazjent fis-sena.

**KUMMENTI**

Implimentata

## MIŻURA ADDIZZJONALI 7

Jiġi introdott f'Għawdex il-programm li toffri Dar Kenn għal Saħħtek dwar Eating Disorders u l-Obeżità.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Ġew identifikati l-professjonisti li ser jaħdmu fuq dan il-programm bħala parti mit-tim multidixxiplinarju ta' Dar Kenn għal Saħħtek. Beda jingħata taħriġ lill-professjonisti identifikati bħala parti mit-tim multidixxiplinarju ta' Dar Kenn għal Saħħtek.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Ġie deċiż li t-twettiq ta' dan il-proġett jitwaqqaf temporanjament minħabba prijoritajiet oħra marbuta mal-Covid-19. Madanakollu t-tim kompla jiltaqa' biex ifassal timeline aġġornat għat-twettiq ta' din il-miżura. Saret ħidma mit-tim multidixxiplinarju sabiex ikompli t-taħriġ u l-implimentazzjoni tal-proġett.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Kompla jitfassal it-timeline aġġornat sabiex jitwettaq dan il-proġett. Saru diskussjonijiet dwar entitajiet li ser ikunu involuti sabiex ikun jista' jingħata bidu għall-programm f'Għawdex dwar eating disorders u l-obeżità. Bdew u tlestew il-kwestjonarji u dokumenti li ser ikunu mqassma ma' entitajiet f'Għawdex.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tkompla t-taħriġ fost il-ħaddiema ta' Dar Kenn għal Saħħtek li ser ikunu qegħdin jaħdmu fuq dan il-proġett. Saru laqgħat mal-impjegati u kompliet it-tħejjija sabiex jingħata bidu għall-introduzzjoni tal-programm dwar eating disorders u l-obeżità li ser isiru ma' entitajiet varji.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Persuni f'Għawdex li jbatu minn problemi relatati ma' eating disorders u obeżità.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 8

Jitwettaq xogħol ta' tisbiħ u modernizzar f'sitt bereġ oħra f'Malta u f'Għawdex.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Ġew identifikati l-bereġ li fihom ser isir xogħol ta' tisbiħ u modernizzar tagħhom fl-2020 u sar pjan ta' modernizzar. Dawn huma l-berġa tal-Birgu, il-berġa tal-Fgura, il-berġa ta' Marsaxlokk, il-berġa tal-Mellieħa, il-berġa tal-Kalkara u l-berġa tal-Belt Valletta.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Beda xogħol ta' refurbishment fil-berġa tal-Fgura u fil-berġa ta' Marsaxlokk. Saru xogħlijiet ta' reburfishment fil-berġa tal-Mellieħa. Beda x-xogħol relatat mar-refurbishment permezz ta' preparazzjoni tad-dokumenti meħtieġa biex tinħareġ sejħa għall-offerti għall-installazzjoni ta' sistema ta' ventilazzjoni u arja kkundizzjonata fil-berġa tal-Belt Valletta.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Sar xogħol ta' refurbishment fil-berġa tal-Birgu. Tlesta x-xogħol ta' refurbishment fil-berġa tal-Fgura. Beda x-xogħol ta' refurbishment fil-berġa tal-Kalkara u tkompla r-refurbishment fil-berġa ta' Marsaxlokk. Tkompla x-xogħol relatat mar-refurbishment permezz ta' preparazzjoni tad-dokumenti meħtieġa biex tinħareġ sejħa għall-offerti għall-installazzjoni ta' sistema ta' ventilazzjoni u arja kkundizzjonata fil-berġa tal-Belt Valletta. Minħabba l-pandemija tal-Covid-19 kien hemm xi dewmien fl-implimentazzjoni.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tkompla x-xogħol ta' refurbishment fil-berġa ta' Marsaxlokk u fil-berġa tal-Kalkara. Komplew il-preparamenti tad-dokumenti meħtieġa biex tkun tista' toħroġ sejħa għall-offerti tal-installazzjoni ta' sistema ta' ventilazzjoni u arja kkundizzjonata fil-berġa tal-Belt Valletta. Minħabba l-pandemija tal-Covid-19 kien hemm xi dewmien fl-implimentazzjoni.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Individwi li jagħmlu użu mill-bereġ kif ukoll l-impjegati.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

# MFEA

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

## MIŻURA ADDIZZJONALI 9

Isir studju dwar il-qafas legali eżistenti sabiex jiġu identifikati lakuni li jridu jiġu indirizzati kif ukoll jiġi determinat jekk għandhiex issir leġiżlazzjoni ġdida li tirregola s-Servizzi Esterni. Dan l-istudju għandu jwassal għall-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida u ħolistika dwar is-Servizzi Esterni.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Saret l-analiżi tal-liġijiet ta' Malta u ġew identifikati artikoli fil-liġijiet differenti fejn jissemma l-Ministeru, il-missjonijiet diplomatiċi Maltin jew rappreżentanti diplomatiċi jew konsulari Maltin kif ukoll il-poteri li għandu l-Ministeru, il-missjonijiet diplomatiċi Maltin jew rappreżentanti diplomatiċi jew membri tal-Korp Diplomatiku.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Inkitbet nota esploratorja dwar il-qafas legali eżistenti fir-rigward tal-uffiċjali diplomatiċi u konsolari. Tkompliet l-analiżi fuq il-liġijiet ta' diversi stati, inkluż l-istati membri tal-Unjoni Ewropea u l-Amerika, b'ħarsa lejn it-tfassil u l-kontenut tagħhom. Fl-ambitu tal-analiżi eżistenti ġew inklużi wkoll l-oqsma ta' żewġ pajjiżi oħra, is-Slovakkja u l-Iżlanda.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Tlesta l-istudju komparattiv bejn il-liġijiet ta' diversi stati u l-qafas legali Malti. Ġew identifikati t-temi komuni li jeżistu u temi ineżistenti fil-qafas legali Malti. Inħarġet struttura preliminari ta' temi ġeneriċi ta' taqsimiet li jistgħu jiġu inklużi f'dan l-Att.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Beda t-tfassil tal-artikli preliminari li jistgħu jiġu inklużi fl-Att. L-ewwel verżjoni tal-abbozz ġiet sottomessa għall-konsultazzjoni ma' Ambaxxaturi b'esperjenza estensiva fil-qasam diplomatiku għall-opinjoni u kummenti tagħhom.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-korp diplomatiku u r-rappreżentanti ta' Malta barra minn Malta.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

---

## 76

Tiġi introdotta l-Fleet Management System fl-Ambaxxati/Rappreżentanzi kollha ta' Malta barra minn xtutna sabiex b'hekk is-sistema manwali tinbidel għal waħda elettronika.

### KWART 1

Beda studju ta' kif il-Fleet Management System tista' tiġi modifikata sabiex tintuża mill-Ambaxxati u Rappreżentanzi Maltin.

### KWART 2

Saru diskussjonijiet mal-kuntrattur dwar kif il-Fleet Management System tista' tiġi modifikata.

### KWART 3

Tlesta studju ta' kif il-Fleet Management System tista' tiġi modifikata sabiex tintuża mill-Ambaxxati u Rappreżentanzi Maltin kollha.

### KWART 4

Sar it-taħriġ tal-impjegati fl-Ambaxxati ta' Malta sabiex il-Fleet Management System bdiet tintuża f'Diċembru 2020.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

L-impjegati fl-Ambaxxati/Rappreżentanzi ta' Malta.

### KUMMENTI

Implimentata

# MSCA

## MINISTERU GĦALL-ANZJANI U L-ANZJANITÀ ATTIVA

## MIŻURA ADDIZZJONALI 84

Ser tiftaħ sezzjoni ġdida, bl-isem Narċis, li minnha jibdew jingħataw servizzi personalizzati u mmirati speċifikament biex iwasslu għall-integrazzjoni fil-komunità ta' persuni bejn it-18-il sena u d-59 sena li għandhom diżabilità. Dan ser ikun ifisser titjib fil-kwalità tal-ħajja ta' dawn il-persuni fid-dawl tal-fatt li fil-preżent qed jgħixu fir-Residenza San Vinċenz de Paule jew xi sptar ieħor meta dan mhuwiex il-post adatt għalihom.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Tlesta x-xogħol tal-bini li beda fl-2019, filwaqt li t-Taqsima tal-Inġinerija bdiet ix-xogħol tal-ilma li sar internament minn ħaddiema ta' SVP. Tlestew il-preparamenti tax-xogħlijiet kollha u tfasslet Gantt Chart. Saru diskussjonijiet sabiex jinħarġu l-appalti tal-apparat mediku.

Bdew it-tħejjijiet sabiex jitfassal pjan ta' taħriġ għall-ħaddiema, ġew identifikati r-riżorsi umani li hemm bżonn għall-kura u s-sapport, anke permezz tal-Aġenzija Sapport, u bdew isiru kuntatti ma' ċentri speċjalizzati f'Dublin sabiex issir żjara ta' tagħlim, iżda din ġiet ikkanċellata minħabba l-Covid-19.

Ġie magħżul tim multidixxiplinarju sabiex jibda jaħdem fuq l-operat. It-tender ġie ppubblikat fit-30 ta' Jannar 2019 u x-xogħol beda f'Awwissu 2019. Wara li ħarġet sejħa għall-offerti f'Jannar 2019 u beda x-xogħol, f'dan il-kwart tkompla dan ix-xogħol ta' finishings minn barra u minn gewwa. Tkompla x-xoghol fuq servizzi mekkaniċi u ta' elettriku. Qed jinxtara tagħmir mediku. Dan kollu sar f'kuntest diffiċli u b'ħafna restrizzjonijiet minħabba l-Covid-19.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Tkomplew xogħlijiet u diskussjonijiet fuq l-operat tal-post.

Kompla x-xogħol fuq is-servizzi mekkaniċi u elettroniċi, li ħafna minnhom tlestew il-first u anke second fixes.

Ix-xogħol ta' bini u restawr iffoka madwar il-binja, fejn ser ikun hemm spazji miftuħa u gym.

Beda wkoll xogħol ieħor relatat ma' pont li ġie mwaqqa' u mibni ġdid sabiex iservi ta' emerġenza f'każ ta' ħruq fl-ewwel sular.

Saret laqgħa fuq riżorsi umani mal-Aġenzija Sapport, fejn ġie diskuss it-taħriġ tal-impjegati u sejħiet partikolari.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Tkompla x-xogħol tal-finishing, inkluż tal-vinyl, tas-soffitt u tibjid.

Tlestew ix-xogħlijiet fuq is-servizzi mekkaniċi u elettriċi.

Beda jitfassal it-taħriġ għall-ħaddiema.

Inbeda x-xogħol fuq il-Multisensory Room.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tkompla x-xogħol fuq il-pont. Ix-xogħol tal-finishing kważi lest u tlesta t-tibjid u s-soffitt. Beda wkoll ix-xogħol tal-vinyl kif ukoll beda jsir xogħol fuq tinda/konservatorju estensiv li ser jgħatti parti mill-ispazji miftuħa, speċjalment fejn hemm l-open-air gym.

Tkompla x-xogħol fuq l-ispazji miftuħa u fuq il-gym ta' madwar il-binja.

Tkompla x-xogħol fuq il-Multisensory Room.

Beda l-ittestjar tas-sistemi ta' komunikazzjoni virtwali.

Sar xogħol ukoll sabiex jiġi rinovat il-lift u bdew jitwaħħlu l-bibien tal-elettriku li jinfetħu b'sistema ta' RFID. Dan wara proċess ta' ttestjar u provi li saru.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

18-il persuna u l-familji tagħhom, kif ukoll oħrajn li ser jużaw servizzi ta' outpatients u respite.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 85

Jinbnew aktar swali ġodda u faċilitajiet oħra ġodda fir-Residenza San Vinċenz de Paule sabiex ikun hemm aktar spazju fejn l-anzjani tagħna jingħataw kura komprensiva fil-faċilità ta' long-term care.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Tkomplew il-laqgħat li kienu bdew fl-2019 dwar il-kostruzzjoni u l-operat kull ġimgħa, filwaqt li bdew jiġu evalwati u installati s-servizzi u l-ewwel tagħmir mediku tas-swali.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Komplew il-laqgħat u bdew isiru pjanijiet sabiex jiġu liċenzjati l-ewwel swali. Tlestiet Blokka D u s-superviżuri lestew ir-rapport tal-Partial Acceptance, filwaqt li daħlet applikazzjoni l-Awtorità tal-Ippjanar fuq emendi żgħar.

Sar rapport ieħor tekniku fuq l-investiment tal-erba' blokok, liema rapport intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Bdiet u tlestiet titwaħħal l-għamara tal-Blokka A.

Saret l-installazzjoni ta' kull apparat mediku.

Sar il-proċess biex jiġi miksub il-partial acceptance certificate tal-Blokka Ċ u beda jsir tal-Blokka B, kif ukoll taż-żoni tal-Mortwarja u l-Parkeġġ.

Bdew jidħlu l-ewwel residenti.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Issoktaw il-laqgħat ta' kull ġimgħa sabiex jibqa' jiġi studjat l-operat tal-blokok il-ġodda. Tlesta x-xogħol fuq Blokka A.

Inbniet mill-ġdid il-Mortwarja, li ġiet rilokata minħabba li kienet spiċċat fil-footprint tal-binja l-ġdida u kien jagħmel aktar sens li din tiġi trasferita f'post aktar riservat u dinjituż kif jixraq.

Tlestew aktar xogħlijiet ta' tisbiħ madwar il-blokok, kif ukoll fuq il-parkeġġ estensiv li issa jinsab quddiem Rużar Briffa b'link diretta mal-binja l-ġdida. Kważi tlesta wkoll l-impjant il-ġdid ta' Vacuum Insulated Evaporator (VIE) li se jwassal l-ossiġnu mediku minn ħażna waħda.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
500 anzjan u l-familji tagħhom.

### KUMMENTI
Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 86

Jinbnew uffiċini ġodda fir-Residenza San Vincenz de Paule għall-ħaddiema tas-sezzjoni tal-Inġinerija, Riżorsi Umani u Catering kif ukoll għall-Podoloġisti u l-iSpeech Therapists.

### KWART 1

Ħaddiema mit-taqsima tal-Inġinerija komplew ix-xogħlijiet ta' gypsum, dawl u ilma li kienu bdew fl-2019. Inxtara l-materjal tal-injam, aluminju u nbdew ix-xogħlijiet mit-Taqsima tal-Inġinerija ta' San Vinċenz de Paule (SVP).

Wara li fl-2019 ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-Fire Detection, bdew ix-xogħlijiet.

Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għad-Dejta u IT kif ukoll l-arja kundizzjonata.

### KWART 2

Il-ħaddiema tat-taqsima tal-Inġinerija kważi lestew ix-xogħlijiet tal-gypsum, tad-dawl u tal-ilma.

### KWART 3

Ġiet magħluqa s-sejħa tal-appalt. Inbeda x-xogħol fuq is-sistema tal-arja kundizzjonata (HVAC).

### KWART 4

Inbeda x-xogħol tal-infrastruttura tal-IT u telefonija.

Is-servizzi u l-lifts kważi tlestew kollha. Intant ġie nnutat li s-sistema tal-elettriku li tinsab f'kamra antika biswit l-uffiċini għandha bżonn titkabbar u nbeda xogħol sabiex issir waħda ġdida.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
Bejn 50 u 80 ħaddiem kuljum.

### KUMMENTI
Fil-proċess li tiġi implimentata.

# MRIC

## MINISTERU GĦAR-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI U L-KORDINAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA WARA COVID-19

## MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA

# 10

Ser jiġi simplifikat il-proċess tal-applikazzjonijiet għall-iskemi tal-Internationalisation billi applikanti jibdew jingħataw l-għażla li jitolbu lill-MCST tikseb dokumentazzjoni f'isimhom jekk huma jkunu diġà ssottomettew l-istess dokumentazzjoni lil xi dipartiment jew entità pubblika oħra. Dan jinkludi l-audited accounts sottomessi lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Taxxi.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Bdiet tiġi emendata l-formola tal-applikazzjoni fejn l-applikant ikollu l-għażla li jawtorizza lill-MCST tikseb il-kopji tal-Memorandum of Association u l-kontijiet finanzjarji tiegħu direttament mir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk niffaċilitaw il-ħajja tal-applikanti.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Tlestiet ir-reviżjoni tal-applikazzjonijiet relevanti li jirrigwardaw l-iskemi tal-Internationalisation sabiex jibda jkun possibbli li applikant jagħti lill-MCST l-awtorità li tikseb kopji tal-Memorandum of Association u l-kontijiet finanzjarji tiegħu direttament mill-Business Registry.

L-emenda saret u daħlet fis-seħħ u ġiet introdotta l-applikazzjoni l-ġdida u bdiet titħaddem bħala parti mill-operat tal-entità. Fil-fatt, kienu bosta l-applikanti mis-settur privat li għamlu din l-għażla. Dan ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tal-entità.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
Tliet kumpaniji lokali.

### KUMMENTI
Implimentata

# MHAL

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **24**<br>Ser jitneħħa l-proċess manwali użat sal-lum il-ġurnata mir-riċerkaturi li jkunu jixtiequ jirriservaw materjal fl-Arkivji Nazzjonali. Dan il-proċess ser jibda jsir b'mod elettroniku. B'hekk ikun hemm aktar kumdità għar-riċerkaturi, tnaqqis fil-ħin ta' stennija u organizzazzjoni aħjar tar-riżorsi tal-Arkivji Nazzjonali. | Matul dan il-perjodu saret analiżi tat-talbiet li jsiru u liema materjal jista' jiġi riservat b'din is-sistema. Saret ukoll konsultazzjoni interna mal-ħaddiema tas-swali tal-qari. | Sabiex jitneħħa l-proċess manwali ġiet imfassla online form kif ukoll sar it-testing tas-sistema. Fejn kien meħtieġ, saru xi tibdiliet abbażi tat-testing li sar. | Sar l-ittestjar tas-sistema u ngħata t-taħriġ neċessarju lill-impjegati. Is-sistema daħlet fis-seħħ u bdiet titħaddem. B'hekk il-patruni tal-Arkivji Nazzjonali bdew jużaw dan is-servizz elettronikament. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbbliku, b'mod partikolari dawk li jagħmlu użu minn dan is-servizz.

**KUMMENTI**

Implimentata

| MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| **25**<br>Ser jiġi introdott portal diġitali ġdid li permezz tiegħu l-impjegati ta' Heritage Malta jkollhom aċċess 24/7 għar-rekords tagħhom dwar leave, FS3s u s-salarju. Dan ser jippermetti li l-impjegati jżommu u jaċċessaw rendikont personali tad-dettalji tagħhom. B'hekk tinqata' kompletament il-ħtieġa ta' żamma ta' rekords manwali kif ukoll il-bżonn li impjegat jagħmel talba permezz ta' email jew imur fl-uffiċċju tar-riżorsi umani sabiex ikollu l-informazzjoni li jeħtieġ. | Ġie identifikat is-software. Sar perjodu ta' testing mal-Managers ta' Heritage Malta qabel ma ġie introdott mal-impjegati kollha.<br><br>Ġiet identifikata u mixtrija l-estensjoni ta' software eżistenti li tuża Heritage Malta għal ħlas ta' pagi. Sar it-testing neċessarju mal-Managers ta' Heritage Malta qabel ma ġie introdott mal-impjegati kollha. | Wara li sar it-testing meħtieġ, il-portal diġitali li permezz tiegħu l-impjegati ta' Heritage Malta jkollhom aċċess 24/7 għar-rekords tagħhom dwar leave, FS3s u s-salarju ġie implimentat. Id-dettalji u dokumenti importanti ġew uploaded fuq is-software f'kull profil ta' kull impjegat rispettivament. F'dan il-perjodu ngħata t-taħriġ lill-impjegati kollha konċernati dwar dan il-portal ġdid sabiex b'hekk l-impjegati kollha tal-entità llum il-ġurnata qegħdin jiffrankaw ħafna xogħol amministrattiv. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-impjegati ta' Heritage Malta.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 26

Tiġi żviluppata sistema waħda ċentrali ta' accounting fejn, b'mod streamlined permezz ta' sistema web-based, tibda tinġabar id-dejta b'mod uniformi mill-Kunsilli Lokali kollha. B'hekk l-istess Kunsilli jkollhom direzzjoni aktar ċara ta' x'inhu mistenni minnhom filwaqt li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jkun f'pożizzjoni aħjar sabiex iwettaq monitoraġġ tal-accounts tal-Kunsilli Lokali kollha, jiġbor informazzjoni utli għat-tfassil tal-policies u jagħti d-direzzjoni meħtieġa skont ix-xejriet identifikati.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Saru diskussjonijiet ma' dawk konċernati rigward l-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

F'dan il-perjodu bdew il-preparamenti sabiex tiġi abbozzata sejħa għall-offerti għas-software meħtieġ.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Saret evalwazzjoni ta' din il-miżura u ġie deċiż illi sabiex din il-miżura tiġi implimentata, din ser tkun parti mill-Istrateġija tal-ICT tal-Gvern Lokali li dwarha saret applikazzjoni taħt il-Programm tar-Riforma Strutturali (UE).

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Saru diversi laqgħat inkluż mal-uffiċjali fi ħdan il-Programm tar-Riforma Strutturali (UE) sabiex din l-applikazzjoni tiġi riveduta u sottomessa fil-ħin. L-applikazzjoni ġiet fil-fatt finalizzata u sottomessa.

Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, b'rabta mal-istrateġija tal-informatika, ġabret informazzjoni mill-Kunsilli Lokali kollha dwar proġetti ppjanati minnhom fuq l-informatika, li jinkludu kemm software kif ukoll hardware.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

68 Kunsill Lokali u 5 Kunsilli Reġjonali u l-ħaddiema tagħhom.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## MIŻURA ADDIZZJONALI 24

Ser nibdew nipprovdu dokumenti diġitizzati on demand. B'hekk ser inkunu qed niffaċilitaw il-mod li bih il-pubbliku ġenerali jista' jikkopja dokumenti b'mod mgħaġġel u rħis mingħajr ma ssir ħsara lid-dokumenti oriġinali.

**KWART 1** JANNAR - MARZU

Saru numru ta' laqgħat interni sabiex isir magħruf l-apparat li hemm bżonn, inġabru l-kwotazzjonijiet, saret l-evalwazzjoni u nxtara l-apparat meħtieġ.

**KWART 2** APRIL - ĠUNJU

Tlestew il-preparamenti kollha dwar kif ser jitqiegħed u jitħaddem l-apparat elettroniku kif ukoll il-kisba tiegħu. Tfasslu wkoll policy u linji gwida dwar l-użu tal-apparat.

**KWART 3** LULJU - SETTEMBRU

Wasal u tqiegħed f'postu l-apparat u sar l-ittestjar neċessarju kif ukoll it-tħaddim bi prova mill-istaff tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta. Is-sistema kienet aċċessibbli għar-riċerkaturi f'Settembru 2020 u bdiet tintuża mill-patruni tal-Arkivji Nazzjonali.

**KWART 4** OTTUBRU - DIĊEMBRU

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, partikolarment min jagħmel użu minn dan is-servizz.

**KUMMENTI**

Implimentata

---

## 25

Isir risk assessment minn esperti tal-Librerija Pubblika Ċentrali u l-Librerija Nazzjonali f'Għawdex sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' nirien. Ir-rakkomandazzjonijiet li jinħarġu mir-risk assessment jiġu implimentati sabiex ikun hemm aktar sigurtà għal min juża dawn il-libreriji.

**KWART 1**

Ġie bbukkjat l-assessjar komprensiv u ħolistiku tar-riskji tal-Librerija Pubblika Ċentrali f'Għawdex sabiex tiġi mħarsa kemm is-sigurtà fuq il-post kif ukoll jitnaqqas ir-riskju ta' nirien.

**KWART 2**

Beda l-assessjar komprensiv u ħolistiku tar-riskji tal-Librerija Pubblika Ċentrali u l-Librerija Nazzjonali f'Għawdex.

**KWART 3**

Intemm l-assessjar komprensiv u ħolistiku tar-riskji tal-libreriji f'Għawdex u ġie ppreżentat rapport lill-maniġment. Saret l-analiżi tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mir-rapport dwar l-assessjar tar-riskji tal-libreriji f'Għawdex u sar pjan ta' azzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rispettivi. Inħolqu pjanijiet ta' fire drills kif ukoll ta' evakwazzjoni skont il-linji gwida maħruġa mir-rapport dwar l-assessjar tar-riskji. Beda jingħata t-taħriġ lill-impjegati tal-Librerija f'Għawdex dwar Manual Handling, Occupational Health and Safety, First Aid kif ukoll Basic Skills fit-tifi tan-nar.

**KWART 4**

Tfassal il-Bill of Quantities għas-sistema tat-tifi tan-nar abbażi tar-rapport dwar l-assessjar tar-riskji tal-libreriji f'Għawdex. Tlesta l-pjan ta' fire drills kif ukoll ta' evakwazzjoni skont il-linji gwida maħruġa mir-rapport dwar l-assessjar tar-riskji. Intemm it-taħriġ lill-impjegati tal-Librerija f'Għawdex dwar Manual Handling, Occupational Health and Safety, First Aid kif ukoll Basic Skills fit-tifi tan-nar. Ġiet indikata persuna rappreżentattiva dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fil-Librerija f'Għawdex. Beda x-xogħol klassifikat bħala urġenti fir-rapport dwar l-assessjar tar-riskji tal-Librerija f'Għawdex. Ġie finalizzat il-pjan ta' azzjoni dwar it-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet kollha maħruġa fir-rapport dwar l-assessjar tar-riskji tal-Libreriji prinċipali f'Għawdex. Ħarġet sejħa għall-offerti fil-Gazzetta tal-Gvern għall-fire detectors u wara sar ftehim sabiex titwaħħal is-sistema ta' fire detectors fil-Librerija Pubblika Ċentrali f'Jannar 2021.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-membri kollha ta' Malta Libraries li huma madwar 120,000 persuna.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 26

Isir risk assessment minn esperti tat-Teatru Manoel sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' nirien. Ir-rakkomandazzjonijiet li jinħarġu mir-risk assessment jiġu implimentati sabiex ikun hemm aktar sigurtà għal min juża dan il-bini maestuż kif ukoll sabiex jiġi mħares dan il-wirt nazzjonali.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Konsulent tas-saħħa u s-sigurtà li jipprovdi wkoll diversi servizzi lit-Teatru Manoel ġie inkarigat sabiex iħejji rapport relatat mal-binjiet kollha tat-Teatru kif ukoll dak relatat ma' nirien. Fil-bidu ta' dan l-istadju saru wkoll kuntatti mal-kumpanija li tipprovdi s-servizzi relatati ma' sigurtà minn nirien eċċ. sabiex jiġu identifikati r-riskji li hemm.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Ġie avviċinat il-konsulent tat-Teatru stess, l-inġinier elettriku li stabbilixxa xi problemi tista' tpoġġi lit-Teatru s-sistema tad-dawl elettriku. Tkomplew numru ta' laqgħat bejn il-persuni involuti, fosthom il-periti u konsulent tal-Health and Safety.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Intalbu kwotazzjonijiet għaż-żona tat-Teatru inkluż fil-boxes, fejn ġiet installata sistema ġdida u addizzjonali ta' sigurtà bl-isem Mist System sabiex ikun evitat l-użu tal-ilma li minnu nnifsu jagħmel il-ħsara fit-Teatru. Tkomplew id-diskussjonijiet mal-inġinier elettriku dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-post. Beda l-proċess ta' risk assessment għat-Teatru mill-konsulent tat-Teatru inkarigat. Mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ġie stabbilit taħriġ lill-ħaddiema kollha konċernati. Saru wkoll spezzjonijiet fuq fire extinguishers u apparat ieħor ġewwa t-Teatru.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Ġiet spezzjonata s-sistema tal-elettriku u wara ċertifikata kif ukoll sar service ieħor lill-fire curtain. Ir-risk assessment relatat mal-binjiet tat-Teatru kif ukoll man-nirien tlestew u r-rapporti kollha qegħdin għand it-Teatru Manoel. Tfassal pjan t'azzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa minnu.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
Ħaddiema tat-Teatru, fosthom atturi, mużiċisti u artisti, u l-pubbliku.

**KUMMENTI**
Implimentata

## 27

Isir proġett ta' għarfien lil udjenza ta' żgħażagħ bejn l-etajiet ta' 12 u 14-il sena. Dan il-proġett għandu jwassal sabiex dawn iż-żgħażagħ stess jagħżlu liema huwa l-film rebbieħ li jiġi ppreżentat għall-European Film Academy li ssir f'Mejju. Permezz ta' dan il-proġett iż-żgħażagħ ser jkunu wkoll qed itejbu l-ħiliet kritiċi u kreattivi tagħhom.

**KWART 1**

Għalkemm kienu bdew il-preparazzjonijiet, fi Frar 2020 tħabbar li l-European Film Academy ipposponiet dan l-avveniment tal-Young Audience Award minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Barra minn hekk, fuq parir tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, l-iskejjel ingħalqu f'Marzu 2020 u għaldaqstant dan il-proġett kellu jiġi temporanjament imwaqqaf. Dan l-avveniment ma setax isir online minħabba li l-copyright tal-films ma tinkludix il-wiri ta' siltiet mill-films online.

**KWART 2**

Minħabba li l-iskejjel kienu magħluqa u l-European Film Academy ipposponiet dan l-avveniment, din il-miżura ma setgħetx titwettaq b'mod effettiv.

**KWART 3**

Ma kien hemm ebda indikazzjoni li dan l-avveniment ser jerġa' jsir. Dan dejjem minħabba l-inċertezza kkawżata mill-pandemija. Dan l-avveniment hu kkundizzjonat li l-istudenti jkunu preżenti fiżikament.

**KWART 4**

F'dan il-perjodu beda l-proċess sabiex din l-inizjattiva tiġi modifikata biex tkun parti mill-programm Culture Pass li ser jerġa' jibda minn Jannar 2021 bi ftehim mal-Ministeru għall-Edukazzjoni.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
Studenti fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u indipendenti.

**KUMMENTI**
Fil-proċess li tiġi implimentata.

| Nru | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **28**<br>Jiġi introdott mekkaniżmu li permezz tiegħu kull kunsill lokali jissottometti Annual Procurement Plan b'informazzjoni dwar x'sejħiet għall-offerti hemm il-ħsieb li jinħarġu fis-sena ta' wara. Din l-informazzjoni ser isservi bħala xprun għal twettiq u ppjanar aħjar u, fejn possibbli, il-kunsilli stess jevalwaw jekk jistgħux jibbenefikaw minn economies of scale. | Ġie abbozzat template tal-Annual Procurement Plan fejn intbagħtet ċirkulari lill-Kunsilli kollha sabiex jibdew jibagħtu dan il-pjan kull sena. Saret laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi biex jiġu spjegati r-rekwiżiti u kif għandu jimtela d-dokument. | Inġabru d-dokumenti kollha mill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali filwaqt li ġew analizzati mill-Procurement Unit. | L-iStandard Operating Procedure ġiet preparata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kienet inkluża fid-Direttiva li kienet inħarġet u li turi l-proċess ta' kif isir il-Procurement Planning u kif jintbagħat. Il-procurement plan ser jibqa' jintalab kull sena. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>68 Kunsill Lokali li jinkludu l-ħaddiema tagħhom u l-pubbliku. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **40**<br>Tiġi modernizzata s-sistema tan-network tat-Tribunali Reġjonali f'Malta u f'Għawdex sabiex kemm l-impjegati tat-tribunali kif ukoll il-klijenti tagħhom ikollhom konnessjoni aħjar, jinqdew bl-aħjar teknoloġija moderna kif ukoll ikun hemm aċċess b'xejn għall-wifi. | Bdew diskussjoniet interni preliminari dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet interni preliminari dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Saret evalwazzjoni ta' din il-miżura u ġie deċiż illi din tkun parti mill-Istrateġija tal-ICT tal-Gvern Lokali li dwaru saret applikazzjoni taħt il-Programm tar-Riforma Strutturali (UE). | Saru diversi laqgħat inkluż mal-uffiċjali fi ħdan il-Programm tar-Riforma Strutturali (UE) rigward is-sottomissjoni ta' din l-applikazzjoni. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>5 Tribunali Lokali inkluż il-ħaddiema tagħhom u l-pubbliku li jattendi. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **78**<br>Jiġi introdott servizz ta' wifi b'xejn f'27 lokalità differenti. | Bdew diskussjonijiet interni preliminari dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet interni preliminari dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura.<br><br>Beda l-proċess sabiex jiġu identifikati l-lokalitajiet differenti li se jagħmlu użu minn dan is-servizz. | Ġew identifikati l-lokalitajiet differenti u min fis-suq jista' joffri dan is-servizz. Saru negozjati inizjali ma' stakeholders dwar kif jista' jiġi offrut is-servizz u x'obbligu finanzjarju jġib dan kollu. Saru diversi taħditiet bejn l-entitajiet konċernati li jinkludu l-Information Management Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali (MHAL), ir-rappreżentanti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll minn Tech MT Ltd sabiex dak li ġie diskuss fin-negozjati jiġi ppreżentat lil dawk kollha konċernati. | Ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u Tech MT Ltd fejn fih ġie maqbul in-numru ta' żieda ta' wifi points fi 68 lokalità differenti kif ukoll kif ser isir ix-xogħol. F'Diċembru 2020 ġew implimentati 136 wifi point ġodda fi ħdan 68 lokalità differenti madwar Malta u Għawdex. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>68 lokalità differenti madwar Malta u Għawdex. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |

# MTIP

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **31**<br>Isir tisbiħ ta' toroq fiż-Żurrieq. Dan il-proġett ser ikun jinkludi t-twessigħ ta' bankini, pavimentar tat-toroq, l-infrastruttura meħtieġa għall-ġbir tal-ilma tax-xita, l-installazzjoni ta' charging stations għall-karozzi elettriċi u l-ħolqien ta' aktar spazji li jistgħu jintużaw kemm minn vetturi kif ukoll minn min iħobb il-mixi. | Bdew il-konsultazzjonijiet mal-entitajiet konċernati li għandhom interess fil-proġett. Tlestew is-surveys fuq is-siti u tal-madwar sabiex isiru d-disinji tal-proġett. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-entitajiet konċernati fosthom il-Kunsill Lokali, għaqdiet lokali u Transport Malta. Il-feedback minn dawn id-diskussjonijiet ġie mixtarr u użat bħala bażi għal reviżjoni tad-disinji u pjanti tal-proġett globali. | Tlestew id-disinji tal-Masterplan u bdiet issir l-evalwazzjoni teknika tal-proġett. | Ġew riveduti d-disinji tal-Masterplan u tat-tisbiħ tat-toroq (twessigħ u bdil ta' bankini) tal-madwar.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **34**<br>Ser jinbena kumpless ġdid għall-futbol u r-rugby f'Kordin li jkun jakkomoda madwar 800 spettatur. | Beda l-abbozzar għas-sejħa għall-offerti li tinkuludi skavar u esportazzjoni ta' materjal kontaminat. | Tlesta l-abbozzar għas-sejħa għall-offerti li tinkludi skavar u esportazzjoni ta' materjal kontaminat. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti tal-ewwel fażi tal-proġett.<br><br>Beda x-xogħol fuq l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet relatati mat-tieni fażi tal-proġett li jinkludu l-bini tal-pitch, il-floodlights, il-fencing u l-ġibjun. | Intgħażel il-kuntrattur għax-xogħlijiet tal-ewwel fażi.<br><br>Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti tat-tieni fażi.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku u għaqdiet sportivi. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **35**<br>Issir sistema ta' parking management fl-Għadira sabiex jiġu indirizzati sfidi li ilhom jinħassu għal ħafna snin. B'hekk jittejjeb il-parkeġġ eżistenti li jinsab fin-naħa ta' fuq tal-bajja, ikun hemm organizzar aħjar tal-parkeġġ u titħares is-sigurtà ta' dawk li jipparkjaw il-karozzi fil-post. | Wara sejħa għal tenders, bdew ix-xogħlijiet fuq is-sit speċjalment fuq l-iskavar tal-art u tat-trinek ġodda li jridu jsiru minħabba s-servizzi tad-dawl u ilma. | Komplew ix-xogħlijiet fuq is-sit, speċjalment fuq l-iskavar tal-art u tat-trinek ġodda li jridu jsiru minħabba s-servizzi tad-dawl u ilma. | Komplew ix-xogħlijiet fuq is-sit, bħall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ, ħitan tal-apoġġi, mogħdijiet għas-servizzi taħt l-art tal-elettriku/tal-ilma tax-xita, u anke tkompla t-twaħħil/tmexxjia tas-siġar. | Tranġaw xi xogħlijiet li ġarrbu ħsarat minħabba l-maltemp. Ġew imfassla u bdew ix-xogħlijiet fuq it-toroq ġodda għall-aċċess b'mod sigur.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

## 36

Flimkien mal-industrija lokali marittima, ser tiġi organizzata l-Malta International Boat Show. L-għan huwa li din l-attività ssir waħda mill-fieri ewlenin tad-dgħajjes fil-Mediterran u fl-Afrika ta' Fuq fejn jiġu attirati dilettanti tad-dgħajjes kemm lokali kif ukoll barranin.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Bdew jiġu mfassla l-pjanijiet għall-organizzazzjoni tal-Malta International Boat Show 2020 flimkien ma' ħidma interna fi ħdan Yachting Malta biex jiġu identifikati numru ta' sponsors u partners strateġiċi għall-għajnuna finanzjaraja biex titella' din l-attività.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Komplew id-diskussjonijiet mad-diversi stakeholders tal-Boat Show, partners strateġiċi u sponsors. Ġew identifikati numru ta' esebituri li potenzjalment jistgħu jitħajru jieħdu sehem fil-fiera. Beda l-bejgħ ta' spazji fil-fiera.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Filwaqt li kompla l-bejgħ tal-ispazji fil-fiera lill-esebituri u r-reklamar fuq il-mezzi soċjali, komplew id-diskussjonijiet mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex tkun evalwata l-possibilità li din il-Boat Show issir fi żmien il-pandemija.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, il-Malta International Boat Show ma saritx. Għaldaqstant, hemm il-ħsieb li titella' l-edizzjoni tal-2021.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Persuni u għaqdiet interessati fil-qasam marittimu u tal-baħar.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 77

Ser nilqgħu f'Malta t-tieni Konferenza Ministerjali tal-Union for the Mediterranean (UfM) dwar l-Ekonomija Blu. Din il-konferenza ser tlaqqa' l-pajjiżi Ewropej sabiex jiddiskutu u jintlaħqu ftehimiet bil-għan li tissaħħaħ l-Ekonomija Blu madwar l-Ewropa.

**KWART 1**

Bdew diskussjonijiet fi ħdan il Union for Mediterranean (UfM) Working Group fejn ġew diskussi diversi temi, fosthom il-proposta li din il-konferenza ssir f'Malta fl-2020.

**KWART 2**

Komplew id-diskussjonijiet fi ħdan il-UfM Working Group.

**KWART 3**

Komplew id-diskussjonijiet fi ħdan il-UfM Working Group fejn ġew diskussi diversi temi, fosthom jekk il-konferenza għandhiex tibqa' ppjanata li ssir Malta, minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

**KWART 4**

Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. Ġie maqbul li ġaladarba għad hemm restrizzjonijiet minħabba l-pandemija tal-Covid-19, din il-konferenza se ssir b'mod virtwali. Id-data magħżula hi t-2 ta' Frar, 2021.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Rappreżentanti Maltin kif ukoll dawk barranin li se jattendu l-konferenza.

**KUMMENTI**

Implimentata

# MSFC

## MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **27**<br>Jiġi simplifikat il-proċess involut meta benefiċjarju jintalab jirrifondi xi ħlas żejjed li jkun sar lilu għal xi benefiċċju mhux kontributorju. Sal-lum il-ġurnata l-ammont imħallas żejjed jiġi stabbilit b'mod manwali. Bis-sistema l-ġdida dawn it-tipi ta' każijiet ser jibdew jinħadmu b'mod awtomatizzat b'tali mod li tiżdied l-effiċjenza, it-trasparenza u l-kontabilità. Din is-sistema diġà qed tintuża fil-każ tal-pensjoni mhux kontributorja. | Sar workshop mal-istakeholders konċernati kif ukoll diversi laqgħat ta' diskussjoni flimkien mal-MITA sabiex jiġu identifikati l-business requirements. | Tkomplew l-evalwazzjonijiet mill-MITA dwar it-tibdil li hemm bżonn sabiex tiġi implimentata din il-miżura. | Saru diskussjonijiet bejn il-MITA u d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jiġu ċċarati l-ICT enhancements meħtieġa għall-implimentazzjoni.<br><br>Beda x-xogħol fuq il-workflow u d-disinn ta' kif ser tigi implimentata din il-miżura min-naħa tal-MITA. | Beda l-ittestjar tas-sistema fuq is-Social Assistance and Benefits Systems (SABS) mill-MITA.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Kull min jibbenefika minn dan is-servizz.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **28**<br>Jiġi simplifikat il-proċess involut fl-għoti ta' benefiċċji kontributorji. (a) Isir tibdil fil-proċedura tal-għoti tal-benefiċċju f'każijiet ta' korriment (Injury Benefit); (b) Jinbidel il-proċess ta' kif jittellgħu l-Class 1 Contributions fis-sistema SABS sabiex dan l-eżerċizzju jibda jsir darbtejn fis-sena flok darba waħda kif isir illum; (ċ) Jinbidel il-proċess ta' kif pensjonant prospettiv jiġi infurmat li ser jirċievi l-pensjoni tal-irtirar; (d) Tibda tiġi ġġenerata l-P3 b'mod elettroniku; (e) Tiddaħħal proċedura ġdida li permezz tagħha persuni eliġibbli għall-benefiċċji mhux kontributorji jibdew jitħallsu fl-istess ġimgħa li fiha jkun awtorizzat il-pagament minflok wara tliet ġimgħat. | (a) Sar workshop mal-istakeholders konċernati u bdew diskussjonijiet mal-MITA dwar il-business requirements.<br><br>(b) Saru workshops mal-istakeholders, bdew diskussjonijiet mal-MITA u l-Kummissarju għat-Taxxi.<br><br>(ċ) Bdew diskussjonijiet mal-MITA dwar kif ser tiġi implimentata din il-miżura.<br><br>(d) Saru diskussjonijiet mal-MITA, u beda jiġi pprogrammat il-functionality tal-P3.<br><br>(e) Saru d-diskussjonijiet mal-MITA, saru l-emendi fis-sistema u sar l-ittestjar meħtieġ. Beda jitħaddem il-proċess. | (a) Tkomplew id-diskussjonijiet mal-MITA u saru l-emendi neċessarji.<br><br>(b) Ġew fi tmiemhom id-diskussjonijiet mal-Kummissarju għat-Taxxi, u d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali pprepara position paper li ntbagħtet lill-International Relations Department (IRD).<br><br>(ċ) Tkomplew id-diskussjonijiet u bdiet l-investigazzjoni fuq it-tibdil li hemm bżonn mil-MITA.<br><br>(d) Tkompla l-ipprogrammar tas-servizz online l-ġdid u tlestiet l-analiżi. | b) Saret evalwazzjoni mill-IRD dwar l-infrastruttura tal-ICT, u l-enhancements meħtieġa. Ġew stabbiliti r-requirements tekniċi u amministrattivi.<br><br>(ċ) Ġie miftiehem il-workflow propost mid-Dipatiment tas-Sigurata Soċjali (DSS), ġew ikkonfermati l-parametri tar-rappurtaġġ mit-taqsima tal-pensjonijiet u beda x-xogħol.<br><br>(d) Din il-miżura twessgħet fl-iskop tagħha u nqasmet f'żewġ mServices. Tlesta l-iżvilupp meħtieġ, sar l-ittestjar tal-modifiki u bdew jintużaw. | (b) Ġie kkonfermat l-endorsement tal-Ministeru għall-Finanzi u ngħatat l-approvazzjoni mill-People and Standards Division (Uffiċċju tal-Prim Ministru), sabiex l-ewwel fażi tal-proġett li tindirizza l-implimentazzjoni tal-miżura fis-sistema użata mill-Gvern għall-impjegati tiegħu (Dakar payroll) tkun tista' tibda.<br><br>(ċ) Tkompla x-xogħol mill-MITA fuq l-IT requirements u sar it-testing mid-DSS fuq is-Social Assistance and Benefits Systems (SABS).<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Kull min jibbenefika minn dan is-servizz.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 29

Jiġu diġitizzati d-dokumenti kollha dwar benefiċjarji li, sal-lum il-ġurnata, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm bħala hard copy. Permezz ta' dan ir-repożitorju d-dokumenti jibdew jinżammu biss ċentralment b'mod elettroniku.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Saru diskussjoniet interni u mal-MITA sabiex jiġu identifika l-business requirements tal-istakeholders.
Saru diversi workshops ma' diversi taqsimiet tad-dipartiment.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Beda x-xogħol mill-MITA sabiex jiġi żviluppat ir-repożitorju tad-dokumenti sabiex ikunu jistghu jinżammu d-dokumenti b'mod elettroniku.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tkompla x-xogħol mill-MITA fuq l-iżvilupp tar-repożitorju tad-dokumenti sabiex ikunu jistgħu jinżammu d-dokumenti b'mod elettroniku.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tar-repożtorju tad-dokumenti.
Sar ix-xogħol mill-MITA sabiex jinbena l-interface għall-Web App mySocialSecurity u l-pubbliku jkun jista' jtella' dokumenti huwa stess.
Matul ix-xahar ta' Diċembru beda l-user testing u training.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
L-impjegati kollha tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u l-pubbliku.

**KUMMENTI**
Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 50

Matul dawn l-aħħar snin tfasslet applikazzjoni online għall-għajnuniet soċjali. Din tinkludi integrazzjoni diretta fil-framework tas-SABS li permezz tagħha d-dettalji inklużi jiġu wkoll direttament impurtati fl-assessjar tal-benefiċċji. Permezz ta' din l-inizjattiva l-applikazzjoni online ser tiġi integrata b'mod dirett fl-assessjar awtomatiku fil-pjattaforma tas-SABS. Bis-saħħa ta' din il-miżura ser jitnaqqsu l-iżbalji meta jkun qiegħed jinħadem il-każ kif ukoll iż-żmien ta' stennija.

**KWART 1**

Beda l-ittestjar fuq is-sistema.

**KWART 2**

Tkompla l-ittestjar, u ġew elenkati l-istanzi fis-sistema teknoloġika li mhumiex jiffunzjonaw kif suppost. Dawn l-istanzi ġew rappurtati lill-MITA sabiex isir ix-xogħol neċessarju fuqhom.

**KWART 3**

Kompla l-ittestjar u ġiet finalizzata s-sistema tal-automatic assessment. Dan wara li sar il-User Acceptance Testing fis-sistema u twettaq l-iżvilupp meħtieġ. B'hekk l-applikazzjoni online ġiet integrata fis-sistema b'mod dirett.

Ingħata t-training lill-istaff fuq bażi individwali fis-sezzjoni tal-Għajnuna Soċjali.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
Kull min jibbenefika minn dan is-servizz.

**KUMMENTI**
Implimentata

## 86

Isir operational review tas-servizzi/proċessi mogħtija lill-klijenti mit-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-għan huwa li jiġu simplifikati l-proċessi interni, ikun evitat li informazzjoni li diġà hija aċċessibbli għall-Gvern terġa' tintalab lill-klijenti, kif ukoll tiżdied l-aċċessibbiltà għall-klijenti biex dawn jingħataw servizz f'waqtu b'mod effiċjenti.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Bdew diskussjonijiet interni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Komplew id-diskussjonijiet.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Kif l-uffiċini distrettwali ġew ikkonvertiti f'ċentri ta' servizz.gov, bdew diskussjonijiet sabiex jitħarrġu s-Senior Service Delivery Experts u jsiru l-preparamenti meħtieġa għal din it-tranżizzjoni.

Saru diskussjonijiet interni sabiex isir il-proċess kollu tal-Quality Service Charter u jinkludi wkoll operational review. Ġew stabbiliti linji gwida u ġie deċiż li l-Business Operational Review (BOR) għandha ssir mis-settur privat. Għalhekk inġabru kwotazzjonijiet u ġie ffirmat kuntratt ma' kumpanija privata.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Ġew imfassla t-Terms of Reference tal-Business Operational Review u kompliet ir-review u bdiet l-analiżi tal-informazzjoni li nġabret.

Il-kumpanija privata ġiet infurmata dwar ir-review li saret mill-Management Efficiency Unit għall-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (MFEA) li kien jinkludi s-servizzi offruti mill-ambaxxati u dwar l-andament tal-implimentazzjoni. L-IRU ddiskuta fid-dettall ir-rakkomandazzjonijiet mal-MFEA u bdiet l-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula.

Sar l-ewwel abbozz tal-BOR, ġie diskuss fid-dettall u ngħata l-ewwel feedback lill-kumpanija rispettiva.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
Il-klijenti kollha tal-International Relations Unit.

### KUMMENTI
Fil-proċess li tiġi implimentata.

## MIŻURA ADDIZZJONALI 38

Issir riċerka u studju dwar bliet u rħula xierqa għat-tfal. Wara li ssir ir-riċerka, jitwettaq proġett pilota sabiex nikkontribwixxu lejn il-bżonn ta' aktar spazji ħodor, siguri u adatti fejn it-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Ġew assigurati l-fondi u saret l-ewwel laqgħa bejn l-Environment and Resources Authority (ERA), l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal u r-riċerkaturi mill-Università ta' Malta.

Intlaħaq qbil bejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal u l-Fakultà tal-Ambjent Mibni fl-Università ta' Malta li l-Ħamrun għandu jkun il-lokalità fejn isir il-proġett pilota. Saret laqgħa mal-kunsill lokali tal-Ħamrun, bil-parteċipazzjoni tal-kunsill għat-tfal.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Saru diskussjonijiet mal-Università dwar l-ippjanar tal-istudju u dettalji relatati mat-timelines.

Tfassal kuntratt bejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal u r-riċerkaturi tal-Università. Saret laqgħa mad-Dekan tal-Fakultà tal-Arkitettura fuq l-aspett prattiku tal-proġett. Ġie ffirmat il-kuntratt mal-ERA dwar il-fondi allokati għal dan il-proġett.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Kompla x-xogħol fuq il-kwestjonarju li ser jintuża matul ir-riċerka.

Iċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emottiva (CRES) ħadem fuq verżjoni ġdida tal-iskeda tal-istħarriġ tal-partijiet interessati.

Saret laqgħa mar-rappreżentanti mill-Fakultajiet u ċ-ċentri kkonċernati.

Ġew identifikati skejjel tal-Istat primarji u sekondarji fejn se jitqassam is-sondaġġ.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Is-Social Wellbeing Faculty Research Ethics Committee approva l-proġett, is-sondaġġi u l-istrumenti ta' riċerka. Twaqqaf il-Grupp ta' Ħidma b'rappreżentanti mill-Fakultà tal-Ambjent Mibni, CRES u l-Uffiċċju tal-Kummissarju. Minħabba l-Covid-19, il-walkabouts tat-tfal ġew posposti, fejn it-tfal flimkien ma' studenti tal-arkitettura kienu se jidentifikaw affarijiet ġewwa l-Ħamrun li jixtiequ li jinbidlu.

Il-Focus Groups mat-tfal saru online. Ġie mqassam is-sondaġġ mal-istakeholders u ġew ikkuntattjati l-iskejjel fejn intbagħtu l-formoli tal-kunsens lill-ġenituri biex it-tfal ikunu jistgħu jimlew is-sondaġġ.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

It-tfal kollha ta' Malta u Għawdex.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

# MJEG

# MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **30**<br>Ser tiddaħħal sistema fejn l-avukati jiġu provduti b'link li fiha jsibu s-sentenza wara li tkun inqatgħet mill-Qorti. B'hekk qed tiġi faċilitata l-ħidma tal-avukati b'tali mod li ma jkollhomx għalfejn ifittxu huma tali sentenza iżda tintbagħat awtomatikament lilhom mingħajr talba. | Saru diskussjonijiet mal-MITA dwar l-iżvilupp ta' din is-sistema. | Is-sistema tlestiet u bdiet titħaddem. | | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-professjoni legali | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **31**<br>Ser isir possibbli li persuna tippreżenta ittra b'mod elettroniku għall-medjazzjoni (Familja). B'hekk dan is-servizz jibda jkun aċċessibbli 24/7 għall-kumdità tal-klijent. Ser ikun possibbli wkoll li l-avukat tal-persuna jippreżenta din l-ittra elettronikament mingħajr il-ħtieġa li jmur ir-Reġistru tal-Qorti. | Saru diskussjonijiet mal-MITA u ġie determinat il-kontenut tal-applikazzjoni kif ukoll id-disinn. | Bdiet tiġi żviluppata l-applikazzjoni. | Saru t-testijiet fuq l-applikazzjoni u beda jitħaddem il-proċess elettroniku. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Kull persuna li jkollha bżonn titlob is-separazzjoni personali. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **32**<br>Ser tiġi introdotta s-sistema ta' online filing tal-Atti Kriminali. Din l-inizjattiva ser tgħin lill-avukati u lill-prokuraturi legali sabiex, mill-kumdità tal-uffiċċju tagħhom, jippreżentaw kull att ġudizzjarju mingħajr ma jkollhom għalfejn jidħlu l-qorti. | Saru diskussjonijiet mal-MITA dwar l-iżvilupp ta' din is-sistema. | Beda l-iżvilupp tas-sistema. Saru diskussjonijiet mal-Avukat Ġenerali dwar il-ħtieġa ta' emendi legali għal din is-sistema. | Is-sistema tlestiet u sar xi testing fuqha. Sar xogħol fuq l-emendi legali. | Is-sistema tlestiet. Sar l-ewwel qari fil-Parlament u beda t-tieni qari tal-proċess parlamentari. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Kull avukat/prokoratur legali jew uffiċjal prosekutur li hu involut f'kawżi kriminali. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

## 82

Jiġi introdott proċess ġdid li permezz tiegħu l-liġijiet tal-pajjiż ikunu machine readable. Dan ser jippermetti l-faċilità ta' użu aħjar tal-liġijiet permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċess involut bil-għan li l-professjonisti legali u persuni oħra jkollhom l-għodda li jeħtieġu. Sal-lum il-ġurnata l-liġijiet tal-pajjiż huma misjuba f'pdf format.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Bdiet analiżi tal-website legislation.mt sabiex jiġi assigurat li l-iStandard European Legislation Identifier ELI pillar 1 jitwettaq fl-intier tiegħu, skont kif maqbul u dokumentat mal-esperti tal-UE fis-sena ta' qabel. ELI pillar 1 jipprovdi mezz iżjed faċli biex l-utent ikun jista' jsib il-liġijiet online mingħajr ħafna tiftix. | Tlestiet l-analiżi tas-sit skont l-iStandard European Legislation Identifier ELI pillar 1. L-esperti Ewropej tal-ELI TaskForce kienu involuti sabiex jiċċertifikaw min-naħa tagħhom ukoll li l-website hija konformi mal-ELI pillar 1. Beda x-xogħol ta' coding għall-iStandard Legislation Identifier ELI Pillar 2 kif maqbul mal-esperti Ewropej tal-ELI TaskForce. | Tkompla xogħol ta' coding għall-istandard ELI pillar 2. Beda x-xogħol sabiex il-liġijiet il-qodma jibdew isiru machine readable u konformi ma' ELI pillar 2. | Tkompla l-proċess sabex il-liġijiet il-qodma bdew isiru machine readable fis-sistema l-ġdida, kif ukoll tkompla x-xogħol ta' coding għall-istandard ELI pillar 2. Dan huwa proċess kontinwu li jkompli bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Professjoni legali

**KUMMENTI**

Implimentata

## 83

Tiġi introdotta sistema li toffri l-faċilità li kuntratti pubbliċi misjuba għand l-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern ikunu jistgħu jiġu akkwistati u aċċessati b'mod elettroniku. Sal-lum il-ġurnata persuna li tkun tixtieq aċċess għal dawn il-kuntratti tkun trid tmur fiżikament f'dan l-uffiċċju sabiex jiġi mfittex.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Ġew identifikati dipartimenti li s-sit il-ġdid ser ikun qed jagħmel integrazzjoni mas-sistemi tagħhom. | Saru laqgħat mal-istakeholders sabiex isseħħ l-integrazzjoni mas-sistemi tagħhom. | Tlesta x-xogħol ta' integrazzjoni mas-sistemi ta' dipartimenti identifikati. | Is-sistema tlestiet u l-faċilità ġdida bdiet tiġi offruta. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Professjonisti legali

**KUMMENTI**

Implimentata

## 84

Tiġi introdotta Case Management System fil-qrati tagħna (Digicourts) u dan sabiex tibda tintuża t-teknoloġija tal-web kif ukoll l-infrastruttura diġitali li tippermetti servizzi aktar effiċjenti u adegwati għad-dinja tal-lum.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Tkompliet l-installazzjoni ta' apparat modern fil-qrati li kienet bdiet fl-2019. | Beda x-xogħol sabiex is-sistema diġitali tal-qorti tiġi konvertita għal waħda aktar moderna (Digicourts). | Tkompla l-iżvilupp tas-sistema diġitali ġdida u beda jsir ittestjar fuqha. | Is-sistema diġitali ġdida (Digicourts) tlestiet u ġiet imnedija. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Professjonisti legali

**KUMMENTI**

Implimentata

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **39**<br>Tiġi installata interactive information kiosk għal aktar aċċess faċli lill-klijenti, b'informazzjoni dwar servizzi li jingħataw mill-Qrati tal-Ġustizzja, smigħ ta' seduti u informazzjoni oħra. Din l-inizjattiva tgħin ukoll lill-klijenti ġodda jsibu l-post fejn għandhom jaslu b'mod aktar faċli. L-għan ewlieni jibq' dak li jitnaqqas il-ħin li bħalissa klijenti tal-Qrati jużaw biex jinqdew mill-uffiċjali tal-customer care. | Bdiet tinġabar informazzjoni mis-suq lokali dwar il-provvistà ta' dan it-tip ta' servizz. | Kompliet tinġabar informazzjoni minn fornituri lokali. | Saru diskussjonijiet interni dwar l-informazzjoni miġbura mingħand fornituri lokali. | Wara riċerka, sar qbil ma' fornitur lokali biex jipprovdi l-information kiosk. Bdiet tiġi kkonfermata l-informazzjoni li ser tiddaħħal fih. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-klijenti kollha tal-Qrati. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **41**<br>Tiġi introdotta reading room fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern b'tagħmir modern sabiex il-klijenti ta' dan l-uffiċċju jinqdew b'mod aktar komdu u konvenjenti b'aċċess diġitali għall-atti notarili mingħajr il-ħtieġa li l-istess atti jiġu mfittxija manwalment. | Ġiet ikkumpilata l-lista tal-apparat diġitali meħtieġ. | Bdiet tiġi abbozzata sejħa għall-offerti għall-apparat meħtieġ. | Wara li ħarġet is-sejħa għall-offerti u saret l-evalwazzjoni, ġie magħżul l-offerent. | L-apparat diġitali l-ġdid ġie installat u ngħata l-aċċess diġitali lill-pubbliku. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Klijenti tal-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **42**<br>Jinfetaħ uffiċċju ġdid minn fejn jibda jopera l-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali. Dan ser isir sabiex il-klijenti ta' dan l-uffiċċju jinqdew minn ambjent aħjar, modern u xieraq. | Fl-aħħar tal-2019 kienet ġiet mikrija binja ġdida għall-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali. Wara sejħa għall-offerti ġiet ordnata l-għamara għall-binja l-ġdida. | Permezz ta' ġabra ta' kwotazzjonijiet intgħażel designer tar-reception area tal-uffiċini l-ġodda. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għar-review tal-istruttura, tal-proċessi u tas-servizzi kollha offruti mill-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali kif ukoll tal-website tiegħu. | L-għamara l-ġdida twaħħlet fuq il-post u l-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali beda jopera mill-uffiċini l-ġodda. Saret ordni għall-għamara tar-reception area. Wara sejħa għall-offerti, intgħażlet kumpanija li ser tkun qed tagħmel ir-review tal-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali. | Il-kumpanija magħżula bdiet bir-review tal-istruttura, tal-proċessi u tas-servizzi kollha offruti mill-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali kif ukoll tal-website tiegħu.<br><br>Is-servizz kompla jingħata iżda mill-binja l-ġdida |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Klijenti u impjegati tal-Uffiċċju tal-Għajnuna Legali. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

## 43

Issir kampanja ta' informazzjoni dwar l-Equality Mark sabiex jingħata aktar għarfien dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Din ser tkun tinkludi l-introduzzjoni ta' għodda dwar kif jintlaħaq il-kunċett ta' equal pay (equal pay tool).

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Bdew riċerki dwar l-equal pay tool diġitali u dwar paga ndaqs bejn nisa u rġiel fil-proċess ta' ftehim kollettiv. | Beda l-iżvilupp tal-equal pay tool diġitali u l-piloting tagħha wara li nħareġ tender u ntgħażel is-service provider. Tkompliet ir-riċerka dwar paga ndaqs bejn nisa u rġiel fil-proċess ta' ftehim kollettiv. | Saret konferenza online tal-NCPE fejn ġiet preżentata l-equal pay tool diġitali kif ukoll ir-riżultati tar-riċerki li saru. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

## 83

Għall-ewwel darba ser titnieda Strateġija Diġitali ħolistika fil-qasam tal-ġustizzja bil-għan li jiżdied l-aċċess tal-pubbliku għal dan il-qasam. Din l-istrateġija ser tintroduċi riforma li tolqot is-setturi kollha fil-qasam, bħal professjonijiet legali, arbitraġġ, medjazzjoni u l-qrati tal-ġustizzja.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Bdew laqgħat mal-istakeholders tal-Council of Europe European Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ). Bdiet tiġi abbozzata l-istrateġija diġitali. | Kompla l-abbozzar tal-istrategija diġitali abbażi tal-feedback li qed jintlaqa' mill-istakeholders. | Kompla jintlaqa' l-feedback u kompla jiġi aġġornat l-abbozzar. | Tkomplew laqgħat mal-istakeholders tal-Council of Europe European Commission for the Efficiency of Justice (CEPEJ). Kompliet tiġi abbozzata l-istrateġija diġitali. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Is-setturi kollha fil-qasam, bħall-professjonijiet legali, arbitraġġ, medjazzjoni u l-qrati tal-ġustizzja.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

# MAFA

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

| **MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA** | **KWART 1** JANNAR - MARZU | **KWART 2** APRIL - ĠUNJU | **KWART 3** LULJU - SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **33** Tiġi żviluppata sistema elettronika li permezz tagħha tinġabar l-informazzjoni meħtieġa meta jsiru spezzjonijiet fuq l-għeneb indirizzat għall-produzzjoni ta' nbid DOK (Denominazzjoni t'Oriġini Kontrollata) u IĠT (Indikazzjoni Ġeografika Tipika). | Twaqqaf kumitat intern biex jieħu ħsieb dan il-proċess ta' bidla minn karti għal sistema diġitali. Saret reviżjoni tal-proċedura eżistenti għal skopijiet ta' ġbir ta' informazzjoni rigward l-ispezzjonijiet tal-ħsad tal-għeneb. Saru diskussjonijiet tekniċi bejn iċ-Chief Information Officer (CIO) tal-Ministeru, l-aġent tas-sistema u l-kumitat intern biex jiġu deċiżi r-rekwiżiti tekniċi għas-sistema diġitali proposta. | Ġew ippreparati d-dokumenti u nħarġet sejħa għall-hardware (tablets) u għas-software tas-sistema. Wara li għalqet is-sejħa, intgħażel il-kuntrattur u nxtraw it-tablets u s-software. | Iltaqa' l-kumitat intern filmkien mas-CIO biex jiġi diskuss il-proċess ta' kif jista' jittejjeb it-tħaddim tas-sistema, sar it-testing tas-sistema fuq it-tablets u ġew identifikati tibdiliet meħtieġa.<br><br>Tlestew il-modifikazzjonijiet tas-sistema u beda jingħata t-taħriġ lill-operaturi u wara dan, bdiet titħaddem is-sistema elettronika b'mod uffiċjali. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Ufficjali tal-Agrikoltura u bdiewa produtturi t'għeneb għall-inbid.

**KUMMENTI**

Implimentata

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **34** Tiddaħħal sistema diġitali ta' kif jiġu rekordjati l-crop plans tal-bdiewa. B'hekk, permezz tal-AgriConnect (Farm Advisory Services) dawn jiġu megħjuna fl-operat tagħhom. | Saru d-diskussjonijiet maċ-Chief Information Office tal-Ministeru u mal-operaturi tas-sistema online eżistenti, li ser tkun qed tintuża biex fiha jiddaħħlu l-crop plans għall-bdiewa, sabiex jsiru l-modifikazzjonijiet neċessarji fis-sistema. | Tlesta x-xogħol ta' modifika tas-sistema online li ser tintuża għaż-żamma tal-crop plans u sar l-ittestjar tas-sistema modifikata.<br><br>Sar ukoll it-taħriġ lill-uffiċjali li ser ikunu qed iħaddmuha. | Saret kampanja ta' informazzjoni mal-bdiewa fejn tħabbar li l-uffiċċju tal-AgriConnect fid-Dipartiment ser ikun qed jilqa' talbiet għal assistenza dwar crop plans fuq bażi individwali u wara l-Uffiċċju tal-AgriConnect fid-Dipartiment beda jirċievi applikazzjonijiet mingħand bdiewa biex il-crop plan tagħhom ikun rekordjat b'mod diġitali fis-sistema. | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 6,400 bidwi.

**KUMMENTI**

Implimentata

| | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **35**<br>Isir konsolidament tas-servizzi offruti fil-qasam tas-sajd. Is-servizzi kollha lill-klijent ser jibdew jingħataw minn post wieħed. Għal dan il-għan ser jinfetħu żewġ uffiċini, wieħed fit-Tramuntana u l-ieħor fin-Nofsinhar ta' Malta. B'hekk jiġi evitat kull skariġġ għas-sajjieda. | Inħareġ tender għall-bini tal-uffiċċju ta' Marsaxlokk iżda wara sar negotiated procedure u nbeda x-xogħol fuq il-bini. Dan huwa proġett parzjalment finanzjat mill-Unjoni Ewropea. | Tlesta x-xogħol fuq il-binja tal-Uffiċċju f'Marsaxlokk u nbeda x-xogħol sabiex jitlesta x-xogħol fuq ġewwa. Ġiet ordnata l-għamara u ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għad-dawl u l-ilma.<br><br>Sadanittant, l-uffiċċju fil-Veċċja (San Pawl il-Baħar) ukoll qiegħed jiġi rranġat, u anke ngħata s-servizz tad-dawl u l-ilma. | Tlestew ix-xogħlijiet fiż-żewġ faċilitajiet u ż-żewġ uffiċini ġew inawgurati. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Madwar 750 sajjied professjonali. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **80**<br>Issir National Livestock Database (NLD) ġdida fid-Diviżjoni għar-Regolazzjoni Veterinarja u s-Saħħa tal-Pjanti (VPRD). | Beda x-xogħol fuq l-analiżi ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal National Livestock Database Ġdida. | Tlesta l-abbozz tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp tan-National Livestock Database (NLD) ġdida. Intalbu l-fondi neċessarji mill-Ministeru għall-Finanzi. | Ġew approvati l-fondi neċessarji. Sadanittant, id-dokument tas-sejħa għall-offerti għadda għand id-dipartiment tal-kuntratti għall-verifiki neċessarji qabel jiġi ppubblikat. | Ġew indirizzati numru ta' kjarifiki mid-Dipartiment tal-Kuntratti u ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>L-irziezet f'Malta u f'Għawdex. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **81**<br>Tiġi żviluppata sistema ta' monitoraġġ permezz tal-BiedjaCAM sabiex jiġu reġistrati l-uċuħ. Dan ser jippermetti li meta jkun hemm ħsarat ikkawżati minn maltemp jew ċirkostanzi straordinarji jsir il-proċess ta' rimborż b'mod aktar sempliċi u effettiv tal-miżuri eċċezzjonali li jistgħu jiġu varati. | Saru l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji sabiex tkun tista' tiġi żviluppata s-sistema tal-BiedjaCAM. | Saru d-diskussjonijiet neċessarji mal-kuntrattur tas-sistema. | Beda jsir l-iżvilupp fil-BiedjaCAM sabiex jiġi simplifikat il-proċess li permezz tiegħu l-bdiewa affettwati minn ħsarat ikkawżati minn maltemp, jew ċirkostanzi straordinarji, jingħataw rimborż. Bdiet is-sistema bid-dejta validata. | L-ittestjar tal-funzjonijiet tas-sistema wera li għadhom ma ġewx implimentati l-funzjonijiet kollha mitluba u meħtieġa, u għaldaqstant seħħew taħditiet mal-Uffiċċju tas-CIO sabiex jiġu stabbiliti timeframes ġodda dwar dan. Il-kuntrattur kompla jaħdem fuq is-sistema biex isiru l-emendi neċessarji fl-app.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Madwar 6,000 bidwi. | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

## MIŻURA ADDIZZJONALI 46

Sabiex insaħħu s-settur tal-biedja organika u ntennu l-importanza ta' prattiki sostenibbli, ser niddisseminaw aktar għarfien dwar l-obbligi u r-regolamenti marbuta maċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti organiċi u l-importanza tat-traċċabilità tul il-katina tal-provvista kollha.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Twaqqaf kumitat intern biex jiddiskuti l-għanijiet prinċipali u l-preparamenti loġistiċi meħtieġa u jistabbilixxi d-dati ta' żewġ laqgħat ta' informazzjoni mal-istakeholders (waħda f'Malta u oħra f'Għawdex) dwar il-biedja organika u l-kummerċ ta' prodotti organiċi.

Tlaqqa' l-Bord dwar il-Biedja Organika sabiex jiġi diskuss il-pjan ta' azzjoni tad-Direttorat u jintlaqgħu suġġerimenti mill-membri dwar tagħrif meħtieġ li għandu jingħata lill-istakeholders dwar l-importanza tal-biedja organika u tat-traċċabilità tul il-katina tal-provvista.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Minħabba l-pandemija tal-Covid-19, l-implimentazzjoni ta' din il-miżura ma baqgħetx kif ippjanat u bdew isiru pjanijiet oħra biex naraw kif setgħet tiġi implimentata l-miżura.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Tfasslet l-informazzjoni li ser tingħata waqt il-laqgħa b'tali mod li twassal messaġġ ċar dwar l-importanza tal-biedja organika. Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni kellha ssir online billi jittellgħu fis-sit tad-Direttorat tal-Agrikoltura. Dan wara li l-laqgħat li kellhom isiru fl-Agrifair tħassru minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19. Tlestew l-abbozzi tat-test li ser jintuża fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex il-pubbliku jiġi avżat, inkluż il-link elettroniku minn fejn wieħed ikollu aċċess għall-informazzjoni. Tlesta t-test biex jintbagħat SMS lill-bdiewa kollha reġistrati mal-MCCAA.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Intbagħat l-SMS lill-istakeholders bit-tagħrif dwar il-biedja organika u kummerċ ta' prodotti organiċi permezz ta' preżentazzjoni online fis-sit elettroniku tad-Direttorat.

Saret evalwazzjoni tal-feedback riċevut u fejn meħtieġ ser jinbidlu l-proċeduri u jsiru laqgħat ma' entitajiet relevanti sabiex jindirizzaw nuqqasijiet li rriżultaw.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 6,400 bidwi.

### KUMMENTI

Implimentata

## 47

Tiġi introdotta faċilità elettronika li permezz tagħha jiġu komunikati riċetti veterinarji u jiġu introdotti l-kunċetti ta' Mypet u Myfarm.

### KWART 1

Saret konsultazzjoni mal-istakeholders (veterinarji, wholesalers u spiżjara) biex tigi introdotta u deskritta l-idea tar-riċetta veterinarja elettronika. Saru wkoll preżentazzjonijiet xjentifiċi fuq l-Antimicrobial Resistance dwar il-bżonn li tiġi kkontrollata l-mediċina bil-għan li titnaqqas ir-reżistenza għall-mediċini, u kif is-sistema ta' riċetta elettronika tista' tgħin biex tnaqqas dil-problema.

Sar survey online mal-istakeholders konċernati, u anke ġie ppreżentat rapport fuq ir-riżultat tas-survey.

Bdew id-diskussjonijiet mal-Information Management Unit (IMU) u beda jiġi mfassal il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi neċessarji għas-sejħa tal-offerti għal sistema ta' riċetta elettronika.

### KWART 2

Komplew it-taħditiet mal-IMU u bdew id-diskussjonijiet mal-kuntratturi potenzjali fejn possibbilment minflok tinbena sistema kompletament mill-ġdid, ir-riċetta veterinarja elettronika tiġi kkomunikata mas-sistema preżenti tal-Animal Welfare App permezz tat-tisħiħ tagħha.

Ġie ppreparat il-Project Brief għat-talba lill-MITA biex jiġu allokati l-fondi.

### KWART 3

Saru diskussjonijiet mal-IMU u l-kuntattur sabiex jiġu mmodifikati l- ispeċifikazzjonijiet tekniċi sabiex jakkomodaw il-kummenti mid-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati għal kontribuzzjoni tagħhom.

### KWART 4

Saru diskussjonijiet mal-kuntrattur sabiex tiġi mfassla s-sistema fejn ikunu ġew ikkunsidrati l-possibilitajiet tekniċi kollha flimkien ma' restrizzjonijiet li jista' jkun hemm fir-rigward ta' liġijiet nazzjonali u Ewropej u nbeda l-iżvilupp tas-sistema elettronika.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 48

Tiġi introdotta sistema speċifika u adegwata għall-ġbir u d-distruzzjoni, b'mod sigur, ta' antibijotiċi u prodotti derivati mill-annimali kontaminati mill-antibijotiċi.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Bdew il-preparamenti u ntbagħat kwestjonarju biex tinġabar l-informazzjoni u dejta fuq il-prattiki ta' ġbir u distruzzjoni ta' mediċina skaduta jew mhux użata mill-ispiżeriji veterinarji u wholesalers veterinarji. Saret laqgħa mal-Public Relations tal-Wasteserv biex tiġi esplorata l-possibilità tal-estensjoni tal-iskema fejn ir-rimi ta' mediċini tal-annimali minn oriġini domestiċi jsir ġo bins apposta fl-ispiżeriji veterinarji.

Beda stħarriġ mal-ispiżeriji u wholesalers veterinarji permezz ta' online survey, fuq l-istess kwestjonarju li ntbagħat, dwar il-proċeduri li jużaw bħalissa għar-rimi ta' mediċini u l-opinjoni tagħhom rigward l-estensjoni tal-iskema fejn ir-rimi ta' mediċini minn oriġini domestiċi jsir ġo bins apposta fl-ispiżeriji veterinarji.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Id-dejta fuq analiżi tal-AMR għall-2019 bdiet tiġi miġbura. Bdew jiġu ppreparati d-dokumenti għar-rekwiżiti biex jiġi ingaġġat espert tekniku biex jgħin fil-kumpilazzjoni ta' dokumenti u proċeduri ġodda intiżi biex titnaqqas il-kontaminazzjoni tal-ambjent mill-antibijotiċi.

Ġie finalizzat ir-rapport fuq il-kwestjonarju fuq ir-rimi ta' mediċina skaduta jew mhux użata mill-ispiżeriji u wholesalers u bdew il-preparamenti għal iżjed diskussjonijiet mal-Wasteserve. Ġew finalizzati d-dokumenti għar-rekwiżiti tal-espert tekniku biex jgħin fil-kumpilazzjoni ta' dokumenti u proċeduri ġodda intiżi biex titnaqqas il-kontaminazzjoni tal-ambjent mill-antibijotiċi. L-espert ġie kkuntattjat u hu ssottometta l-miżata tiegħu u d-dokumenti li ġie mistoqsi għalihom u saret talba għall fondi.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Ingħataw l-approvazzjonijiet neċessarji mill-Finanzi biex jiġi ingaġġat espert tekniku biex jgħin fil-kumpilazzjoni ta' dokumenti u proċeduri ġodda intiżi biex titnaqqas il-kontaminazzjoni tal-ambjent mill-antibijotiċi.

Ġie ffirmat il-kuntratt mal-espert tekniku u nbeda l-istudju.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Minħabba restrizzjonijiet preventivi u sanitarji marbuta mal-Covid-19, l-espert, li kien barrani u jgħix fir-Renju Unit, ma setax ikompli x-xogħol tiegħu. Sadanittant komplew id-diskussjonijiet mal-Wasteserve dwar il-ġbir ta' mediċina veterinarja biex jintremew f'bins apposta fl-ispiżeriji veterinarji.

Saret preparazzjoni tal-ħaddiema permezz ta' presentation biex isiru żjarat fl-irziezet u tibda l-kumpilazzjoni ta' dokumenti u proċeduri ġodda intiżi biex titnaqqas il-kontaminazzjoni tal-ambjent mill-antibijotiċi.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
Il-pubbliku

### KUMMENTI
Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 49

Issir valutazzjoni tar-riskju fl-irziezet mill-aspett ta' bijosigurtà u iġjene.

### KWART 1

Bdiet tinġabar informazzjoni u dejta relatata mal-qagħda preżenti tal-bijosigurtà u l-iġjene fl-irziezet.

Beda t-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet biex ikun identifikat l-espert sabiex jgħin fil-valutazzjoni tar-riskju mill-aspett ta' bijosigurtà u iġjene fl-irziezet.

### KWART 2

Tlesta t-tfassil tal-ispeċifikazzjonijiet għal espert sabiex jgħin fil-valutazzjoni tar-riskju mill-aspett ta' bijosigurtà u iġjene fl-irziezet.

Ġew ippreparati d-dokumenti għar-rekwiżiti tal-espert tekniku sabiex jgħin fil-valutazzjoni tar-riskju mill-aspett ta' bijosigurtà u iġjene fl-irziezet. L-espert ġie kkuntattjat u hu ssottometta l-miżata tiegħu u d-dokumenti li ġie mistoqsi għalihom.

Intbagħtet it-talba lill-Finanzi għall-ingaġġ ta' espert u din ġiet approvata.

### KWART 3

Ġie ffirmat il-kuntratt mal-espert tekniku magħżul u bdew żjarat fl-irziezet. Beda wkoll l-abbozzar ta' linji gwida dwar il-bijosigurtà u l-iġjene biex jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi.

### KWART 4

Komplew iż-żjarat fl-irziezet u l-abbozzar tal-linji gwida.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
Il-pubbliku

### KUMMENTI
Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 50

Tiġi implimentata l-Istrateġija tal-AntiMicrobial Resistance 2018 - 2025.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

(a) Kambjament strutturali fil-laboratorju

Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-espert biex jipprovdi studju tekniku dwar it-tkabbir tal-laboratorju veterinarju u għalqet mingħajr ma kien hemm ebda offerta.

(b) Ġbir ta' Informazzjoni dwar il-bejgħ tal-antibijotiċi.

Bdew il-preparamenti biex tinġabar l-informazzjoni dwar il-bejgħ tal-antibijotiċi mill-wholesalers. Saru l-preparamenti biex tiġi stabbilita kamra żgħira għall-postmortem għal annimali żgħar tar-razzett u tjur biex issir analiżi dwar mediċini li ntużaw fuqhom.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

(a) Kambjament strutturali fil-laboratorju.

Ġie avviċinat espert tekniku li ssottometta l-miżata tiegħu u dokumenti oħra. Saret talba lill-Ministeru għall-Finanzi u ġiet approvata. Beda jsir l-istudju mil-laboratorju fuq in-neċessità ta' tagħmir u ż-żieda tat-testijiet għal tliet snin imfassal fuq it-talba skont l-MoU mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD).

(b) Ġbir ta' Informazzjoni dwar il-bejgħ tal-antibijotiċi.

Bdiet il-ġabra ta` informazzjoni dwar l-użu tal-antibijotiċi fl-irziezet.

Beda jigi diskuss kwestjonarju biex jintbagħat lill-veterinarji privati fuq is-sitwazzjoni dwar l-anitbijotiċi u ssir analiżi tagħhom.

Saret SOP għall-użu tal-kamra għall-postmortem.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

(a) Kambjament strutturali fil-laboratorju.

Tlesta l-istudju mil-laboratorju fuq in-neċessità ta' tagħmir u ż-żieda tat-testijiet għal tliet snin imfassal fuq it-talba skont l-MoU mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD).

Sar il-kuntratt mal-espert tekniku dwar it-tkabbir tal-laboratorju veterinarju u beda jsir pjan ta' studju.

(b) Ġbir ta' Informazzjoni dwar il-bejgħ tal-antibijotiċi.

Kompla l-ġbir tal-informazzjoni mid-Direttorat dwar l-użu tal-antibijotiċi mill-irziezet.

Ġie finalizzat il-kwestjonarju u nġabret l-informazzjoni meħtieġa mill-veterinarji privati. Din l-informazzjoni ntbagħtet lill-European Surveillance of Veterinary Microbial Consumption.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

(a) Kambjament strutturali fil-laboratorju.

Kompliet il-ħidma mal-espert magħżul dwar it-tkabbir tal-laboratorju sabiex issir l-analiżi meħtieġa għall-għan ta' strateġija bħala servizz għall-veterinarji privati, għall-bdiewa u s-sidien tal-annimali. Inxtraw numru ta' strumenti u tagħmir ieħor neċessarju għal-laboratorju.

(b) Ġbir ta' Informazzjoni dwar il-bejgħ tal-antibijotiċi.

Bdiet issir l-analiżi tal-ġbir tal-informazzjoni dwar l-użu tal-antibijotiċi mill-irziezet.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
Il-pubbliku

### KUMMENTI
Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 51

Isiru xogħlijiet fiż-żoni ta' riabilitazzjoni tal-qtates u l-klieb tad-Direttorat għall-Promozzjoni u s-Servizzi tal-Benesseri tal-Annimali.

**KWART 1:** Sar rapport mill-Veterinarju tad-Direttorat dwar l-istat attwali tal-areas involuti u ġie identifikat it-titjib li hemm bżonn.

Ġew ippreparati d-dokumenti neċessarji għas-sejħiet għall-offerti, għall-materjal u biex isir ix-xogħol meħtieġ.

**KWART 2:** Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għall-materjal u biex isir ix-xogħol meħtieġ. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut u ġew iffirmati l-kuntratti mal-kuntratturi magħżula. Bdew ix-xogħlijiet fil-binja tal-klieb.

**KWART 3:** Bdew xogħlijiet fil-btieħi tal-klieb u l-qtates.

**KWART 4:** Tlestew ix-xogħlijiet kollha li kienu ppjanati inkluż dawl u ilma, madum, gradi, tikħil, u sistema ta' ilma fil-pens.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
Il-klieb u l-qtates kollha li qegħdin l-Għammieri.

### KUMMENTI
Implimentata

## 53

Jingħata apparat modern u smart sabiex jintuża mill-uffiċjali tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali u b'hekk ikollhom l-għodda meħtieġa biex, meta jkunu barra mill-uffiċċju, iwettqu xogħolhom ta' monitoraġġ u kontroll b'aktar faċilità.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Ġiet abbozzata, ippubblikata u għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' apparat smart li jgħin lil uffiċjali tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) fil-ħidma tagħhom ta' monitoraġġ u kontroll waqt li jkunu barra mill-uffiċċju. | L-apparat smart (smart mobile phones) inxtara u qed jintuża mill-uffiċjali tal-ARPA għall-fini ta' monitoraġġ u kontrolli. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

11-il uffiċjal tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 80

Issir installazzjoni tal-General Packet Radio Service (GPRS) fuq il-bastimenti kollha tas-sajd kummerċjali taħt l-10 metri. Filwaqt li din is-sistema tippermetti monitoraġġ aħjar, ser tkun qed isservi wkoll għal raġunijiet oħra, bħal ġbir ta' dejta għal studji xjentifiċi u ġbir ta' informazzjoni biex tgħin li jiġu solvuti xi kunflitti li jistgħu jinqalgħu fuq il-baħar. Barra minn hekk, għal miżata żgħira fis-sena, membri tal-familja u sidien tal-bastimenti jistgħu wkoll jitolbu aċċess mingħand il-kuntrattur tas-sistema sabiex ikunu jafu l-pożizzjoni fejn qiegħed bastiment.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Wara li ħarġet tender, bdiet l-installazzjoni tal-General Packet Radio Service (GPRS) fuq il-bastimenti kollha tas-sajd kummerċjali taħt l-10 metri. | Tlestiet l-installazzjoni tal-General Packet Radio Service (GPRS) fuq il-bastimenti kollha tas-sajd kummerċjali taħt l-10 metri. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 750 sajjied professjonali.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 81

Isir investiment teknoloġiku b'tali mod li jibdew jinħolqu dashboards li, b'mod aktar sempliċi, juru r-riżultati tal-informazzjoni miġbura dwar il-qasam tal-Agrikoltura. Dan għandu jwassal għal titjib fil-proċess ta' aġġornament u twettiq tal-policies f'dan il-qasam.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ġiet estratta l-informazzjoni kollha fir-reġistri rispettivi.

Beda l-proċess ta' identifikazzjoni ta' dejta li ser tkun integrata fis-sistema l-ġdida.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Tlesta l-proċess tal-identifikazzjoni ta' liema dejta ser tkun integrata fis-sistema l-ġdida, ġiet validata d-dejta estratta u tlesta l-proċess ta' validazzjoni tad-dejta.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tlesta l-proċess tal-popolazzjoni tas-sistema bid-dejta li ġiet validata u bdew jinħarġu dashboards differenti dwar is-settur tal-agrikoltura. Dawn id-dashboards ġew żviluppati mill-uffiċjali fid-Direttorat tal-Agrikoltura u jirriflettu l-informazzjoni fir-reġistri varji tal-agrikoltura kif ukoll dejta supplimentari miġbura mid-Direttorat.

Ingħata taħriġ lill-uffiċjali rispettivi dwar dawn id-dashboards u bdew jitħarrġu fuq is-sistema.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta l-proċess tal-popolazzjoni tas-sistema bid-dejta li ġiet validata u nħarġu d-dashboards differenti kollha dwar is-settur tal-agrikoltura.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 6,400 bidwi.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 82

Jibdew jinħadmu l-materjali u l-fdalijiet tal-annimali sabiex isiru prodotti minnhom minflok jinħarqu u jintremew kif jiġri sal-lum.

**KWART 1**

Bdew diskussjonijiet mal-koperattivi sabiex tittieħed deċiżjoni fuq dawk il-fdalijiet tal-annimali li jistgħu jsiru prodotti minnhom.

**KWART 2**

Komplew id-diskussjonijiet mal-koperattivi konċernati - il-Koperattiva ta' min Irabbi l-Majjali (KIM) u l-Koperattiva Produtturi tal-Ħalib (KPH). Iż-żewġ koperattivi għandhom interess li jinvestu f'dawn il-fdalijiet u beda jiġi esplorat l-aħjar metodu kif tkun tista' taħdem is-sistema ta' produzzjoni.

**KWART 3**

Komplew id-diskussjonijiet mal-koperattivi konċernati (KIM u KPH).

**KWART 4**

Il-koperattivi komplew bin-negozjati bejniethom dwar kif se jaħdmu flimkien biex jipproċessaw l-animal by-products tad-diversi speċi fl-istess impjant.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

# MFED

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **22**<br>Jiddaħħal modulu ġdid fil-pjattaforma online tal-Istitut għall-Edukazzjoni fejn ser tiġi introdotta l-possibilità li l-letturi jitħallsu permezz tas-sistema b'mod aktar effiċjenti. B'hekk jiġi eliminat il-proċess manwali mħaddem sal-lum il-ġurnata. | Ġew deċiżi r-rekwiżiti meħtieġa sabiex tiddaħħal din il-funzjonalità l-ġdida fis-sistema elettronika tal-Istitut għall-Edukazzjoni. | Intemmu d-diskussjonijiet mal-kuntrattur eżistenti dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-pjattaforma online. Sar l-iżvilupp meħtieġ fis-sistema sabiex tiddaħħal din il-funzjonalità l-ġdida. | Sar l-ittestjar tal-funzjonalità l-ġdida u tlestew l-emendi meħtieġa skont dak li rriżulta mill-ittestjar. | Ingħata taħriġ  dwar kif ser titħaddem din il-funzjonalità l-ġdida u bdiet titħaddem. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Madwar 200 lettur li jaħdmu mal-Istitut. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **23**<br>Ser jiġi simplifikat il-proċess użat li jwassal sabiex isiru l-eżamijiet tal-Gwardjani tas-Sigurtà. | Saret kampanja ta' għarfien meħtieġa billi ġew notifikati l-Ministeri kollha, permezz ta' ċirkolari, li l-proċess se jkun ċentralizzat biex ikun simplifikat kemm għall-Ministeri kif ukoll għall-applikanti. Is-sejħa ġiet ippubblikata wara li l-P&SD ta l-kunsens tiegħu. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet online permezz tal-edurecruitment portal. | Inħatar il-Bord tal-Eżaminaturi u l-karti pertinenti ġew imfassla b'mod konformi mar-regolamenti tal-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Il-kandidati ġew infurmati dwar id-data u l-post tal-eżami. | | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Madwar 40 persuna. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **19**<br>Jidħlu fis-seħħ standards ġodda għall-Early Childhood Care. Is-servizz taċ-childcare huwa kruċjali għat-tagħlim fis-snin bikrin tat-tfal tagħna kif ukoll bħala alternattiva għall-ġenituri li jaħdmu jew jitħarrġu. Is-servizz taċ-childcare jgħin ukoll lill-ommijiet sabiex ikomplu l-karriera tagħhom. Permezz tal-istandards aġġornati ser jiġi żgurat li t-tfal tagħna jieħdu l-aħjar servizz possibbli f'ambjent sigur. | Ġie stabbilit grupp ta' referenza magħmul minn partijiet interessati ewlenin (prattikanti, esperti u ġenituri) biex jipprovdi feedback inizjali u pariri indipendenti dwar l-Istandards Nazzjonali aġġornati proposti għall-Edukazzjoni Bikrija u Servizzi ta' Kura (0-3 snin). L-għan tal-grupp kien li jsaħħaħ l-abbozz propost qabel ma attwalment imur għall-konsultazzjoni pubblika. | Id-diskussjonijiet tal-grupp ta' referenza komplew. Ir-reazzjonijiet kollha ttieħdu abbord jew ġew diskussi. Id-dokument beda jitnieda għall-konsultazzjoni pubblika. | Ix-xogħol mill-grupp ta' referenza ġie konkluż. Ir-rispons miġbur permezz tal-grupp ta' referenza magħmul minn partijiet interessati ewlenin ġie evalwat, inkluż fl-istandards riveduti, u ġie diskuss ma' espert estern. | |

| | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|
| 19 | It-tfal kollha li jattendu childcare centres - madwar 3,000 parteċipant ġdid fis-sena. | Implimentata |

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| **20**<br>Ser jingħata appoġġ finanzjarju lill-istudenti li jsegwu korsijiet veterinarji barra mill-pajjiż. | Saru d-diskussjonijiet interni meħtieġa kif ukoll komunikazzjoni mal-istakeholders konċernati. It-tnedija ta' din l-iskema ġdida ta' boroż ta' studju se tippermetti lill-istudenti li jsegwu l-korsijiet veterinarji li japplikaw u jingħataw pakkett finanzjarju aktar ta' sodisfazzjon li jkopri t-tul tal-kors kollu. | Sar l-abbozzar tal-iskema ta' għajnuna finanzjarja lill-istudenti li qed isegwu korsijiet veterinarji barra mill-pajjiż. | Il-Ministeru nieda ħames Skemi ta' Boroż ta' Studju għas-sena akkademika 2020. Dawn jinkludu skema tal-Endeavour, Tess (Tertiary Education Scholarship Scheme), Malta Arts Scholarship Scheme, Malta Sports Scholarships Scheme u għall-ewwl darba tnediet skema ġdida għall-Istudji Veterinarji. | |

| | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|
| 20 | Madwar 40 student kull sena. | Implimentata |

| 21 | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| Isir proġett komprensiv fejn jiddaħħlu miżuri ta' sigurtà fl-iskejjel għall-ġid tat-tfal, l-edukaturi u l-impjegati l-oħra kollha fl-iskola. | Wara li kienet pubblikata s-sejħa għall-offerti fl-2019, tlestiet l-evalwazzjoni u ntgħażel l-offerent preferut għas-servzzi ta' security guards. | Beda x-xogħol amministrattiv u ta' tlestija fl-iskejjel. Kif ukoll beda x-xogħol relatat mal-infrastruttura fi wħud mill-iskejjel tal-istat għar-reception area. | Is-security guards kollha bdew joperaw fl-iskejjel mill-bidu tas-sena skolastika 2020/2021. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | **KUMMENTI** | |
| | L-istudenti kollha li jattendu 109 skejjel, l-edukaturi u l-impjegati kollha fl-iskejjel tal-Istat. | | Implimentata | |

| 22 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ser jiġi introdott il-kunċett ta' Internship u Experiential Learning fil-kors tal-Baċellerat u l-Masters fl-Edukazzjoni offruti mill-Istitut għall-Edukazzjoni. Dan ser isir sabiex jitnaqqas l-iskills gap waqt li jingħata għarfien lill-għalliema b'dak li ssarraf l-industrija biex ikunu jistgħu joħolqu tagħlim aktar immirat u effettiv. | Ix-xogħol amministrattiv u konsultattiv relatat mat-tnedija tal-kunċett ta' Internship u Experiential Learning fil-kors tal-Baċellerat u l-Masters fl-Edukazzjoni offruti mill-Istitut għall-Edukazzjoni ġie finalizzat. | Ġiet ippubblikata l-formola tal-applikazzjoni u b'hekk kemm l-istudenti kif ukoll il-kontributuri jistgħu japplikaw mal-Istitut għall-Edukazzjoni sabiex jilqgħu l-istudenti fuq il-post tax-xogħol tagħhom. | Sar abbozz ta' ftehim dwar l-Experiential Learning li fuqu jiġi mfassal il-kuntratt li ser jintuża għal dan il-għan. Kompla r-reklamar fuq il-midja soċjali. | Saret l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet riċevuti u l-proċess ta' reklutaġġ beda bl-intervisti tal-kandidati. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | **KUMMENTI** | |
| | Il-parteċipanti tal-kors tal-Baċellerat u l-Masters fl-edukazzjoni offruti mill-Istitut għall-Edukazzjoni. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

| 23 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ser tiġi introdotta għodda elettronika li permezz tagħha jsir tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija. Din l-għodda tkun tista' tiġi użata minn individwi li jixtiequ jitgħallmu l-Malti bażiku. L-għodda ser tkun magħmula minn għaxar taqsimiet tematiċi meħudin mill-Qafas Komuni Ewropew għal-Lingwi Barranin (CEFR) fejn kull taqsima jkollha żewġ livelli b'materjal għal tliet gruppi ta' etajiet - tfal, adolexxenti u adulti. | Sar l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għall-ħolqien tal-għodda elettronika li permezz tagħha ser isir it-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija u ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Intgħażel grupp ta' esperti biex ipoġġi fuq il-bord ta' evalwazzjoni. Sadanittant, ġew stabbiliti preparamenti interni għall-proċess ta' evalwazzjoni. | Wara li s-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata u l-perjodu għas-sejħa ġie konkluż, beda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għall-ħolqien tal-għodda elettronika. | Kompliet għaddejja l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-ħolqien tal-għodda elettronika.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** | | **KUMMENTI** | |
| | Barranin li jgħixu, jew li qed jippjanaw li jgħixu, f'Malta. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. | |

# MEI

# MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA U L-INDUSTRIJA

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **11**<br>Jiġi simplifikat il-proċess ta' notifikazzjoni lill-kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' eIDAS (Electronic IDentification, Authentication and Trust Services). Bis-saħħa ta' dan il-proġett ser jitħaffef il-proċess tal-applikazzjoni u jitnaqqas iż-żmien tal-assessjar meħtieġ qabel ma kumpanija tkun tista' tibda toffri s-servizz. Sal-lum il-ġurnata l-proċess involut huwa wieħed manwali u jinkludi żjarat fiżiċi fl-uffiċini tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni. Il-proċess il-ġdid ser ikun wieħed kollu elettroniku. | Bdew il-preparamenti meħtieġa għat-twettiq ta' din il-miżura. | Sar proċess ta' mapping manwali tal-workflow ekwivalenti. Wara riċerka tas-suq, ġiet identifikata l-pjattaforma Workflow Automation Solution (WAS) K2 bħala l-aktar ideali għall-ħtiġijiet tal-Awtorità. Wara diskussjonijiet mal-MITA u l-fornitur, kien ikkonfermat li ser tintuża l-pjattaforma WAS li taqbel ukoll mal-istandards u l-linji gwida ta' sevizz.gov. Sar ħafna xogħol fuq id-disinn tal-formola qabel tinqaleb fuq WAS. | Tlesta x-xogħol fuq l-eService u l-eID. Saret it-traduzzjoni tal-kontenut għall-Malti u saru taħditiet fuq faċilitajiet oħrajn li jistgħu jkunu siewja għall-utenti. Sar it-testing u ġew aġġornati l-proċessi interni ta' dan il-proċess u xi web pages relatati mal-website tal-MCA. Il-formola l-ġdida għaddiet għand servizz.gov qabel tmur live. | Saru xi tibdiliet fil-formola u ġew indirizzati xi problemi żgħar oħra li żviluppaw. Malli tingħata l-aħħar awtorizzazzjoni għat-tibdil, is-sistema tmur live.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |

| | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|
| 11 | Kumpaniji li jipprovdu servizzi tal-eIDAS. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| **12**<br>Jiġi kordinat proġett għat-twettiq ta' proċess aktar effiċjenti ta' xiri u kirjiet ta' multifunction printers, workcentres u printers, kif ukoll ta' scanners mid-dipartimenti, direttorati u units fil-ministeri kollha fl-Amministrazzjoni Pubblika. Għal dan il-għan ser tinħareġ sejħa waħda għall-offerti bl-użu tad-Dynamic Purchasing System (DPS). B'hekk il-proċess isir aktar effiċjenti kemm għas-Servizz Pubbliku kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi. | Saru l-preparamenti biex tkun tista' tinġabar l-informazzjoni meħtieġa. | Tfasslet sejħa għall-offerti bbażata fuq il-kwantitajiet meħtieġa mill-ministeri rispettivi. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħin għas-sejħa ta' Dynamic Purchasing System (DPS) u ġew ikkonfermati l-fornituri magħżula. Il-Ministerial Procurement Units (MPU) ġew infurmati b'dan il-proċess simplifikat u mheġġa biex jimmassimizzaw l-użu tiegħu f'każ ta' xiri ta' din ix-xorta li jikkontribwixxi għal economies of scale. | | |

| | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|
| 12 | Il-ministeri kollha. | Implimentata |

## MIŻURA ADDIZZJONALI 54

Se jsir enhancement maġġuri għaċ-Chatbot tal-Proprjetà Intellettwali li ser jgħin biex l-applikanti jkollhom mezz alternattiv fejn ifittxu marki kummerċjali fl-UE qabel ma jissottomettu applikazzjoni għat-trademark. S'issa t-tfittxija tista' ssir biss għal trademarks nazzjonali reġistrati però b'din l-inizjattiva l-applikant ser ikollu aċċess għal trademarks tal-UE.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Saru diskussjonijiet mal-fornitur attwali dwar l-identifikazzjoni ta' rekwiżit biex tinbidel il-pjattaforma kurrenti għal waħda indipendenti li tkun ospitata mill-MITA.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Tlesta d-dokument tar-rekwiżiti meħtieġa biex tinbidel il-pjattaforma. Saru taħditiet mal-European Union Intellectual Property Office (EUIPO) biex jiġu diskussi l-ħtiġiet tagħna. Ġew determinati r-rekwiżiti għall-integrazzjoni tad-database TMView maċ-chatbot IP li ssir permezz ta' web services (APIs).

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Beda x-xogħol biex il-pjattaforma tinqaleb fuq waħda indipendenti. Saru aktar diskussjonijiet tekniċi mal-EUIPO biex tiġi integrata TMView database mal-pjattaforma l-ġdida. Bdew jiġu żviluppati l-APIs meħtieġa għall-integrazzjoni tad-database.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Sar it-testing tas-sistema u saru xi emendi neċessarji. Is-sistema ġiet imnedija u bdiet titħaddem.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 1,600 applikant għal Trademarks.

### KUMMENTI

Implimentata

# MISW

## MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA

## MIŻURA ADDIZZJONALI 37

Wara konsultazzjoni estensiva, jitnedew l-iStreets for All Guidelines.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Ġew identifikati s-sezzjonijiet tal-Access for All Design Guidelines li jaħsbu għal passaġġ liberu fit-toroq Maltin.

Inġabret l-informazzjoni li tirriżulta minn ilmenti li jsiru lill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRPD) dwar nuqqas ta' aċċessibilità fit-toroq Maltin.

Saret identifikazzjoni u ġbir ta' dejta li tirriżulta minn dokumenti komparabbli f'ġuriżdizzjonijiet barranin.

Beda l-abbozzar tad-dokument li jirrifletti s-sitwazzjoni u n-nuqqas ta' aċċessibilità fit-toroq Maltin.

Tlesta l-ewwel abbozz tad-dokument u bdiet ir-reviżjoni mill-uffiċjali tekniċi tas-CRPD.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Saret reviżjoni tal-ewwel abbozz mill-kumitat tekniku mwaqqaf mis-CRPD.

Sar it-tieni abbozz tad-dokument u ġie rivedut mill-kumitat tekniku.

Il-Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ta l-approvazzjoni tiegħu għad-dokument.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Ġew identifikati drawings fid-dokument li għalkemm jidhru tajbin fuq il-monitor ta' min ħadem fuqhom, mhumiex ta' kwalità tajba biżżejjed biex jintużaw f'pubblikazzjoni u għaldaqstant kompliet issir reviżjoni.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Ħarġet sejħa għall-offerti tal-pubblikatur, intgħażel u beda x-xoghol fuq id-disinn tal-ktieb. Ġew finalizzati l-problemi li sab id-disinjatur minħabba fid-drawings u ngħata l-permess biex jiġi stampat il-ktejjeb.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Implimentata

# MECP

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **51**<br>Tiġi żviluppata Management Information System (MIS) fejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tniedi servizz diġitali fejn jidħlu applikazzjonijiet għall-kisba ta' permessi. Dan il-proċess diġitali ser jieħu post dak manwali li jsir sal-lum il-ġurnata. | Beda l-iżvilupp tas-sistema tal-Management Information System (MIS) ġdida għall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). | Tkompla l-iżvilupp tas-sistema tal-MIS ġdida għall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema (MIS), u bdew isiru t-testijiet dwarha kif ukoll ix-xogħol fuq il-ħolqien tal-live environment server, SSL certificates, eIDd integration u ADFS. Sadattant saru laqgħat ma' focal groups sabiex tkompli tinġabar iktar informazzjoni għall-użu tas-sistema mingħand id-diversi stakeholders. | Tlestew it-testijiet meħtieġa u x-xogħol fuq il-ħolqien tal-live environment server, SSL certificates, eIDd integration u ADFS rigward is-sistema ġdida tal-MIS għall-ERA. Is-sistema, hekk imsejħa Environment Resources Information System (ERIS), ġiet varata f'Ottubru 2020 u din tista' tiġi aċċessata minn **https://eris.eraportal.org.mt/** |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **57**<br>Jitwettaq proġett ta' tisbiħ ambjentali fis-Science Technopark f'San Ġwann billi jsiru numru ta' green wall standalones li jsebbħu madwar 2,000 metru kwadru ta' spazji pubbliċi f'dan il-post. | Bdew diskussjonijiet preliminari rigward it-twettiq ta' din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet preliminari rigward it-twettiq ta' din il-miżura u ġie deċiż li minħabba prijoritajiet oħra dan ix-xogħol jibda jitwettaq mit-tielet kwart tas-sena. | Bdew diskussjonijiet bejn Ambjent Malta u Industrial Innovative Solutions Malta (INDIS) (eks Malta Industrial Parks) dwar il-possibilità li jsir dan il-proġett dwar interventi ta' tisbiħ ambjentali fis-Science Technopark f'San Ġwann, u ġie abbozzat ftehim bejniethom. | Ġie ffirmat il-ftehim bejn Ambjent Malta u l-INDIS Malta għal dan il-proġett u ġew preparati t-termini ta' referenza għalih. Minn komunikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar, ġie identifikat li dan il-proġett mhux soġġett għal permess. Bdew il-preparazzjonijiet għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet neċessarji.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, speċjalment persuni li jaħdmu u jżuru dawn l-inħawi.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| **58**<br>Jitwettaq proġett ta' tisbiħ ambjentali fil-Crafts Village f'Ta' Qali billi jsiru numru ta' green wall standalones li jsebbħu madwar 9,000 metru kwadru ta' spazji pubbliċi f'dan il-post. | Bdew diskussjonijiet preliminari rigward it-twettiq ta' din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet preliminari rigward it-twettiq ta' din il-miżura u ġie deċiż li minħabba prijoritajiet oħra dan ix-xogħol jibda jitwettaq mit-tielet kwart tas-sena. | Bdew diskussjonijiet bejn Ambjent Malta u Industrial Innovative Solutions Malta (INDIS) (eks Malta Industrial Parks) dwar il-possibilità li jsir dan il-proġett dwar interventi ta' tisbiħ ambjentali fil-Crafts Village f'Ta' Qali, u ġie abbozzat ftehim bejniethom. | Ġie ffirmat il-ftehim bejn Ambjent Malta u l-Malta Industrial Parks għal dan il-proġett u ġew preparati t-termini ta' referenza għalih. Minn komunikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar, ġie identifikat li dan il-proġett mhux soġġett għal permess. Bdew il-preparazzjonijiet għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet neċessarji.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, speċjalment persuni li jaħdmu u jżuru dawn l-inħawi.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 60

Jinbena impjant ġdid għall-ġbir separat tal-iskart organiku fil-Magħtab Environmental Complex.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Wara li nħareġ it-tender għax-xogħol ta' konsulenza dwar spettru ta' servizzi professjonali (Engineering, Procurement, Construction Management - EPCM) għal dan il-proġett, saret l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba u ngħadda r-rapport f'dan ir-rigward lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Ġiet preparata Letter of Intent mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex ikun jista' jibda x-xogħol ta' konsulenza dwar spettru ta' servizzi professjonali (EPCM).

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Beda x-xogħol ta' konsulenza dwar spettru ta' servizzi professjonali (EPCM) wara li nħarġet il-Letter of Intent mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-konsulenti bdew jaħdmu fuq l-ewwel impenn meħtieġ minnhom, li jittratta studji neċessarji, inkluż dwar il-kwantità ta' skart organiku li ser jilqa' l-impjant u dwar teknoloġiji differenti għal impjanti li jiġbru skart organiku.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta l-Inception Report bl-istudju dwar il-kwantità ta' skart organiku li ser jilqa' l-impjant, filwaqt li tkompla l-istudju dwar teknoloġiji differenti possibbli għall-impjanti li jiġbru skart organiku. Dan wassal biex jibda jsir ix-xogħol ta' Cost Benefit Analysis u d-disinn preliminari u d-dettalji relatati tal-proġett għall-bini t'impjant ġdid għall-ġbir separat tal-iskart organiku.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 79

Titnieda website ġdida mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li tkun aktar user-friendly, tippermetti aktar aċċessibilità fejn jidħlu s-servizzi tal-Awtorità u li tkun tinkorpora l-Geographic Information System (GIS).

### KWART 1

Wara li fl-2019 ġie ffirmat kuntratt mal-kuntrattur, sar xogħol ta' żvilupp ta' website ġdida mill-ERA li tipprovdi lill-pubbliku aċċess aħjar  għal dejta spazjali rigward tematiċi ambjentali, fost l-oħrajn informazzjoni ġeografika rigward il-kwalità tal-arja, ħsejjes fl-ambjent, in-natura u l-bijodiversità, kif ukoll dejta dwar l-immaniġġar tal-ilma u tal-baħar. Din il-website tkun toffri, b'mod regolari, informazzjoni aġġornata dwar l-istat tal-ambjent u b'hekk tiffaċilita u tagħti liċ-ċittadini, lill-akkademiċi, lir-riċerkaturi, lil dawk li jfasslu l-politika u lill-NGOs l-għodda neċessarja biex jieħdu deċiżjonijiet konxji u jinstigaw bidliet meta jkunu mgħammra b'informazzjoni kredibbli.

### KWART 2

Tlesta x-xogħol ta' żvilupp, u beda l-ittestjar, ta' website ġdida mill-ERA li tipprovdi dawn l-aspetti: pjattaforma diġitali ta' informazzjoni ambjentali intitolata Malta Environment Platform and Services (MEPS), li fost oħrajn tinkludi geoserver b'servizz ta' Geographic Information System (GIS); gateway għal ħlasijiet ta' multi tal-infurzar; aċċess għal diversi servizzi diġitali relatati ma' citizen science inkluż rigward rappurtar ta' skart fil-baħar u fuq ix-xtut, tindif fil-baħar u fuq ix-xtut, u bijodiversità marittima; widgets ġodda, inkluż dwar monitoraġġ tal-arja; possibbiltà t'applikazzjoni biex wieħed jaċċessa newsletter tal-ERA; u link għall-Customer Care mService.

### KWART 3

Tlesta l-ittestjar u l-website ġdida mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), li tippermetti aktar aċċessibilità fejn jidħlu s-servizzi tal-Awtorità u li tinkorpora fiha Geographic Information System (GIS). Ġiet imnedija nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju, 2020.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Implimentata

# MGOZ

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **44**<br>Jiġi simplifikat il-proċess ta' kif issir il-komputazzjoni tar-rifużjoni u l-ħlasijiet supplimentari għall-impjegati fis-servizz pubbliku. Dan ser isir billi jiġu żviluppati żewġ online calculators li jibdew jifformaw parti mill-proċess imħaddem mis-sezzjoni ċentrali tas-salarji tas-Servizz Pubbliku fil-Ministeru għal Għawdex. Permezz ta' din l-inizjattiva l-proċess tal-komputazzjoni jiġi simplifikat, eħfef biex jiġi kkalkulat, aktar korrett u uniformi. | Saru diskussjonijiet mal-istakeholders u ġew determinati r-rekwiżiti taż-żewġ online calculators biex isiru l-komputazzjonijiet tar-rifużjonijiet u l-ħlasijiet supplimentari għall-impjegati fis-Servizz Pubbliku.<br><br>Inkisbu l-approvazzjonijiet neċessarji u sar ftehim ma' żviluppatur ta' software, li kien qed joffri s-servizzi tiegħu lill-Ministeru għal Għawdex, għall-iżvilupp ta' dawn iż-żewġ online calculators ġodda.<br><br>Beda l-iżvilupp tal-online calculators. | Kompla l-iżvilupp taż-żewġ online calculators. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema ta' online calculators u sar l-ittestjar meħtieġ. Saru xi aġġustamenti biex il-komputazzjonijiet ikunu aktar korretti u uniformi. | Inħarġu l-iStandard Operating Procedures dwar il-komputazzjonijiet.<br><br>Bdew jintużaw iż-żewġ online calculators biex isiru l-komputazzjonijiet tar-rifużjonijiet u l-ħlasijiet supplimentari għall-impjegati fis-Servizz Pubbliku. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
L-impjegati kollha fis-Servizz Pubbliku.

**KUMMENTI**
Implimentata

| MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| **45**<br>Tiġi introdotta sistema elettronika li permezz tagħha jibdew jsiru l-komputazzjonijiet tal-aġġustamenti fil-pagi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Din is-sistema ser tkun utilizzata kemm mill-back office tas-sezzjoni tas-salarji fil-Ministeru għal Għawdex kif ukoll mill-Korp tal-Pulizija. Din is-sistema ser tara wkoll it-tneħħija tal-proċess manwali mħaddem sal-lum. Permezz ta' din l-inizjattiva, dan il-proċess ser isir b'mod elettroniku u b'hekk simplifikat, eħfef biex jiġi kkalkulat, aktar korrett u uniformi. Ser tiġi ffaċilitata wkoll il-ħidma fis-sezzjoni tas-salarji tal-Pulizija f'Għawdex. | Saret analiżi tal-proċess manwali ta' kif isiru l-komputazzjonijiet tal-aġġustamenti fil-pagi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Saru wkoll diskussjonijiet mal-istakeholders. | Ġew determinati r-rekwiżiti ta' sistema elettronika biex isiru l-komputazzjonijiet tal-aġġustamenti fil-pagi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija.<br><br>Inkisbu l-approvazzjonijiet neċessarji u ġie ffirmat ftehim ma' żviluppatur ta' software, li kien qed joffri s-servizzi tiegħu lill-Ministeru għal Għawdex, għall-iżvilupp ta' din is-sistema l-ġdida.<br><br>Beda l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida tal-komputazzjoni tal-aġġustamenti tal-pagi. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema l-ġdida u calculators u sar l-ittestjar meħtieġ. | Inħarġu l-iStandard Operating Procedures dwar is-sistema l-ġdida ta' komputazzjoni.<br><br>Bdiet tintuża s-sistema l-ġdida mill-impjegati konċernati biex issir il-komputazzjoni tal-aġġustamenti fil-pagi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
l-impjegati fil-Korp tal-Pulizija.

**KUMMENTI**
Implimentata

## 46

Wara li jsir mapping tal-proċessi eżistenti fl-għoti tas-servizzi lill-klijent mis-sezzjoni Care for the Elderly u miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum Santa Marta fid-Direttorat Servizzi Għawdex, isir Business Process Re-engineering (BPR). Ir-rakkomandazzjonijiet li jinħarġu mir-rapport tal-BPR jiġu implimentati b'tali mod li jiġi reġistrat titjib fl-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi mogħtija minn dan id-Direttorat. Dan il-proċess ikun jinvolvi wkoll l-iżvilupp ta' Knowledge Base tas-servizzi kif ukoll l-aġġornament ta' Quality Service Charter bl-għan li jiġi offrut servizz ta' eċċellenza lill-klijent.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Ġie kostitwit grupp ta' ħidma ad hoc b'kollaborazzjoni mal-Management Efficiency Unit, bl-għan li jwettaq mapping tal-proċessi eżistenti fl-għoti ta' servizzi lill-klijenti, kemm mis-sezzjoni Care for the Elderly u kif ukoll miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum Santa Marta, liema sezzjonijiet jagħmlu parti mid-Direttorat tas-Servizzi f'Għawdex.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Il-ħidma tal-grupp kienet sospiża minħabba r-restrizzjonijiet fl-għoti ta' ċerti servizzi lill-klijenti tas-sezzjonijiet indikati mill-awtoritajiet għas-saħħa pubblika kawża tal-pandemija Covid-19.

Tnedew diskussjonijiet mal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali biex l-Awtorità tassisti fil-ħidma relatata mat-tisħiħ u titjib fl-għoti ta' servizzi miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum Santa Marta.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tkompla l-eżerċizzju biex isir review tal-proċessi eżistenti.

Tfassal abbozz ta' Memorandum of Understanding bejn l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali u l-Ministeru għal Għawdex.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tkompla l-eżerċizzju biex isir review tal-proċessi eżistenti fiż-żewġ sezzjonijiet.

Il-Ministeru għal Għawdex nieda l-proċess biex jikseb liċenzja mill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali għall-operat taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum Santa Marta.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk kollha li jagħmlu użu mis-servizzi pprovduti mis-Sezzjoni Care for the Elderly kif ukoll miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum Santa Marta.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 47

Jiġu diġitizzati l-atti tat-twelid, żwiġijiet, imwiet u annotazzjonijiet fir-Reġistru Pubbliku f'Għawdex. Permezz ta' dan il-proġett ser ikun hemm il-possibilità ta' servizz lill-klijent aktar aċċessibbli b'informazzjoni aktar pronta u fl-anqas żmien. Barra minn hekk titnaqqas il-possibilità li tintilef xi informazzjoni.

**KWART 1**

Saret analiżi tas-sitwazzjoni preżenti. Ġew identifikati d-dokumenti - li huma ddepożitati fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex; li se jiġu diġitizzati.

Bdew jiġu diġitiżżati d-dokumenti fuq is-sistema l-ġdida ta' Identity Malta, New Public Registry System.

**KWART 2**

Komplew jiġu diġitizzati d-dokumenti li huma ddepożitati fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex fuq is-sistema l-ġdida ta' Identity Malta, New Public Registry System.

Dan il-proċess ta' diġitizzar ser jibqa' għaddej bħala parti mill-operat tal-istess uffiċċju ġewwa Għawdex.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk kollha li jeħtieġu l-atti tat-twelid, żwiġijiet, imwiet u annotazzjonijiet f'Għawdex li huma miżmumin fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex.

### KUMMENTI

Implimentata

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
| --- | --- | --- | --- | --- |
| **61**<br>Bil-għan li titjieb il-kwalità u l-esperjenza tal-klijenti meta jaqsmu bejn Malta u Għawdex, ser tiġi introdotta sistema li taħdem permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali. Din is-sistema ser tippermetti li jiġi determinat il-ħin ta' stennija għall-klijent biex jirkeb fuq il-vapuri fil-portijiet tal-Imġarr f'Għawdex u fiċ-Ċirkewwa. Dan il-ħin jintwera fuq il-website tal-Gozo Channel kif ukoll fil-mobile app myGozo. | Beda l-iżvilupp tas-sistema li parti integrali minnha ser tkun l-Intelliġenza Artifiċjali.<br><br>Inxtara l-apparat meħtieġ li ser jiġi installat fil-portijiet tal-Imġarr f'Għawdex u fiċ-Ċirkewwa. | Tkompla l-iżvilupp tas-sistema bl-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali.<br><br>Beda jsir it-tqegħid tas-servizzi elettriċi biex issir l-installazzjoni tal-apparat fil-port taċ-Ċirkewwa. | Tlesta l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistema bl-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali.<br><br>Tlesta t-tqegħid tas-servizzi elettriċi u saret l-installazzjoni tal-apparat fil-port taċ-Ċirkewwa.<br><br>Tnieda proċess ta' provident ta' servizzi elettriċi biex issir l-installazzjoni tal-appartat fil-port tal-Imġarr f'Għawdex. | Fil-Marshalling Area tal-port tal-Imġarr f'Għawdex tlesta t-tqegħid tas-servizzi elettriċi u saret l-installazzjoni tal-apparat.<br><br>L-apparat fil-portijiet tal-Imġarr f'Għawdex u fiċ-Ċirkewwa ġie mqabbad mas-sistema tal-intelliġenza artifiċjali.<br><br>Ġie deċiż li s-sistema tkun estiża għat-toroq li jagħtu għall-port tal-Imġarr f'Għawdex, biex il-klijenti jkollhom stampa aktar ċara tal-ħin tal-istennija. Għaldaqstant tnieda proċess ta' provident ta' servizzi elettriċi biex tkun tista' ssir l-installazzjoni tal-apparat fit-toroq li jagħtu għall-port tal-Imġarr. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-klijenti kollha li jagħmlu użu mis-servizzi tal-kumpanija Gozo Channel (Operations) Ltd ġewwa l-portijiet tal-Imġarr f'Għawdex u ċ-Ċirkewwa f'Malta.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
| --- | --- | --- | --- | --- |
| **62**<br>Jinħoloq spazju virtwali 'Għawdex Matul iż-Żmien' fejn jinżammu kollezzjonijiet ta' informazzjoni kulturali u soċjali inkluż ritratti, dokumenti u kummenti. Is-sistema ser tkun kapaċi tagħmel crowdsourcing tal-informazzjoni peress li din tkun disponibbli għall-pubbliku. Meta l-informazzjoni tiġi uploaded, awtomatikament tkun qed tinħoloq timeline ta' kif inbidel post partikolari f'Għawdex matul iż-żmien. | Sar ftehim mal-iżviluppatur tal-mobile app MyGozo biex ir-repożitorju ta' ritratti jitpoġġa fuq din il-pjattaforma. | Beda l-iżvilupp ta' sistema ta' repożitorju. | Tlesta l-iżvilupp tas-sistema u bdiet tiġi ppruvata. | Tlesta l-ittestjar tas-sistema u ġie varat is-servizz. Il-pubbliku ġenerali jista' jaċċessa d-dokumentazzjoni u r-ritratti li ttellgħu fuq is-sit https://gozoalbum.gov.mt/gozoalbum/homepage/ mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, b'mod partikolari dawk kollha li jixtiequ jesperjenzaw parti mill-istorja ta' Għawdex b'mod virtwali.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 63

Tiġi żviluppata sistema ta' ġestjoni għat-Taqsima għall-Ħarsien tal-Annimali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Permezz ta' din is-sistema jinżammu rekords dwar reġistrazzjoni u trattament tal-annimali li jiġu assistiti kif ukoll isir l-immaniġġar tar-riżorsi bħall-inventarju fejn tidħol mediċina u l-ikel tal-annimali.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Inkisbet l-approvazzjoni mill-Ministeru għall-Finanzi biex is-sistema ta' ġestjoni tinxtara bi proċedura ta' direct order mingħand fornitur lokali.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Inxtrat is-sistema, ġiet installata fit-Taqsima għall-Ħarsien tal-Annimali u sar it-taħriġ lill-uffiċjali tat-Taqsima.

Is-sistema ta' ġestjoni qed tiġi utilizzata mit-Taqsima għall-Ħarsien tal-Annimali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

L-uffiċjali fit-Taqsima tal-Ħarsien tal-Annimali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 64

Tiġi introdotta sistema ta' prenotazzjonijiet f'lukandi u stabbilimenti liċenzjati f'Għawdex mis-sit elettroniku www.visitgozo.com. Din is-sistema ser ikollha l-faċilità ta' itinerarju self-building. B'hekk jiġu provduti faċilitajiet ta' booking gateways sabiex jiġi sostnut il-kunċett ta' e-turiżmu.

**KWART 1**

Sar ftehim mal-iżviluppatur tas-sit elettroniku **www.visitgozo.com** biex sistema ta' prenotazzjonijiet fl-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni f'Għawdex tkun disponibbli fuq is-sit www.visitgozo.com.

**KWART 2**

Kompla jsir l-iżvilupp tas-sistema ta' prenotazzjonijiet kif ukoll beda jsir it-titjib tas-sit **www.visitgozo.com**.

Tnedew diskussjonijiet u konsultazzjonijiet mal-entità Għawdxija Gozo Tourism Association kif ukoll mal-iState Aid Monitoring Board biex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq.

**KWART 3**

Kompla jsir l-iżvilupp tas-sistema ta' prenotazzjonijiet kif ukoll it-titjib tas-sit **www.visitgozo.com**.

Tkomplew id-diskussjonijiet mal-iState Aid Monitoring Board.

**KWART 4**

Ġew imtejba ċerti funzjonalitajiet tas-sit **www.vistgozo.com** u tlesta l-iżvilupp tas-sistema ta' prenotazzjonijiet.

Ġew riżolti l-kwistjonijiet li kien hemm rigward ċerti funzjonalitijiet u l-użu ta' informazzjoni mal-iState Aid Monitoring Board. Sar ukoll l-ittestjar tas-sistema.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, b'mod partikolari l-viżitaturi li jixtiequ jibbukkjaw f'xi stabbiliment liċenzjat tal-akkomodazzjoni f'Għawdex kif ukoll is-sidien tal-istess stabbilimenti.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 65

Tiżdied l-aċċessibilità u l-esperjenza pożittiva meta persuni jżuru ċ-Ċittadella. Dan ser isir permezz ta' numru ta' inizjattivi ġodda li ser jitwettqu din is-sena bħal: (a) Isir mudell 3D, magħmul mill-bronż, taċ-Ċittadella li jiġi installat fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi fiċ-Ċittadella sabiex permezz tiegħu tingħata orjentazzjoni aħjar lill-viżitaturi u esperjenza tanġibbli, isbaħ u aktar reali lill-persuni neqsin mid-dawl; (b) Tiżdied iżjed konvenjenza għal dawk li jżuru ċ-Ċittadella billi jsiru xogħlijiet ta' tisbiħ tal-latrini u jiġu installati faċilitajiet sanitarji għal persuni bi bżonnijiet differenti fid-daħla taċ-Ċittadella.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

(a) Saru konsultazzjonijiet mas-Supretendenza tal-Wirt Kulturali u l-Università ta' Malta. Ġie stabbilit id-daqs tal-mudell u ġiet identifikata l-funderija li għandha tiġi kkummissjonata biex tipproduċi l-mudell 3D fil-bronż. Sar it-3D scanning taċ-Ċittadella.

(b) Ġew imħejjija l-Bill of Quantities bir-rekwiżiti tal-materjal, il-faċilitajiet sanitarji u l-appliances biex jiġu modernizzati l-latrini li hemm fid-daħla taċ-Ċittadella. Il-ħaddiema tas-sengħa fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bdew iwettqu x-xogħlijiet skedati.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

(a) Tnieda x-xogħol tal-printing fil-plastik tal-mudell 3D. Ġiet approvata t-talba għad-direct order mill-funderija magħżula.

(b) Tkomplew ix-xogħlijiet.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

(a) Tkompla l-printing fil-plastik tal-mudell 3D.

(b) Tkomplew ix-xogħlijiet.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

(a) Tlesta l-printing fil-plastik tal-mudell 3D. Saru l-preparamenti biex il-mudell jintbagħat għand il-funderija.

(b) Tlestew ix-xogħlijiet skedati u saret l-installazzjoni tal-faċilitajiet sanitarji u l-appliances. B'hekk il-latrini li hemm fid-daħla taċ-Ċittadella ġew modernizzati.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku, b'mod partikolari l-viżitaturi taċ-Ċittadella fir-Rabat, Għawdex.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 66

Inkomplu ninvestu fil-wirt storiku ta' pajjiżna permezz ta' proġett ieħor ta' konservazzjoni u restawr, din id-darba tal-istruttura tar-Ravelin fid-daħla taċ-Ċittadella.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Ġiet sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex isir xogħol ta' restawr u konservazzjoni tar-Ravelin fiċ-Ċittadella ta' Għawdex.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Kien konkluż ir-Representation Period bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni li twettaq l-Awtorità tal-Ippjanar mal-istakeholders.

Ġiet ippubblikata u tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-provvista u t-tqegħid ta' paviment tal-ġebel tal-qawwi fir-Ravelin.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Inkisbet l-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar biex isiru x-xogħlijiet meħtieġa.

Bdew il-preparamenti biex isir xogħol ta' restawr u t-tqegħid ta' paviment ġdid fir-Ravelin.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta x-xogħol ta' restawr u t-tikħil ta' partijiet mill-ħitan tar-Ravelin. Tkomplew ix-xogħlijiet relatati mal-pavimentar il-ġdid.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku, b'mod partikolari l-viżitaturi taċ-Ċittadella ta' Għawdex.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 67

Ser ninvestu aktar fil-wirt storiku tagħna bil-proġett ta' konservazzjoni u restawr tal-mekkaniżmu tal-arloġġ li jinsab fit-torri tal-Bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Saret konsultazzjoni mas-Supretendenza tal-Wirt Kulturali u ntgħażlu l-aħjar rakkomandazzjonijiet biex isir ir-restawr tal-mekkaniżmu tal-arloġġ.

Inħarġet direct order biex isir ir-restawr tal-mekkaniżmu.

Bdew ix-xogħlijiet ta' restawr billi żżarma l-makkinarju tal-arloġġ u ttieħed fil-ħanut tax-xogħol tad-ditta magħżula t'esperti.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Tkomplew ix-xogħlijiet ta' restawr tal-makkinarju tal-arloġġ. Bdew ix-xogħlijiet ta' restawr tal-kamra tat-torri tal-arloġġ.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tlestew ix-xogħlijiet, kemm dawk ta' restawr tal-arloġġ kif ukoll tal-kamra tat-torri tal-arloġġ, u saret l-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet ta' restawr.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, b'mod partikolari l-viżitaturi taċ-Ċittadella ta' Għawdex.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 68

B'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja u d-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, Heritage Malta, il-Kulleġġ ta' Għawdex, l-Iskola Postsekondarja Sir Michelangelo Refalo u l-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex, ser inwasslu informazzjoni dwar wirt artna lill-pubbliku ġenerali, studenti u turisti. Dan ser isir permezz ta' taħditiet, onsite visits u attivitajiet oħra fejn jiġu indirizzati temi varji li għandhom x'jaqsmu mal-wirt kulturali tagħna fosthom l-arkeoloġija, l-istorja, l-arti, il-lingwa u l-folklor.

**KWART 1**

Tfassal programm ta' taħditiet u onsite visits. Tfassal ukoll programm ta' lezzjonijiet, lectures u onsite visits fid-diversi siti ta' wirt kulturali mad-diriġenti tal-Gozo College, l-iskola Postsekondarja Sir Michelangelo Refalo u mal-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex.

Ġiet organizzata l-ewwel taħdita u bdew isiru l-lezzjonijiet, lectures u l-onsite visits.

Ġew sospiżi t-taħditiet lill-pubbliku ġenerali kif ukoll il-lezzjonijiet, lectures u onsite visits lill-istudenti minħabba d-direttivi ta' mitigazzjoni għall-imxija tal-pandemija Covid-19, maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika.

**KWART 2**

Ma ġewx organizzati taħditiet, lezzjonijiet, lectures u onsite visits minħabba r-restrizzjonijiet mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika marbuta mal-Covid-19.

**KWART 4**

Ġie deċiż li t-taħditiet għall-pubbliku ġenerali u l-lezzjonijiet għall-istudenti fl-iskejjel ġewwa Għawdex, li ma kinux saru fl-2020 minħabba l-imxija tal-Covid-19, isiru fl-2021 b'mod virtwali.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, studenti u viżitaturi.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 69

Ser isir risk assessment tal-bajjiet pubbliċi f'Għawdex fosthom fir-Ramla l-Ħamra (limiti tax-Xagħra), f'Ħondoq ir-Rummien (limiti tal-Qala) u f'Marsalforn (limiti taż-Żebbuġ, Għawdex). Dan ser isir sabiex inkomplu ntejbu l-prodott offrut f'Għawdex u l-bajjiet tagħna jkunu konformi mal-istandards ta' Blue Flag.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Saru diskussjonijiet mal-għaqda volontarja Red Cross Malta li hi entità liċenzjata sabiex toffri dan is-servizz f'Malta. Ir-Red Cross Malta għandha ftehim mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex isiru risk assessments fuq il-bajjiet tar-Ramla, limiti tax-Xagħra, Ħondoq ir-Rummien, limiti tal-Qala u Marsalforn f'Għawdex.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Sar l-eżerċizzju ta' risk assessment fuq il-bajjiet tar-Ramla l-Ħamra, Ħondoq ir-Rummien u Marsalforn.

Tnieda proċess ta' twettiq ta' rakkomandazzjonijiet biex il-bajjiet indikati jkunu konformi mal-istandards internazzjonali tal-Blue Flag.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Komplew jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet biex il-bajjiet indikati jkunu konformi mal-istandards internazzjonali tal-Blue Flag.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Saret l-analiżi meħtieġa tar-rakkomandazzjonijiet magħmula u ġew implimentati r-rakkomandazzjonijiet li twettqu matul is-sajf biex il-bajjiet pubbliċi f'Għawdex ikunu konformi mal-istandards internazzjonali tal-Blue Flag.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, viżitaturi u l-operaturi kummerċjali li joperaw mill-bajjiet indikati.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 70

Ser tiġi introdotta sistema li permezz tagħha jintlaqgħu t-talbiet kollha għal assistenza fuq diversi skemi u servizzi offruti mill-Ministeru għal Għawdex. Din is-sistema ser tippermetti li kull meta tidħol talba minn xi mezz ta' komunikazzjoni, din it-talba tingħata ticket b'numru uniku u l-każ ikun jista' jiġi riferut lill-uffiċjal inkarigat b'mod awtomatiku filwaqt li jkun jista' jsir tracking ta' fejn waslet dik it-talba u meta ngħatat tweġiba. B'hekk inkunu qed niffaċilitaw il-ħajja tar-residenti Għawdxin b'servizzi aktar effiċjenti.

**KWART 1**

Kien deċiż li minflok tiġi introdotta sistema ġdida, l-aħjar mod biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din il-miżura jkun li jsiru modifiki u titjib tas-sistema eżistenti biex jintlaqgħu t-talbiet kollha għal assistenza fuq diversi skemi u servizzi offruti mill-Ministeru għal Għawdex. Għaldaqstant tnieda proċess ta' titjib u modifiki meħtieġa tas-sistema eżistenti.

**KWART 2**

Tkompla l-proċess ta' titjib u modifiki meħtieġa tas-sistema eżistenti biex jintlaqgħu t-talbiet kollha għal assistenza fuq diversi skemi u servizzi offruti mill-Ministeru għal Għawdex.

**KWART 3**

Twettaq it-titjib u l-modifiki meħtieġa tas-sistema eżistenti u sar l-ittestjar tal-funzjonalitajiet.

**KWART 4**

Is-servizz ġie mniedi f'Novembru 2020.

https://helpdesk.mgoz.gov.mt/support/home

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku, b'mod partikolari r-residenti ġewwa Għawdex.

**KUMMENTI**

Implimentata

# MHSE

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI

## MIŻURA ADDIZZJONALI 71

Ser titnieda strateġija għas-snin li ġejjin ta' trasformazzjoni u viżjoni ċara għall-Korp tal-Pulizija sabiex dan ikun aktar relevanti u jkun f'pożizzjoni li jilqa' aħjar għall-isfidi tal-lum.

### KWART 1 – JANNAR - MARZU

Saru diversi laqgħat ma' bosta membri tal-korp u stakeholders sabiex isir assessjar tas-sitwazzjoni kurrenti, bil-ħsieb li jiġu stabbiliti l-proċessi interni u l-istrutturi sabiex tkun tista' ssir analiżi ta' diversi funzjonijiet fi ħdan il-Korp. Saret analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni kurrenti fil-Korp tal-Pulizija bil-għan li jiġu identifikati rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-proċessi interni u l-użu tar-riżorsi.

Dan il-proċess beda jsir permezz ta' workshops mal-Police Govenance Board kif ukoll bosta membri fi ħdan il-korp. Sar l-ewwel workshop iżda sar tibdil fl-ippjanar tal-implimentazzjoni minħabba l-imxija tal-Covid.

### KWART 2 – APRIL - ĠUNJU

Minħabba s-sitwazzjoni tal-imxija tal-Covid-19, u sabiex jinżammu deadlines stipulati, ġie deċiż li l proċess jinbidel xi ftit.

Bdiet titfassal l-istrateġija ta' trasformazzjoni komprensiva għall-Korp tal-Pulizija bbażata fuq l-analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni kurrenti li saret fix-xhur ta' qabel.

### KWART 3 – LULJU - SETTEMBRU

Saret laqgħa mal-ogħla uffiċjali tal-Korp fejn ġew preżentati d-diversi proposti li se jkunu qed jiġu suġġeriti.

Ġiet preżentata Roadmap b'għadd ta' miżuri (49) li l-korp se jkun qed jieħu sabiex tiġi attwata din it-trasformazzjoni.

Tlesta t-tfassil tal-istrateġija komprensiva għall-ħames snin li ġejjin. Saru l-preparamenti neċessarji u ġiet imnedija u ppubblikata l-istrateġija.

### KWART 4 – OTTUBRU - DIĊEMBRU

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-Korp tal-Pulizija u l-pubbliku.

### KUMMENTI

Implimentata

## 72

Jinbidlu madwar 6,500 security pass tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għal aktar sigurtà.

**Kwart 1:** Ġew mibdula mill-uffiċċju s-security passes tal-ajruport għall-Forzi Armati ta' Malta, għall-Korp tal-Pulizija, għall-kumpanija MIA plc, għall-kumpanija Floorpul u għall-kumpanija Aviaserve, li flimkien jammontaw għal madwar elf u ħames mitt pass.

**Kwart 2:** Ġew mibdula s-security passes tal-ajruport għad-Dwana, għall-iskejjel tal-piloti, għall-kumpanija Malta Air Traffic Services u għall-kumpanija Lufthansa Technik Malta, li flimkien jammontaw għal madwar elf u erba' mitt pass.

**Kwart 3:** Ġew mibdula s-security passes tal-ajruport għall-kumpaniji Medavia, SR Techniks, Enemed, Ryanair/Malta Air, Maintenance Centre Malta, Sky Gourmet Ltd, Corinthia Caterers Ltd, Servizzi Malta, il-ħwienet tal-ajruport, u għal diversi kumpaniji kuntratturi tal-MIA plc, li flimkien jammontaw għal madwar elf u sitt mitt pass.

**Kwart 4:** Ġew mibdula s-security passes tal-ajruport għall-kumpaniji Air Malta Aviation Services u Air Malta plc u għal diversi kumpaniji kuntratturi tal-MIA plc, li flimkien jammontaw għal madwar elf u tliet mitt pass.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Ħaddiema tal-ajruport kif ukoll il-pubbliku.

### KUMMENTI

Implimentata

## 73

Jinxtraw uniformijiet ċerimonjali ġodda għall-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, kemm għas-sajf kif ukoll għax-xitwa.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Wara ħruġ ta' tender fl-2019, sar kuntatt mal-kumpanija Ingliża li rebħet it-tender sabiex jiġi stabbilit jekk il-Covid-19 kellux xi impatt fuq l-operazzjonijiet tad-ditta. Din assigurat li l-progress jinsab tajjeb u l-ewwel sett ta' uniformijiet se jitwassal fiż-żmien stipulat.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Waslu standard patterns ta' tliet (3) uniformijiet. L-imsemmija patterns kienu tan-No. 1 Dress u n-No. 2 Dress tas-Suldati u Service Dress tal-Fizzjali.

L-imsemmija tliet uniformijiet ġew spezzjonati mill-membri tal-bord u ġew ikkomunikati osservazzjonijiet lill-kumpanija li mmanifatturathom. L-imsemmija patterns intbagħtu lura bl-approvazzjoni kkonfermata tal-Forzi Armati ta' Malta (FAM).

Kien pjanat li f'April jingħata taħriġ lill-uffiċjal tal-armata bħala AFM Tailor iżda dan ma seħħx minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija Covid-19.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Il-progress ta' din il-miżura waqa' lura minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Iżda f'dan il-perjodu l-kumpanija bagħtet żewġ Standard Patterns oħra ta' uniformijiet li ġew approvati mill-Bord tal-AFM.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Il-pandemija tal-Covid-19 impattat il-progress ta' din il-miżura. Fit-28 ta' Diċembru, iżda, waslu 21 uniform jacket sizing pack u 11-il uniform trouser sizing pack, biex jintużaw bħala mudell ta' tfassil għal meta jaslu l-uniformijiet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta kif ukoll il-pubbliku li jkun jista' japprezza u jgawdi d-dehra professjonali tal-FAM waqt wirjiet u parati ċerimonjali li jinżammu fil-pubbliku.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 74

Jinfetaħ uffiċċju ġdid għall-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati fi Blata l-Bajda.

### KWART 1

Tlesta l-abbozzar għal sejħa għal stimi għall-għamara u ngħata ċ-ċertifikat mis-CRPD għall-binja l-ġdida.

### KWART 2

Ingħatat l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti għal negotiated procedure biex isir xogħol ta' infrastruttura fl-uffiċċju. Ix-xogħlijiet fuq l-uffiċċju bdew u komplew għaddejjin b'ritmu mgħaġġel.

### KWART 3

Tkompla x-xogħol fuq is-servizzi t'utilità għall-uffiċċji l-ġodda filwaqt li ġiet ordnata l-għamara. Kien hemm diskussjonijiet fuq xi reviżjonijiet fil-pjanti tat-tqassim tal-post.

### KWART 4

Komplew ix-xogħlijiet fuq il-binja.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

L-amministrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati kif ukoll l-istess individwi li jagħmlu użu mis-servizz.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 75

Titwettaq inizjattiva ta' Djalogu fil-Mediterran tal-Punent fuq materji relatati mad-difiża bħala parti mill-kordinament taħt il-Presidenza Maltija tal-5+5.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Id-Direttorat tad-Difiża lesta l-pjan t'azzjoni dwar il-Presidenza tal-5+5 ta' Malta.

Saret laqgħa tal-isteering committee fuq il-Presidenza Maltija tal-5+5.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Il-minuti u l-programm ta' ħidma tqassmu lill-pajjiżi parteċipanti kollha tal-inizjattiva 5+5 wara li sar kuntatt mal-FAM.

Sar kuntatt mal-pajjiżi rispettivi sabiex ġie stabbilit it-tibdil fl-skeda tat-training exercise minħabba l-imxija tal-Covid-19.

Sar kordinament bejn il-pajjiżi membri tal-5+5 sabiex l-attivitajiet li kienu maqbula jsiru permezz ta' konferenzi virtwali.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Tkompla  l-kordinament bejn il-pajjiżi membri tal-5+5 fuq l-attivitajiet ippjanati u ġew implimentati miżuri ġodda minħabba l-Covid-19, bi ftehim mal-pajjiżi membri kif ukoll mal-Forzi Armati ta' Malta.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Fl-2020 id-Direttorat organizza tliet laqgħat fuq livell internazzjonali bħala miżuri addizzjonali. Minħabba l-kriżi tas-saħħa pubblika li fixklet il-possibbiltà ta' vjaġġar bejn il-pajjiżi tal-Mediterran li huma parti minn din l-inizjattiva, dawn il-laqgħat ġew organizzati b'mod virtwali. L-għanijiet politiċi u strateġiċi tal-Presidenza Maltija ta' din l-inizjattiva ta' Djalogu fil-Mediterran tal-Punent fuq materji ta' difiża ntlaħqu u kienu effettivi.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Iċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-Mediterran tal-Punent.

### KUMMENTI

Implimentata

# MTCP

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **36**<br>Ser jiġi simplifikat il-proċess ta' tiġdid tal-liċenzja għall-Host Families. Sal-lum dan il-proċess isir kollu b'mod manwali permezz ta' applikazzjoni li trid timtela kull sena u li tiġi proċessata mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kull darba. Permezz ta' din l-inizjattiva, it-tiġdid tal-liċenzja ser jibda jsir b'mod awtomatiku mill-Awtorità wara li jsir il-ħlas dovut annwali mill-klijent. | Wara li saru konsultazzjonijiet mal-Federazzjoni tal-Iskejjel tal-Ingliż (FELTOM), saru t-tibdiliet neċessarji fis-sistema, u beda jitħaddem il-proċess il-ġdid fejn it-tiġdid tal-liċenzja għall-Host Families fuq il-Licensing Management System beda jsir b'mod awtomatiku hekk kif jiġi riċevut il-ħlas dovut annwali mill-klijent. | | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
Host Families

**KUMMENTI**
Implimentata

| MIŻURA | KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|---|
| **37**<br>Ser tiġi introdotta l-faċilità ta' booking u xiri ta' biljetti b'mod elettroniku għal numru ta' postijiet ta' interess li jinsabu fuq il-Pjattaforma tat-Turiżmu Diġitali (VisitMalta+). B'hekk ikun hemm pjattaforma diġitali waħda ewlenija fejn jidħlu postijiet turistiċi. B'din il-faċilità ser jingħata aċċess u l-possibilità lil min hu interessat li jibbukkja attivitajiet ta' interess skont il-kumdità tiegħu. Din l-inizjattiva għandha twassal ukoll għat-tnaqqis ta' kjuwijiet biex wieħed jidħol f'postijiet bħal mużewijiet, siti storiċi u attrazzjonijiet oħra. | Ġiet kumpilata lista ta' mużewijiet, siti storiċi u attrazzjonijiet oħra li huma aċċessibbli taħt it-temi tal-VisitMalta+ App.<br><br>Saru laqgħat mal-ministeri rispettivi sabiex jiġu evalwati s-sistemi online eżistenti kif ukoll laqgħat mal-uffiċjali fl-Awtorità Maltija għat-Turiżmu dwar l-għażla tas-sistema. | Bdiet issir riċerka tas-suq dwar il-pjattaforma diġitali ewlenija għall-avvenimenti u s-servizzi kollha relatati mat-turiżmu. | Ġiet identifikata l-pjattaforma diġitali li se tintuża għall-avvenimenti u s-servizzi kollha relatati mat-turiżmu. | Tlesta l-abbbozzar u ġie ffirmat il-kuntratt għall-iżvilupp tal-pjattaforma diġitali li se tintuża għall-avvenimenti u s-servizzi kollha relatati mat-turiżmu.<br><br>Il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**
Turisti u viżitaturi li jridu jibbukkjaw avvenimenti jew iżuru postijiet ta' interess.

**KUMMENTI**
Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 38

Permezz tal-introduzzjoni tal-Programm eVision, l-istudenti tal-ITS ser jibda jkollhom il-faċilità li jaċċessaw dashboard virtwali li fih jaraw l-informazzjoni kollha li jeħtieġu inkluż riżultati, notifikazzjonijiet, timetables u anke informazzjoni dwar tibdil fl-iskedar tal-lezzjonijiet. Sal-lum, l-istudent irid jistenna tul ta' żmien sakemm joħorġu r-riżultati kollha u jintbagħtu lilu bil-posta jew bl-email jew bl-SMS. Bis-sistema l-ġdida l-istudent ser ikun aġġornat in real time.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Twettqu diskussjonijiet mal-programmers dwar il-kunċett rispettiv kif ukoll dwar il-kontenut li jrid jiġi inkluż fis-sistema tal-eVision u beda l-proċess tal-ipprogrammar ta' din is-sistema.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Saret talba lill-People & Standards Division sabiex jiġu ingaġġati żewġ persuni ħalli mhux biss jiġi żviluppat il-Programm eVision iżda wkoll isir l-iżvilupp tal-website, tinħoloq il-mobile app u jieħdu ħsieb aspetti tekniċi marbuta mal-live streaming tal-lezzjonijiet lil studenti barra minn Malta.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Ġiet aċċettata t-talba mill-People & Standards Division u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet sabiex jiġu ingaġġati persuni li jiżviluppaw il-programm eVision.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlestew l-intervisti tal-kandidati u ġew ingaġġati żewġ persuni sabiex jiżviluppaw il-programm eVision.

Saru wkoll diskussjonijiet mal-istakeholders, fosthom għalliema u studenti tal-ITS, sabiex jiġu identifikati l-User Requirements tal-programm.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Studenti u għalliema fl-ITS.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 39

Ser isir review tal-proċess konċernat ta' kif prodotti mediċinali awtorizzati nazzjonalment ikunu meqjusa siguri u, għaldaqstant, għalihom jinħareġ Periodic Safety Update Report (PSUR). Dan ir-review għandu jwassal għal proċess aktar simplifikat u linji gwida ċari ta' kif tiġi sottomessa informazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti mediċinali msemmija minkejja li dawn ilhom fis-suq għal aktar minn 10 snin.

Ġew identifikati l-prodotti li huma awtorizzati nazzjonalment u li ser ikunu inklużi fl-iskop ta' dan l-eżerċizzju ta' simplifikazzjoni.

Wara li tlestiet ir-reviżjoni tas-sistema interna ta' kif jiġu evalwati l-Periodic Safety Update Reports (PSURs), ġiet identifikata l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-linji gwida għall-istakeholders, li jingħata taħriġ skont l-istandard ISO 9001:2015 imħaddan fl-Awtorità lill-ħaddiema konċernati, kif ukoll li jsir proġett pilota tas-sistema l-ġdida.

Ġew aġġornati l-linji gwida applikabbli għall-istakeholders u ngħata taħriġ skont l-ISO 9001:2015 sabiex l-evaluators tal-Awtorità li jagħmlu l-assessjar ikunu jistgħu jimplimentaw is-sistema l-ġdida abbażi ta' dawn il-linji gwida. Għaldaqstant bdiet tiġi pilotata s-sistema l-ġdida sabiex ikun aċċertat li s-sistema taħdem kif suppost.

Ġew ippubblikati l-linji gwida fuq il-website tal-Awtorità dwar il-Mediċini. Inħareġ ukoll il-Periodic Safety Update Report (PSUR) għall-prodotti mediċinali awtorizzati nazzjonalment. Iċ-ċiklu tal-Periodic Safety Update Report (PSUR) issa ġie estiż għal ħames snin.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

26 detentur tal-liċenzja tal-prodotti.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 40

Isir review tal-proċessi konċernati fejn jidħlu s-servizzi provduti mit-Technical Regulations Division (TRD) u mill-iStandards and Metrology Institute (SMI) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA). Dan ir-review għandu jwassal sabiex jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet ta' simplifikazzjoni tal-proċessi involuti, inkluż dawk relatati man-notifikazzjoni ta' bijoċidi (TRD), l-awtorizzazzjoni ta' plant protection products (TRD), in-notifikazzjoni ta' food supplements (TRD) u l-Food for Special Medical Purposes (TRD), ir-reġistrazzjoni ta' lifts (TRD) u ċ-ċertifikazzjoni għall-Organic Farming (SMI). Kif jiġu implimentati l-proċessi ġodda simplifikati, jinħarġu standards aġġornati li jkunu riflessi fil-Quality Service Charter. Din l-inizjattiva ser issarraf sabiex il-klijent jinqeda aktar fil-pront u bi kwalità ta' servizz aħjar.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Tlesta l-customer satisfaction survey xjentifiku u tlestiet il-fażi tar-review indipendenti tal-proċessi end-to-end li kienet bdiet fl-2020 sabiex is-servizzi indikati f'din il-miżura jiġu simplifikati. Ir-rapport bir-rakkomandazzjonijiet ġie ppreżentat lill-Awtorità.

Bdiet ukoll konsultazzjoni interna dwar l-istandards relatati mas-servizzi rispettivi kif ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet identifikati fir-review.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Saret analiżi dwar l-istandards u l-proċeduri eżistenti li jridu jinbidlu jew jinħolqu mill-ġdid sabiex ir-rakkomandazzjonijiet identifikati fir-review jiġu kkunsidrati.

Beda wkoll l-abbozzar tal-iStandard Operating Procedures applikabbli sabiex jirriflettu l-proċeduri u l-istandards il-ġodda identifikati mir-rakkomandazzjonijiet tar-review dwar l-użu tal-midja soċjali, komunikazzjoni ma' servizz.gov, emails, posta tradizzjonali u telefonati. Il-proċedura li tikkonċerna l-operat tar-reception ser tiġi msaħħa.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Tlesta l-abbozzar tal-iStandard Operating Procedures (SOPs) applikabbli sabiex jirriflettu l-proċeduri u l-istandards il-ġodda identifikati mir-rakkomandazzjonijiet tar-review u beda jitfassal il-Quality Service Charter.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Ġie finalizzat il-Quality Service Charter. Saret ukoll sessjoni ta' informazzjoni rrekordjata lill-uffiċjali tal-MCCAA dwar proċeduri u standards ġodda, l-SOPs u l-Quality Service Charter.

Il-Quality Service Charter ġie ppubblikat fuq il-website tal-Awtorità.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 600 operatur ekonomiku fis-sena.

### KUMMENTI

Implimentata

## 41

Ser jitwaqqaf reġistru wieħed li fih jiġu konsolidati d-databases eżistenti tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur. Din l-inizjattiva ser tippermetti li l-informazzjoni tinġabar darba mingħand il-klijenti li jagħmlu użu minn servizzi provduti mis-sezzjonijiet varji fl-Awtorità. B'hekk il-proċess ikun simplifikat u jitnaqqas il-ħin meħud fil-mili ta' formoli bl-istess informazzjoni li tkun diġà ngħatat lill-Awtorità għal xi servizz jew ieħor.

### KWART 1

Ġie konkluż il-customer satisfaction survey xjentifiku li beda fl-2020 sabiex jitkejjel il-livell ta' sodisfazzjon tal-konsumaturi u tal-operaturi ekonomiċi li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Awtorità. Tlestiet ukoll il-lista ta' servizzi provduti mill-Awtorità flimkien mal-lista ta' informazzjoni personali mitluba liċ-ċittadin jew operatur ekonomiku għal kull servizz.

### KWART 2

Twettqet l-analiżi tal-lista finali ta' servizzi provduti mill-Awtorità, kif ukoll tal-lista ta' informazzjoni personali mitluba liċ-ċittadin jew operatur ekonomiku għal kull servizz. Dan sabiex jiġu identifikati r-rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jonqos l-ammont ta' ġbir ta' informazzjoni personali li m'għandhiex valur miżjud għall-operat tal-Awtorità.

### KWART 3

Ġie abbozzat u ppreżentat ir-rapport tal-analiżi lill-Management tal-Awtorità kif ukoll tlestiet l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li ġew maqbula.

Tlesta l-iżvilupp u beda l-ittestjar tad-database ċentrali diġitali l-ġdida li ser tkun qed iżżomm l-informazzjoni personali taċ-ċittadini u operaturi ekonomiċi li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur.

### KWART 4

Tlesta l-ittestjar u ngħata t-taħriġ lill-impjegati tal-Awtorità dwar l-użu tad-database ċentrali diġitali ġdida.

Ġiet abbozzata wkoll Standard Operating Procedure u d-database ċentrali diġitali ġdida bdiet tintuża mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur b'suċċess.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Madwar 1000 operatur ekonomiku fis-sena.

### KUMMENTI

Implimentata

# 42

Tidħol fażi oħra tar-roll out tas-sistema elettronika u ċentrali dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar. Wara li din is-sistema ġiet introdotta fid-dipartimenti tal-Ministeru, il-pass li ajmiss huwa li din is-sistema titħaddem minn entitajiet fl-Amministrazzjoni Pubblika. Din għandha twassal għal aktar simplifikazzjoni fil-proċessi fejn hemm vjaġġar kif ukoll aktar konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. Bħala proġett pilota, din is-sistema ser tiġi introdotta kemm fl-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur kif ukoll fl-Awtorità dwar il-Mediċini.

## KWART 1
JANNAR - MARZU

Bdiet l-analiżi, flimkien mad-dipartiment responsabbli fil-Ministeru għall-Finanzi, dwar il-proċessi eżistenti ta' safar fl-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur u fl-Awtorità dwar il-Mediċini.

## KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Saret talba u ġew approvati l-fondi għall-proġett mill-Ministeru għall-Finanzi.

Komplew id-diskussjonijiet mal-banek kif ukoll xogħol preparatorju meħtieġ qabel l-iżvilupp tal-funzjonalità meħtieġa sabiex ikun possibbli t-trasferiment tal-fondi użati minn entitajiet fl-Amministrazzjoni Pubblika.

## KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Beda l-iżvilupp tal-funzjonalità meħtieġa sabiex ikun possibbli t-trasferiment tal-fondi użati minn entitajiet fl-Amministrazzjoni Pubblika u saru diskussjonijiet mal-banek sabiex il-proċess tal-pagamenti jkun jista' jsir b'mod awtomatiku.

## KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta l-iżvilupp tal-funzjonalità meħtieġa sabiex ikun possibbli t-trasferiment tal-fondi, twettaq l-ittestjar tal-proċess elettroniku fis-Central Travel Management System u ngħata t-taħriġ neċessarju lill-impjegati.

Is-Central Travel Management System bdiet tintuża bħala l-unika sistema fejn jiġi proċessat l-ivvjaġġar mill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Awtorità dwar il-Mediċini.

## NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI
L-impjegati tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur u dawk tal-Awtorità dwar il-Mediċini.

## KUMMENTI
Implimentata

## MIŻURA ADDIZZJONALI 55

Wara li ġiet stabbilita u implimentata Quality Management System li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ISO 9001:2015, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur ser taħdem sabiex tiġi estiża din is-sistema ta' ċertifikazzjoni għal aktar taqsimiet fi ħdanha. Dan ser isir fil-każ tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur li jipprovdi servizzi mill-aktar popolari u b'hekk jittejbu aktar is-servizzi provduti lill-pubbliku ġenerali.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Saret il-gap analysis u ġew identifikati d-differenzi bejn is-sistemi kurrenti tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur u r-rekwiżiti tal-istandard internazzjonali ISO 9001:2015. Dawn ġew elenkati u ppreżentati f'rapport lill-Management tal-Awtorità.<br><br>Tlestiet l-implimentazzjoni tal-pjan sabiex ġew indirizzati d-differenzi misjuba skont kif elenkati fil-gap analysis, sar l-audit tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur mis-certification body estern u akkreditat u ġie estiż l-iskop taċ-ċertifikazzjoni tal-Quality Management System tal-MCCAA skont ISO 9001:2015. | | | |

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETWATI FEJN APPLIKABLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Implimentata

## 56

Tiġi introdotta sistema ċentrali u diġitali, kif ukoll programm ta' xogħlijiet, li kull sena jwasslu għat-twettiq ta' prevenzjoni kontra l-possibilità ta' nirien fis-sajf u ta' għargħar fix-xitwa. B'hekk id-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni, flimkien mal-kunsilli lokali rispettivi, tkun qed tiżgura li l-pubbliku ġenerali jkun dejjem aktar protett u jiġu evitati inċidenti ta' nirien jew għargħar.

### KWART 1
JANNAR - MARZU

Twettqu konsultazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u abbażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet ġiet identifikata lista taż-żoni ta' meded ta' ħaxix li fis-sajf ikun niexef u li fihom għandu jsir intervent ta' tindif sabiex jiġu prevenuti possibilitajiet ta' nirien fix-xhur tas-sajf.

Saru laqgħat ta' konsultazzjoni m'entitajiet governattivi fosthom mal-kunsilli lokali u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fuq tindif u upkeep ta' culverts u ġie diskuss ukoll l-upkeep tal-NFRP (National Flood Relief Project). Abbażi ta' dawn il-konsultazzjonijiet inġabret l-informazzjoni u tfassal pjan t'azzjoni għall-prevenzjoni tal-għargħar fix-xhur tax-xitwa.

Tlestew ukoll il-konsultazzjonijiet interni u ġie ingaġġat il-konsulent inkarigat mill-iżvilupp tas-sistema diġitali li ser twassal għal programm ta' prevenzjoni ta' nirien u għargħar.

### KWART 2
APRIL - ĠUNJU

Twettqu x-xogħlijiet marbuta mal-qtugħ ta' ħaxix ħażin f'diversi żoni, l-iktar fin-naħa t'isfel tal-pajjż, fosthom fiż-żona tal-Ħandaq f'Ħal Qormi, fil-Marsa Sports Grounds u fiż-żona ta' Gianpula fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex jiġu prevenuti possibilitajiet ta' nirien fix-xhur tas-sajf. Dan il-proċess ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni.

Beda l-programm ta' tindif tal-culverts, spralli u kanali tal-ilma f'diversi lokalitajiet, fosthom f'Ħal Lija u Ħ'Attard, bil-għan li jiġi evitat għargħar bla bżonn matul ix-xhur tax-xitwa.

Beda x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema diġitali u beda l-proċess sabiex jiżdiedu s-servizzi fuq il-mobile app Clean & Upkeep. Inġabru wkoll id-dettalji neċessarji tat-toroq u ż-żoni u bdew jiddaħħlu fis-sistema diġitali.

### KWART 3
LULJU - SETTEMBRU

Tlestew ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jiġu prevenuti l-possibilitajiet ta' għargħar fix-xitwa. Dan ix-xogħol huwa xogħol kontinwu li jibqa' għaddej matul is-sena kollha.

Tlesta x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema diġitali u bdiet il-fażi tat-testing. Fl-istess waqt beda l-proċess sabiex jiddaħħlu d-dettalji kollha tat-toroq u ż-żoni fis-sistema.

### KWART 4
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Tlesta l-ittestjar, saru l-aġġornamenti meħtieġa u s-sistema diġitali marret live. Id-dettaliji tat-toroq u ż-żoni se jibqgħu jiddaħħlu skont kif meħtieġ. Fl-app eżistenti ġew miżjuda aktar funzjonijiet. Is-servizz issa mhuwiex biss marbut mal-indafa iżda wkoll ma' programm ta' xogħlijiet għall-prevenzjoni tal-għargħar u tan-nirien.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Implimentata

# MESD

# MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-INTRAPRIŻA, U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **13** Jinbidel il-mod kif jaħdmu l-impjegati tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma meta jmorru jibdlu s-servizzi fi proprjetajiet privati. Se jingħataw it-tagħmir meħtieġ sabiex is-servizz ikun wieħed aktar preċiż u effiċjenti u jingħata f'inqas żmien. | Fl-2019 bdew il-preparamenti sabiex jiġi provdut it-tagħmir meħtieġ lill-impjegati tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Bdiet ukoll il-fażi ta' studju fuq is-sistema, u f'Jannar kompla jsir l-istudju avvanzat. Kompla wkoll l-iżvilupp tas-sistema. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. Kompla wkoll it-testing tal-hardware u software. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp tas-sistema. Kompla wkoll it-testing tal-hardware u software. Ġie aġġornat l-iStandard Operating Procedure u bdew jintużaw it-tablets mill-ħaddiema tal-WSC. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** Kull min jitlob bdil ta' meter u transmitter (madwar 25,000 talba fis-sena). | | **KUMMENTI** Implimentata | |
| **14** Tiġi introdotta s-sistema ta' rappreżentanza tal-customer care f'kull uffiċċju reġjonali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dan ser isir sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni bejn il-call centre tal-Korporazzjoni u l-klijenti. Din l-inizjattiva għandha twassal sabiex tweġibiet li jkunu jeħtieġu l-klijenti jingħataw immedjatament minflok il-ħtieġa li jinħarġu notification numbers kif inhi s-sistema sal-lum il-ġurnata. B'hekk is-servizz meħtieġ jitjieb, isir aktar effiċjenti, jingħata f'anqas żmien lill-klijenti kollha u wkoll jitnaqqsu t-talbiet ripetuti mingħand l-istess klijenti. | Ġew identifikati rappreżentanti minn fost il-ħaddiema tal-WSC sabiex jiġu allokati reġjun kull wieħed. Kompla jingħata t-taħriġ meħtieġ lir-rappreżentanti tal-customer care fl-uffiċċji reġjonali. | Fid-dawl tal-bidla tal-maniġment tal-WSC, beda jsir xi tibdil tal-proċess sabiex tkun tista' tittejjeb il-komunikazzjoni bejn il-call centre tal-Korporazzjoni u l-klijenti. | Il-WSC ħadmet fuq strateġija fejn hemm sistema li appuntamenti qed jgħaddu direttament lill-klijent f'każ ta' metering (se jiġi estiż f'servizzi oħra). Il-WSC qed tinforma klijenti b'konsum għoli ta' ilma permezz ta' ittra u SMS. Għaldaqstant, il-WSC qed tassisti lir-reġjuni biex ikunu aktar proattivi u b'hekk m'hemmx il-ħtieġa li jitpoġġew aġenti fir-reġjuni. | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** Il-pubbliku | | **KUMMENTI** Implimentata | |

## 15

Ser isir investiment f'software li permezz tiegħu tiġi faċilitata l-ġenerazzjoni ta' informazzjoni mil-laboratorju. B'hekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tkun f'pożizzjoni li meta l-klijenti jitolbu l-ittestjar tal-ilma, dawn jinqdew f'inqas żmien għaliex l-informazzjoni tkun aktar aċċessibbli, tista' tiġi rkuprata filwaqt li jinħareġ riżultat aktar preċiż.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Fl-2019 inxtara s-software u f'dan il-kwart tas-sena tlestiet l-installazzjoni tas-software minn nies tekniċi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Beda jingħata wkoll it-taħriġ meħtieġ.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Bdiet topera s-sistema u kompla l-proċess biex tittella' fiha l-informazzjoni u formoli sabiex jiġu ġġenerati aktar rapporti b'mod awtomatiku. Kompla l-ittestjar tas-software installat. Kompla l-ġbir ta' informazzjoni mil-laboratorji (bħal riżultati ta' analiżi) li se tiddaħħal fis-sistema elettronika. Kompla jingħata t-taħriġ meħtieġ lill-professjonisti li jaħdmu fil-laboratorji dwar aspetti diversi tas-sistema l-ġdida.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Tlesta l-ittestjar tas-software installat. Tlesta t-taħriġ meħtieġ lill-professjonisti li jaħdmu fil-laboratorji dwar aspetti diversi tas-sistema l-ġdida. Tlesta wkoll il-ġbir ta' informazzjoni mil-laboratorji (bħal riżultati ta' analiżi) u ddaħħal fis-sistema elettronika. Ġie aġġornat l-iStandard Operating Procedure u bdiet tintuża s-sistema.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Implimentata

## 16

B'kollaborazzjoni ma' Identity Malta, se jiġi introdott proċess elettroniku ta' reġistrazzjoni tan-numru ta' nies preżenti fil-household fuq il-kont tad-dawl u l-ilma meta jitwieled wild ġdid jew imut xi ħadd mill-household. B'hekk tispiċċa l-ħtieġa li l-klijenti jmorru l-ARMS u jimlew applikazzjoni għall-aġġornament tal-kont tagħhom.

**KWART 1**

Komplew diskussjonijiet mal-istakeholders neċessarji, inkluż mal-Ministeru għas-Saħħa (MFH), ARMS u Identity Malta.

**KWART 2**

Ġew finalizzati d-diskussjonijiet mal-istakeholders neċessarji, inkluż l-MFH, ARMS u Identity Malta. Ġie formalizzat il-ftehim bejn l-istakeholders konċernati sabiex ikun jista' jitkompla l-proċess li jwassal għall-introduzzjoni ta' proċess elettroniku ta' reġistrazzjoni tan-numru ta' nies preżenti fil-household fuq il-kont tad-dawl u l-ilma meta jitwieled wild ġdid jew imut xi ħadd mill-household.

**KWART 3**

Tlestiet l-analiżi tal-proċess li għandu jwassal għal aġġornament tal-iStandard Operating Procedures u tal-liġijiet affettwati.

**KWART 4**

Tlestiet l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-enhancement meħtieġ fis-sistema abbażi tad-diskussjonijiet li saru mal-istakeholders konċernati u l-analiżi tal-proċess.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 17

Ser jiġi rivedut u simplifikat il-proċess li bih persuna tapplika kemm għad-dawl kif ukoll għall-ilma fil-każ ta' xiri ta' residenzi ġodda. Dan ser isir billi l-ARMS awtomatikament tinnotifika lill-klijenti b'mod proattiv. Flimkien mal-integrazzjoni tal-proċessi involuti ser tiġi akkomodata wkoll is-sistema infrastrutturali fil-proċess il-ġdid.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders sabiex jiġu identifikati r-rekwiżiti neċessarji sabiex ikun jista' jiġi rivedut u simplifikat il-proċess li bih persuna tapplika kemm għad-dawl kif ukoll għall-ilma fil-każ ta' xiri ta' residenzi ġodda. | Tlesta dan l-analiżi tal-proċess li mistenni jwassal għal aġġornament tal-iStandard Operating Procedures u tal-liġijiet affettwati. | Tlestiet l-identifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-enhancements meħtieġa fis-sistema abbażi tad-diskussjonijiet li saru mal-istakeholders konċernati u l-analiżi tal-proċess. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp fis-sistema sabiex isir l-enhancement meħtieġ. | Kompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-iżvilupp fis-sistema sabiex isir l-enhancement meħtieġ. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 18

Ser isir proġett pilota fejn jiġi introdott il-kunċett ta' carpooling fid-dipartimenti tal-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġar tal-Ilma. Dan għandu jwassal għal anqas vetturi fit-toroq u aktar effiċjenza permezz ta' route optimisation u mmaniġġar awtomatiku tal-ivvjaġġar. Dan se jwassal għal inqas ħin ta' stennija, inqas spejjeż u tnaqqis fl-emissjonijiet.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Ġiet ippubblikata u għalqet is-sejħa għall-offerti sabiex jiġi introdott il-kunċett ta' carpooling fid-dipartimenti tal-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. Kompliet ukoll l-evalwazzjoni tal-offerti sottomessi. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti sottomessi u ntgħażel l-offerent preferut. Beda jiġi abozzat il-kuntratt relatat mas-sistema ta' carpooling fid-dipartimenti tal-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. | Ġie ffirmat il-kuntratt sabiex ikun jista' jiġi introdott il-kunċett ta' carpooling fid-dipartimenti tal-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. Komplew diskussjonijiet interni sabiex ikun jista' jibda l-proġett. | Bdew ix-xogħlijiet fuq l-iżvilupp tas-sistema tal-carpooling fil-Ministeru.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Id-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 20

Ser tibda tintuża sistema elettronika ġdida mir-refuelling operators tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Permezz ta' din is-sistema ġdida b'tagħmir elettroniku ser jiġi eliminat il-proċess manwali u b'hekk ikun hemm aktar effiċjenza li twassal għal tnaqqis fiż-żmien ta' refuelling kif ukoll tiżdied it-trasparenza u l-kontabilità.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Wara li fl-2019 sar ix-xiri tat-tagħmir meħtieġ, f'dan il-kwart beda jingħata t-taħriġ meħtieġ dwar it-tħaddim tas-sistema diġitali lir-refuelling operators. Tlesta wkoll l-ittestjar meħtieġ. | Tlesta t-taħriġ meħtieġ dwar it-tħaddim tas-sistema diġitali lir-refuelling operators. Bdiet tintuża s-sistema elettronika l-ġdida mir-refuelling operators tal-Ajruport. | | |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Ir-refuelling operators li huma impjegati tal-Enemed.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 21

Ser jiġi ċentralizzat il-proċess ta' kif isir rapport lill-Enemalta dwar ħsarat u r-rettifikazzjoni tagħhom. Meta jiġu rapportati xi ħsarat, it-tiswijiet jibdew isiru f'anqas ħin f'termini ta' rispons u jibda jsir l-intervent meħtieġ b'mod iżjed effiċjenti. Dan se jwassal sabiex il-klijenti jinqdew aktar malajr.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Sar il-ġbir ta' informazzjoni meħtieġa dwar il-proċess li qed jiġi utilizzat sabiex b'hekk ikunu jistgħu jsiru t-tibdiliet meħtieġa u jitħejja pjan għall-implimentazzjoni għad-distretti kollha.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Ingħata t-taħriġ dwar it-tibdil relatat mal-Customer Response Team (CRT) kif ukoll mad-Dipartiment tal-Customer Care. Kompliet l-implimentazzjoni tal-proċedura l-ġdida li tkopri t-timijiet kollha ta' CRT u l-Customer Care Department.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Kompliet l-implimentazzjoni tal-proċedura l-ġdida bis-CRT teams kollha kif ukoll tal-Customer Care. Dan il-proċess ikompli għaddej bħala parti mill-operat tal-entità.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-pubbliku

### KUMMENTI

Implimentata

## 85

Jiġi introdott u implimentat il-kunċett ta' Remote Working fid-dipartimenti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġar tal-Ilma.

**KWART 1**

Kompla jopera l-working group fuq il-kundizzjonijiet ta' xogħol sabiex iwassal għal sett ta' rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu diskussi internament. Kompliet l-identifikazzjoni fuq taħriġ tal-uffiċjali, rekwiżiti tal-IT (hardware u software) u wkoll tal-premises għal remote workspace. Sar survey maqbul bejn l-esperti inkarigati dwar ir-remote working fost l-impjegati kollha tal-Ministeru.

**KWART 2**

Kompla jopera l-working group fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Tlesta l-abbozzar tar-remote working policy, ġiet diskussa u kompliet tiġi finalizzata. Ġew identifikati r-rekwiżiti tal-IT (hardware u software) u beda l-proċess ta' procurement. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-premises ta' remote workspace. Kompla t-taħriġ tal-uffiċjali.

**KWART 3**

Kompliet tiġi finalizzata r-remote working policy. Ġie ffirmat il-kuntratt għal parti mill-hardware li se jkun qed jintuża f'dan il-proġett pilota u bdew id-diskussjonijiet neċessarji. Kompla t-taħriġ/coaching/motivazzjoni neċessarju tal-uffiċjali. Għalqet is-sejħa għall-offerti għall-premises ta' remote workspace. Ġie ffirmat il-kuntratt u bdew ix-xogħlijiet meħtieġa.

**KWART 4**

Kompliet tiġi finalizzata r-remote working policy. Kompla jiġi ttestjat il-hardware li se jkun qed jintuża f'dan il-proġett pilota. Komplew ix-xogħlijiet relatati mal-premises ta' remote workspace.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet.

### NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI

Il-ħaddiema fid-dipartimenti identifikati fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli.

### KUMMENTI

Fil-proċess li tiġi implimentata.

| MIŻURA ADDIZZJONALI | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **16**<br>Jiġi riabilitat il-Ġnien taċ-Ċimiterju fil-Kalkara sabiex ikun hemm eco space ieħor f'Malta. | Wara li fl-2019 bdew il-preparamenti għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura, kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni tal-Ġnien taċ-Ċimiterju fil-Kalkara. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni tal-Ġnien taċ-Ċimiterju fil-Kalkara. Kompla l-proċess tal- Awtorità tal-Ippjanar u ġew sottomessi d-dokumenti għall-kjarifiki mitluba. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għax-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni tal-Ġnien taċ-Ċimiterju ġewwa l-Kalkara. | Għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' riabilitazzjoni tal-Ġnien taċ-Ċimiterju ġewwa l-Kalkara u kompliet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | **KUMMENTI**<br>Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **17**<br>Titnieda l-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma. B'hekk tkompli l-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-setturi tant importanti tal-ilma u l-enerġija fejn tkompli ħidma għal aktar progress u kompetittività fiż-żewġ oqsma. | Ġiet ippubblikata konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma. Din il-konsultazzjoni pubblika għalqet u beda l-proċess sabiex jiġi aġġornat il-Pjan skont il-feedback riċevut. Ġiet ippubblikata l-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma. | Ġiet imnedija uffiċjalment l-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Enerġija u l-Ilma għas-snin li ġejjin filwaqt li ġiet imħabbra l-iskema sabiex jiġu megħjuna attivitajiet ta' riċerka fl-oqsma tal-enerġija u l-ilma. | | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Il-pubbliku | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |
| **18**<br>Tiġi introdotta proċedura ġdida sabiex l-ittestjar tal-kwalità tal-fuel jibda jsir mill-Enemed minflok minn kumpaniji esterni. B'hekk ikun hemm kontroll u monitoraġġ aħjar fuq il-kwalità tal-fuel filwaqt li permezz ta' dan il-proċess l-ilmenti tal-klijenti jiġu indirizzati f'inqas żmien. | Wara li fl-2019 saru l-analiżi tal-proċeduri interni, kompla l-ittestjar tal-proċedura l-ġdida sabiex tiġi determinata u titjieb il-kwalità tal-fuel imqassam fil-pompi. | Bdiet tintuża l-proċedura l-ġdida tal-ittestjar u monitoraġġ ta' fuel imqassam fil-pompi. | | |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**<br>Kull min jixtri fuel mill-pompi. | | **KUMMENTI**<br>Implimentata | |

## 30

Jissaħħaħ il-mekkaniżmu ċentrali ta' kif tinġabar l-informazzjoni u d-dejta relatata ma' aspetti ta' żvilupp sostenibbli. B'hekk l-amministrazzjoni pubblika tkun xprunata u assistita kif meħtieġ sabiex jinkisbu riżultati itjeb għal pajjżna.

**KWART 1**
JANNAR - MARZU

Inkisbet l-informazzjoni dwar ir-ratings u r-rankings ta' Malta skont l-Indikaturi tal-Iżvilupp Sostenibbli. Sar workshop mal-Focal Points tal-Iżvilupp Sostenibbli fil-Ministeri b'kollaborazzjoni mal-OECD. Bdew laqgħat mal-Ministeri bi tħejjija għall-business plans tal-Baġit. Saret ukoll kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Finanzi sabiex jiġi aġġornat it-template għall-proposti tal-miżuri tal-Baġit sabiex ikun hemm informazzjoni dwar il-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli.

**KWART 2**
APRIL - ĠUNJU

Komplew il-laqgħat mal-Ministeri b'kollaborazzjoni mal-NSO. Beda jiġi identifikat x'inhu mistenni mill-Ministeri rispettivi fejn jidħlu Miri ta' Żvilupp Sostenibbli.

**KWART 3**
LULJU - SETTEMBRU

Komplew isiru laqgħat mal-Ministeri fejn ġiet diskussa l-kumpilazzjoni ta' dejta rigward il-miżuri tal-Baġit b'kollaborazzjoni mal-NSO. Saru diversi laqgħat mal-Ministeri filwaqt li l-workshop tal-SD Focal Points b'kollaborazzjoni mal-OECD ġie skedat għal Settembru 2020 fejn ġie mfassal il-programm u l-aġenda.

**KWART 4**
OTTUBRU - DIĊEMBRU

Sar il-workshop mal-SD Focal Points u Segretarji Permanenti. Sar l-analiżi u ġie konkluż l-eżerċizzju tal-miżuri tal-Baġit 2021, fejn ġew allineati mal-prinċipji tal-Iżvilupp Sostenibbli skont il-Viżjoni 2050, u dawn ġew trażmessi lill-Ministeri kollha. B'hekk issaħħaħ il-mekkaniżmu ċentrali ta' kif tinġabar l-informazzjoni u d-dejta relatata mal-aspetti ta' żvilupp sostenibbli.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-Ministeri u d-Dipartimenti rispettivi.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 59

Tiġi introdotta sistema ċentrali ta' komunikazzjoni bejn Parks Malta, il-kunsilli lokali u r-reġjuni rispettivi sabiex jiġu faċilitati proċeduri użati u b'hekk jitwettqu aktar proġetti siewja ta' tisbiħ fil-bosta rħula f'Malta u f'Għawdex.

**KWART 1**

Beda l-abbozzar tal-Memorandum of Understanding (MoU) bejn Parks Malta u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali abbażi tal-proċedura maqbula.

**KWART 2**

Kompla l-abbozzar tal-MoU bejn Parks Malta u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali abbażi tal-proċedura maqbula.

**KWART 3**

Tlesta l-abbozzar tal-MoU bejn Parks Malta u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali abbażi tal-proċedura maqbula sabiex dan l-MoU jiġi ffirmat.

**KWART 4**

Ġie rivedut l-MoU mill-Ministeru konċernat wara li ġie pprovdut il-feedback mill-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-pubbliku

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

# MFE

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | KWART 1 JANNAR - MARZU | KWART 2 APRIL - ĠUNJU | KWART 3 LULJU - SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **6** Jibda proċess ta' diġitalizzazzjoni tad-dokumenti kollha tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Taxxi. B'hekk ikun hemm sistema waħda uniformi f'dan l-Uffiċċju taż-żamma tad-dokumenti uffiċjali u tal-arkivjar ta' oħrajn. Dan ikun ifisser frankar ta' proċessi u ħin kif ukoll ta' spejjeż fl-operat. | Bdiet l-analiżi tad-dokumenti li għandhom jinżammu mid-Dipartiment u dawk li jistgħu jiġu diġitizzati. | Saru diskussjonijiet biex jiġu miftiehma l-kundizzjonijiet u liema dokumenti għandhom jiġu diġitizzati, minflok il-blue files li ġew użati s'issa. | Filwaqt illi kompla l-proċess ta' diġitizzazzjoni tad-dokumenti, saru laqgħat mal-entitajiet diversi sabiex jiġi analizzat liema proċess huwa l-aħjar biex jaqdi l-ħtiġijiet tas-CfR, anke minħabba l-kumplessità fl-użu tad-dokumenti miżmuma. Saru wkoll preparazzjonijiet għal sejħa għall-offerti biex tingħażel kumpanija li tieħu ħsieb l-iscanning tad-dokumenti għall-arkivjar ta' dokumenti li jmorru lura diversi snin. | Id-diġitizzazzjoni tad-dokumenti tlestiet u d-dokumenti ttellgħu online. Il-proċess ta' scanning ta' dokumenti antiki bi skop ta' arkivjar għadu għaddej. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** Il-ħaddiema tal-Uffiċċju għall-Kummissarju għat-Taxxi. | | **KUMMENTI** Fil-proċess li tiġi implimentata. | |
| **7** Tiddaħħal sistema ta' stock management diġitali fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Taxxi sabiex isir użu aħjar tar-riżorsi pubbliċi. Permezz ta' din is-sistema ser jiġu introdotti proċessi diġitali fejn jidħlu akkwisti minn dan l-Uffiċċju li għandu jwassal għal kontroll aħjar fl-infiq. | Beda l-mapping tal-proċess marbut mal-istock management fid-Dipartiment bil-għan li titfassal Standard Operating Procedure dwar dan il-proċess. Bdiet ukoll l-installazzjoni tal-Corporate Financial Management Solution fid-Dipartiment, liema sistema tinkludi l-modulu dwar stock management. | Saret stocklist u stocktake tal-oġġetti li hemm sabiex isir ir-recording tal-items u tkun tista' tibda tiġi popolata s-sistema bl-informazzjoni. Beda jingħata taħriġ lill-impjegati li se jużaw is-sistema. | Tlesta t-taħriġ lill-impjegati li ser jużaw is-sistema. Ġew indirizzati xi problemi tekniċi żgħar b'konsultazzjoni mal-impjegati tat-Teżor. | Wara verifika, is-sistema l-ġdida ta' stock management bdiet titħaddem b'suċċess. |
| | **NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI** Il-ħaddiema tal-Uffiċċju għall-Kummissarju għat-Taxxi. | | **KUMMENTI** Implimentata | |

| | KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|---|
| **8**<br>B'mod elettroniku jibda jinħareġ Ċertifikat ta' Residenza għall-iskop ta' taxxa fuq id-dħul għall-kumpaniji. B'hekk titnaqqas il-burokrazija għall-kumpaniji bbażati f'Malta minħabba li dan il-proċess jibda jsir kompletament b'mezzi diġitali. | Inżammew laqgħat mal-Business 1st fejn ġew spjegati l-għanijiet tal-miżura. Saru wkoll laqgħat mal-istakeholders konċernati, fosthom il-Malta Institute of Taxation, il-Malta Institute of Accountants, u l-Institute of Financial Services Practitioners, dwar l-għoti ta' dan is-servizz. Tfassal ukoll id-dokument li juri l-informazzjoni li se tintalab mit-tax practitioner biex ikun jista' japplika għaċ-Ċertifikat ta' Residenza. | Saru laqgħat mal-MITA biex jiġi spjegat kif is-sistema tista' tiġi awtomatizzata. Ġew aġġornati l-Linji Gwida marbuta ma' dan is-servizz ġdid kif ukoll dawk marbuta mal-komunikazzjoni elettronika. | Saret laqgħa oħra mal-għaqdiet li jirrappreżentaw il-professjonisti tat-taxxa u ġie komunikat lilhom kif ser taħdem l-applikazzjoni online kif ukoll il-format taċ-ċertifikat (bil-QR Code) li ser jintuża għaċ-ċertifikat ta' residenza. Specimen taċ-ċertifikat li juża l-QR Code ġie ppreparat biex jintbagħat lill-pajjiżi kollha li Malta għandha magħhom ftehim dwar il-ħelsien mit-taxxa doppja biex jiġu infurmati bil-format il-ġdid taċ-ċertifikat. | Tlesta x-xogħol tal-iżvilupp tal-applikazzjoni elettronika kif ukoll il-User Acceptance Testing. Intbagħat l-ispecimen taċ-Ċertifikat lill-pajjiżi kollha li Malta għandha ftehim magħhom dwar il-ħarsien mit-taxxa doppja. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Il-kumpaniji kollha residenti f'Malta u r-rappreżentanti tagħhom għall-fini ta' taxxa.

**KUMMENTI**

Implimentata

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **9**<br>Jiġi introdott proċess diġitali ta' kif in-Nutara jibdew jirreġistraw id-dikjarazzjonijiet Causa Mortis online. Dan għandu jħaffef ix-xogħol għan-Nutara, għall-klijenti tagħhom kif ukoll għall-impjegati tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. | Bdew id-diskussjonijiet dwar il-proċessi stabbiliti bejn id-Dipartiment, il-MITA u l-Kunsill Notarili sabiex titfassal it-triq 'il quddiem dwar kif ser tiġi implimentata din is-sistema diġitali. | Id-diskussjonijiet mal-MITA u man-Nutara kellhom jiġu sospiżi minħabba xogħol aktar urġenti min-naħa tal-MITA relatat mal-Covid-19. | Saru diskussjonijiet mal-MITA sabiex isir studju ta' kif għandu jiġi żviluppat il-back end tad-Dipartiment biex ikun jista' jsostni s-sistema online min-naħa tan-Nutara. | MITA qed janalizzaw it-tibdil meħtieġ fil-back end tad-Dipartiment biex ikunu jistgħu jibnu s-sistema online tal-Causa Mortis. Saru wkoll diskussjonijiet mal-Kunsill Notarili. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 350 nutar.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## MIŻURA ADDIZZJONALI 11

Tiġi introdotta sistema awtomatika ta' reminders li permezz tagħha individwi li jilħqu ftehim sabiex iħallsu l-pagamenti mensili dovuti jiġu mfakkra biex jagħmlu dan qabel id-data finali tal-pagament. Dawk li jsegwu din in-notifika ma jeħlux interessi bla bżonn fuq l-ammont tat-taxxa li għandhom iroddu u b'hekk id-Dipartiment ikun qed jiżgura aktar compliance.

**KWART 1** JANNAR - MARZU

Saru diskussjonijiet interni mat-tim tal-ġbir tal-pagamenti biex tinkiseb aktar informazzjoni dwar kif tiġi applikata din il-miżura, fosthom min għandu jirċievi r-reminders u frekwenza. Wara diskussjonijiet mat-tim tal-IT, ġew finalizzati l-business rules li jirregolaw kif se titħaddem is-sistema.

**KWART 2** APRIL - ĠUNJU

Saru diskussjonijiet intensivi mat-tim tal-IT u saret l-ewwel verżjoni tal-enhancements fis-sistema tad-Debt Management għal sistema awtomatika.

**KWART 3** LULJU - SETTEMBRU

Wara user acceptance testing, bdew isiru l-aġġustamenti meħtieġa biex titjieb is-sistema.

**KWART 4** OTTUBRU - DIĊEMBRU

Kompla l-ittestjar tas-sistema u ġie varat is-servizz ġdid.

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 33,273 individwu li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw fuq il-kontijiet tat-taxxa personali tagħhom u madwar 12,136 sole trader li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw fuq il-bilanċi tal-VAT.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 13

Titfassal policy ġdida dwar iż-żamma tad-dokumenti kif ukoll Standard Operating Procedures fejn jidħlu dokumenti finanzjarji li jridu jinżammu skont regoli nazzjonali. Il-policy u l-SOPs ikunu jkopru d-dipartimenti kollha taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru. Permezz ta' din l-inizjattiva tiddaħħal aktar trasparenza u governanza fil-Ministeru fir-rigward taż-żamma ta' dokumenti ta' natura finanzjarja. Dan il-proġett ikun meqjus bħala proġett pilota li mbagħad jiġi implimentat mal-Ministeri kollha.

**KWART 1**

Bdew jiġu identifikati liema dokumenti finanzjarji ser jiġu kkunsidrati li jaqgħu taħt il-politika l-ġdida. B'hekk ikun jista' jinħareġ l-indikatur marbut ma' kemm dokumenti finanzjarji ser jiġu studjati biex jiġi stabbilit jekk hemmx politika u prattiki attwali ta' żamma ta' dak id-dokument partikolari.

**KWART 2**

Tlestiet l-identifikazzjoni tad-dokumenti finanzjarji li ser jiġu kkunsidrati fil-politika l-ġdida u nkisbet l-approvazzjoni tal-lista finali. Beda l-proċess sabiex, għal kull dokument finanzjarju identifikat, jiġi stabbilit jekk hemmx politika u prattiki attwali ta' żamma ta' dak id-dokument partikolari.

**KWART 3**

Kompla l-proċess sabiex, għal kull dokument finanzjarju identifikat, jiġi stabbilit jekk hemmx politika u prattiki attwali ta' żamma ta' dak id-dokument partikolari.

**KWART 4**

Tlesta r-rapport b'numru ta' rakkomandazzjonijiet u t-triq 'il quddiem proposta għal diskussjoni interna.

B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Is-Servizz Pubbliku.

**KUMMENTI**

Fil-proċess li tiġi implimentata.

## 14

Ser jiġi introdott il-kunċett ta' performance information f'oqsma identifikati sabiex jiġi żgurat aktar valur għall-flus u li l-fondi allokati fil-Baġit jintużaw bl-aktar mod effiċjenti u effettiv. L-infiq ser jibda jitkejjel skont il-miri speċifiċi b'tali mod li jiġu faċilitati d-deċiżjonijiet meħtieġa meta jkun qed jiġi ppreparat il-qafas tal-Baġit għas-snin ta' wara. Huwa mistenni wkoll li n-nefqa pubblika tibda tkun aktar iffukata fl-oqsma li jkunu qed jirrendu r-riżultati filwaqt li jiġu indirizzati l-oqsma fejn dan jista' jsir aħjar. L-għan ta' din il-miżura huwa wkoll li tiddaħħal aktar trasparenza u governanza fl-amministrazzjoni pubblika.

| KWART 1<br>JANNAR - MARZU | KWART 2<br>APRIL - ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU - SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU - DIĊEMBRU |
|---|---|---|---|
| Ġew definiti l-oqsma fejn ser jiġi applikat il-kunċett tal-performance information u bdew isiru working sessions fuq l-ewwel żewġ oqsma identifikati fejn ser tkun qed tiġi applikata l-performance information. | Komplew il-working sessions fl-oqsma l-oħra identifikati fejn ser tkun qed tiġi applikata l-performance information. | Komplew il-working sessions fl-oqsma l-oħra identifikati fejn ser tkun qed tiġi applikata l-performance information. | Ġew definiti l-qafas,l-għodda u r-riżorsi umani sabiex jitħaddem il-performance information. Permezz ta' din il-miżura jkun twettaq il-mekkaniżmu relevanti u dan ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment konċernat. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Ministeri, dipartimenti u entitajiet fl-amministrazzjoni pubblika.

**KUMMENTI**

Implimentata

## 15

Tiġi introdotta s-sistema ta' eAuctions għal ċerti sejħiet pubbliċi sabiex jinkiseb aktar valur għall-flus. B'hekk tkun disponibbli għodda oħra fejn is-Servizz Pubbliku jiżgura aktar kompetizzjoni, effettività u valur miżjud fejn jidħol l-għoti ta' kuntratti.

| KWART 1 | KWART 2 | KWART 3 | KWART 4 |
|---|---|---|---|
| Bdew jiġu identifikati s-sejħiet pubbliċi li għalihom tista' tiġi applikata l-għodda ġdida u li għalihom ikun jista' jinħareġ l-indikatur marbut mal-prestazzjoni finanzjarja bħala linja bażi peress li dan jiddependi fuq l-akkwist partikolari li se jintuża għall-eAuctions. | Sar rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar liema huma s-sejħiet pubbliċi li fuqhom tista' tiġi applikata din l-għodda ġdida. Beda proġett pilota bl-użu tal-għodda l-ġdida fuq id-demo environment u dan sabiex wieħed ikun jista' jara kif ser jaħdem dan il-mekkaniżmu ġdid. | Kompla l-proġett pilota u saru laqgħat mal-Ministerial Procurement Units sabiex jiġu identifikati l-proċeduri ta' xiri pubbliku bis-sistema tal-eAuction. | Ġew aġġornati r-Regoli Ġenerali li Jiggvernaw Sejħiet għal Offerti sabiex ikunu relevanti wkoll għal sejħiet għal offerti li jużaw l-eAuction. |

**NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI**

Madwar 18,074, bejn l-operaturi ekonomiċi u awtoritajiet konċernati.

**KUMMENTI**

Implimentata

# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2015 LI TWETTQU FL-2020

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **503** | | | | |
| Applikazzjoni online għal Driving Learner Permit u għat-Test Prattiku tas-sewqan | MTIP | Din il-miżura twettqet f'Ġunju 2020. | Il-pubbliku | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2017 LI TWETTQU FL-2020

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **127** Introduzzjoni ta' software li se jgħin lill-kliniċi biex ikunu f'pożizzjoni li jissottomettu l-formolarju kollu tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun b'mod elettroniku. Dan se jgħin fl-effiċjenza dwar kif dejta tal-pazjenti bejn il-kliniċi u l-Awtorità tiġi proċessata. | MFH | Din il-miżura twettqet f'Novembru 2020. | Il-kliniċi liċenzjati li jipprovdu s-servizz tal-IVF. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2018 LI TWETTQU FL-2020

| MIŻURA ADDIZZJONALI | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **15** Identifikazzjoni ta' żona ġdida tal-akkwakultura fit-Tramuntana ta' Malta. Din iż-żona se tiġi identifikata fid-dawl tal-istrateġija nazzjonali dwar l-akkwakultura. Din se tkun ta' benefiċċju wkoll għar-rilokazzjoni tal-operatur fis-settur tat-tonn fit-Tramuntana ta' Malta. | MAFA | Din il-miżura twettqet f'Mejju 2020. | Il-pubbliku | Implimentata |
| **3** Kumpless ġdid f'Ħal Far biex jilqa' fih il-Canine Unit. Se jinxtraw ukoll tmint iklieb, jiġu ingaġġati tmien dog handlers u canine team instructor, u jingħata taħriġ professjonali kemm lill-canine team kif ukoll lill-instructor. | MFE | Din il-miżura twettqet f'Lulju 2020. | Il-passiġġieri kollha li jgħaddu mill-ajruport waqt operazzjonijiet li jsiru mill-Canine Unit. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MIS-SENA 2019 LI TWETTQU FL-2020

| MIŻURA GĦAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **73** Isir review tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej bil-għan li, fejn possibbli, jiġu simplifikati l-proċessi għal użu faċli u aċċessibbiltà akbar. | MFEA | Din il-miżura twettqet f'Ottubru 2020. | Il-klijenti li jużaw is-servizzi mogħtija mill-Ministeru. | Implimentata |
| **39** Tiġi introdotta sistema elettronika fl-amministrazzjoni pubblika fejn jidħlu applikazzjonijiet għal Cultural Leave. Sal-lum dan il-proċess huwa kollu manwali bl-ipproċessar ta' dokumenti fiżiċi. Il-proċess ser jiġi redesigned sabiex isir online u b'hekk ikun simplifikat u aktar effiċjenti. | MHAL | Din il-miżura twettqet f'Novembru 2020. | Persuni li ġew affettwati minn din il-miżura huma l-impjegati tas-Servizz Pubbliku. | Implimentata |
| **72** Isir review tal-operat tal-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern li jwassal għal simplifikazzjoni fil-proċessi interni kif ukoll bidla fl-istruttura amministrattiva li tindirizza l-ħtiġiet ta' dan l-Uffiċċju. | MJEG | Din il-miżura twettqet f'Mejju 2020. | Impjegati tal-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern u klijenti li jużaw is-servizzi tal-Uffiċċju. | Implimentata |
| **6** Tiġi introdotta sistema ġdida li tissimplifika l-operat tal-impjegati fis-settur pubbliku billi, permezz tal-Modern Workplace, l-impjegati jkollhom il-faċilità ta' aċċess għad-dokumenti u sistemi tal-kompjuter minn kullimkien, f'kull ħin u kif ukoll minn diversi apparat tal-kompjuter (bħal desktops, laptops, mobiles u tablets) b'mod sigur. Din is-sistema ser toffri wkoll għodod diġitali ġodda oħra. | MEI | Din il-miżura twettqet f'Novembru 2020. | L-impjegati tas-Servizz Pubbliku. | Implimentata |

| | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **8**<br>Jiġi simplifikat u mqassar il-proċess tal-applikazzjoni għall-ħruġ tal-passaporti lil persuni li jgħixu Malta u mhumiex ċittadini Maltin, iżda li ġejjin minn pajjiżi terzi u li m'għandhomx passaport validu. Permezz ta' din il-miżura l-applikanti mhux ser ikollhom bżonn aktar iżuru uffiċini differenti sabiex jiġu proċessati l-formoli meħtieġa iżda dawn ser jibdew jiġu proċessati kollha minn Identity Malta. | MHSE | Din il-miżura twettqet f'Marzu 2020. | Applikanti li jgħixu Malta u li mhumiex ċittadini Maltin u li ġejjin minn pajjiżi terzi. | Implimentata |
| **34**<br>Isir ir-roll out tas-sistema l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern fid-dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Din ser twassal għal simplifikazzjoni fil-proċess kif ukoll konformità u kontabilità fl-amministrazzjoni tal-ivvjaġġar tal-gvern. | MHSE | Din il-miżura twettqet f'Novembru 2020. | Ħaddiema tad-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru. | Implimentata |
| **70**<br>Isir review tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu bil-għan li, fejn possibbli, ikun hemm simplifikazzjoni tal-proċessi involuti. | MTCP | Din il-miżura twettqet f'Novembru 2020. | Il-klijenti li jużaw is-servizzi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. | Implimentata |
| **14**<br>Jiġi introdott id-Digital Logbook fil-Ministeru. Dan ser isir sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-immaniġġar tas-sistema tal-vetturi kollha tiegħu. L-ewwel parti tal-proġett ser tkun proġett pilota għall-vetturi tal-Ministeru. Wara, din is-sistema tiġi rolled out għad-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Bis-saħħa ta' din is-sistema l-proċess manwali ser jitneħħa kompletament u fl-istess waqt ikun hemm aktar trasparenza u kontabilità. | MESD | Din il-miżura twettqet f'Mejju 2020. | L-impjegati tal-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli. | Implimentata |

| | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **16** Bil-għan li titjieb il-ħidma u s-servizzi mogħtija mill-ARMS, ser issir analiżi u business process re-engineering tal-client facing services kollha tagħha. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn dan il-proċess ta' review għandu jwassal għal titjib fis-servizzi, aktar servizzi elettroniċi, servizzi mogħtija fi żmien aqsar u sistemi simplifikati għall-benefiċċju tal-pubbliku. | MESD | Din il-miżura twettqet f'Ottubru 2020. | Il-pubbliku | Implimentata |
| **22** Wara li matul l-2018 beda l-proċess biex ċerti proċessi mħaddma mill-Income Tax u mill-VAT jiġu integrati flimkien, issa ser tiġi introdotta l-faċilità ta' programm ta' ħlas mensili online għall-individwi fuq il-kont personali tagħhom u għall-individwi reġistrati għall-VAT. | MFE | Din il-miżura twettqet f'Lulju 2020. | Madwar 33,273 individwu li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw u 12,136 sole trader fuq il-bilanċi tal-VAT. | Implimentata |
| **25** Jiżdiedu aktar servizzi elettroniċi mogħtija mid-Dipartiment għar-Revenue. Ser tiġi introdotta sistema online biex persuna tapplika għal Tax Clearance Certificate. | MFE | Din il-miżura twettqet f'Ġunju 2020. | Persuni li huma reġistrati għat-taxxa. | Implimentata |
| **26** Tiġi żviluppata pjattaforma komuni għas-servizzi online tal-Uffiċċju tal-Commissioner for Revenue u jiġu implimentati s-servizzi online tal-individwi fosthom is-sottomissjoni tal-Income Tax Return. Sal-lum, individwu jrid bilfors iċempel lid-Dipartiment biex jikseb l-informazzjoni. Issa din ser tkun aċċessibbli b'mod elettroniku xħin hu jeħtieġha. | MFE | Din il-miżura twettqet f'Ġunju 2020. | Persuni li huma reġistrati għat-taxxa. | Implimentata |

| | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **69** Isir operational review tas-servizzi mogħtija lill-klijenti tad-Dipartiment tad-Dwana. L-għan huwa li jiġu simplifikati l-proċessi interni, ikun evitat li informazzjoni li diġà hija aċċessibbli għall-Gvern terġa' tintalab lill-klijenti, kif ukoll tiżdied l-aċċessibbiltà għall-klijenti biex dawn jingħataw servizz f'waqtu b'mod effiċjenti. | MFE | Din il-miżura twettqet f'Ġunju 2020. | Il-klijenti kollha li jużaw is-servizzi tad-Dipartiment tad-Dwana. | Implimentata |

| MIŻURA ADDIZZJONALI | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA’ PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **3**<br>Issir librerija ġdida għall-uffiċjali pubbliċi li tinkludi l-possibilità ta’ aċċess għal kotba, journals u anke sorsi online. Permezz ta’ dan il-proġett l-uffiċjali pubbliċi jkollhom spazju fejn jista’ jsir qari u riċerka li jgħinhom fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom. | OPM | Din il-miżura twettqet f’Settembru 2020. | Uffiċjali Pubbliċi | Implimentata |
| **69**<br>Issir ħidma ffukata sabiex ikun hemm reviżjoni ta’ proċessi u sistemi bil-għan li jinkiseb iċ-ċertifikat ta’ kwalità ISO 27001 (Information Security Management System - ISMS). Bis-saħħa ta’ dan il-proċess id-Dipartment ser ikun f’pożizzjoni aħjar biex jamministra l-informazzjoni finanzjarja, proprjetà intellettwali, dettalji tal-impjegati u informazzjoni fdata lilu minn terzi. | MFH | Din il-miżura twettqet f’Lulju 2020. | L-impjegati kollha tal-Health Care Funding Department u ċ-ċittadini tal-UE li jużaw is-servizzi. | Implimentata |
| **105**<br>Jitwaqqaf Unit ta’ Ġestjoni ta’ Kriżijiet. Dan il-unit ikun il-punt ta’ referenza biex jiġu assistiti Maltin li jinsabu f’xi pajjiż barrani meta jinqalgħu sitwazzjonijiet ta’ emerġenza f’dak il-pajjiż. | MFEA | Din il-miżura twettqet f’Ottubru 2020. | Kull Malti u Għawdxi li jkun imsiefer u li jsib ruħu f’xi sitwazzjoni ta’ emerġenza. | Implimentata |
| **59**<br>Jiġu konsolidati d-databases użati bħalissa u li fihom jinżammu records dwar każijiet ta’ arbitraġġ fil-Malta Arbitration Centre. Permezz tas-sistema l-ġdida ser jiġu konsolidati wkoll il-proċessi interni sabiex b’hekk jitħaffef ix-xogħol u l-informazzjoni tkun provduta online. | MJEG | Din il-miżura twettqet f’Ġunju 2020. | Il-pubbliku | Implimentata |
| **9**<br>Wara t-twaqqif tagħha fl-2018, il-Malta Digital Innovation Authority ser tirrinova l-binja li minnha topera. | MEI | Din il-miżura twettqet f’Lulju 2020. | L-impjegati tal-MDIA u l-pubbliku. | Implimentata |

| | MINISTERU | META ĠIET IMPLIMENTATA | NUMRU TA' PERSUNI AFFETTWATI FEJN APPLIKABBLI | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| **90** Jiġu installati mobile charging points fit-Terminal tal-Imġarr, Għawdex, kif ukoll fit-Terminal taċ-Ċirkewwa, Malta. | MGOZ | Din il-miżura twettqet f'April 2020. | Il-pubbliku u viżitaturi b'mod partikolari dawk kollha li ser jagħmlu użu mit-terminals tal-portijiet tal-Imġarr f'Għawdex kif ukoll taċ-Ċirkewwa f'Malta. | Implimentata |
| **58** Isir titjib fis-sistema tal-Emerġenza tal-112 sabiex ikun hemm kordinament aħjar u aktar effettiv meta jkun hemm il-ħtieġa ta' ntervent f'xi emerġenza. | MHSE | Din il-miżura twettqet f'Settembru 2020. | Id-Dipartiment tal-Emerġenza fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-pubbliku ġenerali. | Implimentata |
| **22** Tinħareġ skema ġdida li permezz tagħha jiġu megħjuna għaqdiet sportivi reġistrati sabiex dawn jinvestu fl-enerġija alternattiva. | MESD | Din il-miżura twettqet f'Lulju 2020. | L-għaqdiet sportivi. | Implimentata |
| **25** Isiru xogħlijiet għat-tneħħija ta' ħafna mill-arbli tad-dawl u tal-linji tad-dawl ta' 33kV bejn il-Mellieħa u ċ-Ċirkewwa u bejn Ħal Tarxien u Ħal Far. | MESD | Din il-miżura twettqet f'Ottubru 2020. | Il-pubbliku | Implimentata |

# Ħidma tas-Servizz Pubbliku

FL-AĦĦAR TNAX-IL XAHAR

SERVIZZ PUBBLIKU
dejjem miegħek